# ĠUSTIZZJA – IMPENN – SOLIDARJETÀ



***Patri Ġwann Xerri OP*** twieled fil-Belt Valletta fid-19 ta' Mejju 1947. Fl-1964 beda n-novizzjat fl-Ordni Dumnikan fil-kunvent ta' Gwardamanġa. Huwa għamel il-professjoni sempliċi fis-26 ta' Settembru 1965 u rċieva l-ordinazzjoni Saċerdotali fl-14 ta' Marzu 1971. F'Lulju tal-1974 mar il-Brażil u ngħaqad mal-missjunarji Dumnikani Maltin. Il-ħidma għall-Ġustizzja u l-Paċi mmarkat il-ħajja ta' Patri Ġwann. Huwa qeda diversi uffiċċji tal-Ordni fil-Brażil u fl-2001 ġie maħtur biex ikun is-Soċju tal-Majjistru Ġenerali tal-Ordni Dumnikan għar-reġjun tal-Amerika Latina u l-Karibew. Huwa dam f'din il-kariga sal-2008, fejn matul dan iż-żmien dar il-pajjiżi kollha ta' dan ir-reġjun. Huwa ġie mogħti ċ-ċittadinanza onorarja tal-Belt ta' Sao Paulo fil-Brażil fit-22 ta' Marzu 2002. Kien fit-30 ta' Mejju 2021 fl-għomor ta' 74 sena li l-Mulej sejjaħlu għal ħdejh wara xahar fl-isptar ta' Goiania, fil-Brażil. Fit-13 ta' Diċembru 2021 il-Gvern ta' Malta rrikonoxxa l-ħidma fejjieda li wettaq Patri Ġwann fil-missjoni u tah l-Ordni tal-Mertu tar-Repubblika ta' Malta.

sena XXXIV nru. 139
jannar – marzu 2022

# Ġustizzja – Impenn – Solidarjetà

## WERREJ

Fr Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1
Fr Constantine Mamo
**Il-ħsieb wara d-disinn tal-qoxra tar-rivista** 5
Maria Sant Fournier
**Patri Ġwann Xerri OP (1947-2021)** 7
Fr John Xerri OP
**Reflections on my recent nomination – 5th August 2001** 15
Nathalie Grima
**Vuċijiet in-Nisa – L-emanċipazzjoni tan-nisa f'Malta minn perspettiva post-sekulari** 19
Sammy Meilaq
**It-trejdunjoniżmu għad fadal żmienu?** 29
Mario Gerada
**One Bird's Song** 35
Prof. Carmel Borg
**Il-kuraġġ ċiviku u l-vjaġġatur li jgħallem mingħajr ma jaħkem** 39
Andrè Callus
**Il-ġlieda għal soċjetà msejsa fuq il-ħarsien** 47
Martin Gauci
**X'inhu t-teatru ta' Augusto Boal?** 55
Fr Raymond Gatt OP
**Papa Franġisku u t-Tagħlim Soċjali tal-Knisja** 63
Bernard Cauchi u Michael Galea
**Stedina għal Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta** 71
Fr Charles Tabone OP
**Il-Promozzjoni Umana fil-ħsieb ta' San Duminku u fl-Ordni tal-Predikaturi** 83
Fr Ivan Attard OP
**L-ispiritwalità tal-Ġustizzja u Paċi fl-Ordni Dumnikan** 97
Kontributuri 108

Rivista ta’ formazzjoni teoloġika
li tittratta temi ta’ duttrina biblika,
dommatika, morali u xjenzi umani

Toħroġ kull tliet xhur

*Bl-approvazzjoni tal-Knisja*

---

Direzzjoni – Redazzjoni – Amministrazzjoni

Knisja 2000
Kunvent Patrijiet Dumnikani
Triq San Duminku
Valletta VLT 1603

---

Editur: P. Raymond Gatt O.P.
gattrayop@yahoo.com

---

Setting: Joe Cassar
Cover design: Mark Mercieca. Front picture: Fr Constantine Mamo OP
Stampat: Printcare, San Ġwann. Tel. 21 497206
Copyright: Pubblikazzjonijiet Dumnikani

*Editorjal*

# Ġustizzja – Impenn – Solidarjetà

Fr Raymond Gatt OP

Jekk kien hemm ħidma li Patri Ġwann Xerri OP wettaq kienet bla dubju l-ħidma għall-ġustizzja. Huwa impenja ruħu ħajtu kollha biex issir il-ġustizzja u fl-istess ħin kien dejjem f'solidarjetà ma' dawk li kienu qed ibatu mill-inġustizzji. Bħala Dumnikan, Patri Ġwann kien iffurmat fil-kelma t'Alla u fit-tagħlim soċjali tal-Knisja, u dawn kienu għalih ta' gwida fil-ħidma tiegħu biex tintlaħaq il-ġustizzja.

Il-ġustizzja soċjali hija waħda mit-temi fundamentali tal-Bibbja. Din dejjem iġġib fuq quddiem nett lil dawk li huma oppressi u li jduru lejn Alla fit-talb (Salm 9:10,22). Fil-perspettiva biblika l-ġustizzja tfisser dak li hu sewwa, qdusija, rettitudni u perfezzjoni. Hija attribut t'Alla u proprjetà tiegħu: hu waħdu hu ġust tassew (Salm 11:7). Alla nnifsu huwa l-mudell tal-imħallef ġust (Salm 9:5; 33:5; 36:6; 37:6). Skont il-viżjoni biblika l-eżerċizzju totalitarju tal-poter dejjem jispiċċa fl-inġustizzja soċjali (I Sam 8; 2 Slat 24-25). Il-vera sultan ta' Iżrael u tal-univers kollu huwa Alla (Salm 95-99). Il-bniedem hu wkoll ġust jekk jimxi sewwa u bir-reqqa mal-liġi t'Alla (Ġob 22:3; 34:5; 35:7; Salm 1:5; 5:13).

Il-ġustizzja t'Alla ma tistax tirriduċiha għall-att ta' ħaqq, imma lejn il-fedeltà kollha ħniena għar-rieda t'Alla. Il-profeti kienu voċiferi kontra liġijiet u mħallfin inġusti (Is 10:1; Għam 5:7,15). Fil-fatt il-profeti, bħal Isaija u Għamos dejjem jitkellmu f'isem il-foqra u l-emarġinati jiġifieri dawk li jagħmlu parti mill-gruppi dgħajfa tas-soċjetà. Alla ħalaq l-univers u l-umanità, u l-ħajja u l-kuntentizza tal-popli tiegħu huma għalih l-ikbar xewqat.

Ġesù Kristu f'tagħlimu jsawwar etika Kristjana ta' mħabba. Ġesù jitkellem fuq ġustizzja bħala fedeltà lejn il-liġi, il-ħajja morali bħala ġustizzja tassew u l-ubbidjenza spiritwali għall-kmandamenti t'Alla.

Ġesù jiżviluppa l-idea tas-'saltna t'Alla' billi t-tagħlim tiegħu jisħaqq fuq il-ġustizzja soċjali (Mk 10:42-44). Il-ġust hu l-bniedem li jagħmel is-sewwa u jimxi bir-reqqa skont il-liġi ta' Alla (I Ġw 3:7; Mt 1:10; 23: 35; Lq 1:6; 2:25). L-espressjoni *'tagħmel il-ġustizzja'* (Mt 5:10, 20; 6:1, 33) tfisser *'tagħmel is-sewwa'* jew *'tagħmel it-tajjeb'*. Ġesù jħeġġeġ biex issir ġustizzja u biex tingħata l-għajnuna lil min qiegħed fil-faqar. Dan hu spjegat b'mod ċar fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb (Lq 10:29-37).

Skont S. Pawl il-ġustizzja t'Alla hi l-wirja tal-ħniena u l-imħabba tiegħu lejna (Rum 3:25-26; 5:8; 11:6). Għal San Pawl, min jemmen tassew fi Kristu jirnexxielu jegħleb kull differenza soċjali u kulturali (Gal 3:28; Rum 12:4-8; I Kor 12). Alla jagħmilna ġusti, għax hu nnifsu ġust u ħanin fl-istess ħin; hu *'għani fil-ħniena'* (Ef 2:4). S. Pawl jitħadded fuq il-ħaqq ġust t'Alla li jippremja lil kull wieħed skont għemilu (2 Tes 1:5; Rum 2:5). Il-Knisja Appostolika tisħaq dwar il-moralità tal-għemejjel tal-bniedem (Mt 7:13; 13:49) u t-twaħħid tal-ġustizzja u l-messaġġ tal-Evanġelju dwar is-salvazzjoni permezz tal-fidi.

Il-ġustizzja hija virtù kardinali (flimkien mal-prudenza, il-fortitudni u t-temperanza) li ġġegħilna nagħtu lil kulħadd dak li ħaqqu, dak li hu dritt tiegħu – u din tissejjaħ ġustizzja kommutattiva jew legali. It-tħaddim tal-ġustizzja soċjali fis-soċjetà tiddependi mid-dritt u l-qawwa tas-sistema legali li hija bbażata fuq ir-relazzjoni bejn id-drittijiet u d-dmirijiet bejn il-persuni. Il-korruzzjoni, li invadiet kullimkien, hija waħda mill-kawżi ewlenin tal-faqar u tal-inġustizzja soċjali f'ħafna mill-pajjiżi minħabba li tferi l-qafas legali u morali tas-soċjetà. Il-vittimizzazzjoni tal-barranin, in-nisa u t-tfal, il-ħaddiema u l-ambjent, jibqgħu l-aspetti serji tal-inġustizzja soċjali; biżżejjed insemmu l-esplojtazzjoni ta' għexieren ta' tfal fid-dinja tal-lum. U hawn jidħol l-impenn u s-solidarjetà kontinwa lejn il-foqra.

Fit-tagħlim tiegħu Ġesù indirizza l-inġustizzja soċjali fejn tidħol l-ekonomija, billi jattakka l-għeruq tal-intenzjonijiet umani: il-biża' eċċessiv għas-sigurtà personali u r-regħba għall-affarijiet materjali (Mt 6:24). L-ewwel komunità Nisranija għexet il-modestja, billi l-membri kienu jaqsmu dak li jkollhom bejniethom u ma' min m'għandux (Atti 2:44). Il-viżjoni biblika għas-soċjetà ssib l-għeruq tagħha fil-ħrara biex

ikun hemm komunità perfetta ta' mħabba. Għall-Knisja s-soċjetà ġusta trid tinbena fuq is-solidarjetà, is-sussidjarjetà u l-promozzjoni umana bħala żvilupp uman u mhux ekonomiku biss. Bħala Nsara u nies ta' rieda tajba rridu nimpenjaw ruħna biex jintlaħaq dan l-ideal, biex verament ikun hemm tassew il-ġustizzja soċjali. Alla huwa ġust u s-sejħa tiegħu hija li nimitawh u niddedikaw ħajjitna biex naħdmu u nippromwovu l-ġustizzja.

F'dan il-volum tar-rivista *Knisja 2000*, intitolat *Ġustizzja-Impenn-Solidarjetà* nru.139, stedinna nies li kienu ħbieb ta' Patri Ġwann Xerri OP biex jagħtuna kontribuzzjoni fil-qasam tal-ħidma tagħhom u juru l-influwenza li ħalla fuqhom Patri Xerri fl-impenn tagħhom fejn jidħlu temi ta' ġustizzja. Nirringrazzja lil Michael Grech għall-għajnuna tiegħu. Niddedikaw din il-ħarġa lil dawk kollha li qed jaħdmu fil-qasam tal-ġustizzja.

## Referenzi

*Bibbja.*, Għaqda Biblika Maltija, 1996; *Fratelli Tutti.*, Papa Franġisku, 2020; *Compendium of the Social Doctrine of the Church.*, Pontifical Council for Justice and Peace, 2004; *Summa Theologiae.*, Thomas Aquinas; *The Routledge Guidebook to Aquinas' Summa Theologiae*, Jason T. Eberl, Routledge, London & New York, 2016; *The Ethics of Aquinas.*, edit. Stephen J.Pope, Georgetown University Press, Washington D.C., 2002; *Sħaħ fil-Fidi: il-Virtujiet fil-Ħajja tan-Nisrani.*, Pawl Cremona OP, CAK, 2004; *Hope in the Age of Despair.*, Albert Nolan OP, ST Pauls, Mumbai, 2012; *Reflections on Justice and Peace by the Order of Preachers.*, edit. Ivan Attard OP, Malta, 2021.

# Il-ħsieb wara d-disinn tal-qoxra tar-rivista

Fr Constantine Mamo OP

Meta ġejt mitlub nagħmel il-qoxra għal din il-ħarġa tal-*Knisja 2000* u li t-titlu se jkun Ġustizzja – Impenn – Solidarjetà, malajr ħsibt fit-Trinità qaddisa għaliex fiha jinsabu dawn it-tliet realtajiet u li nistgħu norbtuhom ma' Persuni differenti tat-Trinità. Hekk ħsibt li norbot il-Ġustizzja mal-Missier ħallieq, l-Impenn mal-Iben inkarnat u s-Solidarjetà mal-Ispirtu Qaddis.

Fid-disinn tiegħi l-id tirrappreżenta lill-Missier li fil-ħolqien sawwar il-bniedem mit-tajn tal-art u għamlu xbieha tiegħu biex jaqsam miegħu s-setgħa ħallieqa, id-divinità u l-imħabba tiegħu. Ir-riġel jirrappreżenta lill-Iben magħmul bniedem bħalna li għandu l-marka tas-sagrifiċċju li bih ta xhieda ta' mħabbtu għall-bnedmin kollha biex jeħlishom minn kull jasar frott id-dnub. In-nar jirrappreżenta lill-Ispirtu Qaddis t'Alla li ġie mogħti lilna bħala nar li jdawwal, isaħħan u jsaffi bla ma jeqred. L-għan tiegħu hu li jħeġġiġna biex inxerrduh ma' kullimkien billi nkunu nies li jippruvaw iħobbu lil xulxin bħalma jħobbna Alla nnifsu, permezz tal-Ġustizzja, l-Impenn u s-Solidarjetà fis-soċjetà tagħna. Ta' min jiftakar il-kelma ta' Ġesù: "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad!" (Lq 12, 49). L-isfond imbagħad hu kollu xbihat rettangolari ta' aħmar li jitħallat mal-isfar u li, għalkemm mhumiex forma ta' ilsna, iridu jirrappreżentaw in-nar jaqbad kullimkien.

Billi din il-ħarġa trid tfakkar il-persuna u l-ħidma ta' P. Ġwann Xerri OP nixtieq ngħid li kelli x-xorti li ngħix miegħu għal ħafna snin fil-Brażil u fil-Kurja Ġenerali tal-Ordni Dumnikan f'Ruma. Nista' ngħid bla tlaqliq li dawn ir-realtajiet tal-ġustizzja, impenn u solidarjetà, P. Ġwann għexhom b'dedikazzjoni sħiħa u mħabba. Għal ħafna snin kien Promutur tal-Ġustizzja u l-Paċi fil-Brażil, fl-Amerka Latina u fl-Ordni Dumnikan.

Ingħata b'ruħu u ġismu għal dan ix-xogħol mhux minħabba xi ideoloġija partikulari. Id-dedikazzjoni tiegħu kienet frott tal-fidi nisranija tiegħu. L-eżempju li fuqu kien jimxi kien dak ta' Ġesù, ta' San Duminku, u ta' oħrajn anke ta' żmienna. Għalih ġustizzja ma kinetx tant dik li tagħti lill-ieħor dak li ħaqqu, iżda li taqsam ma' ħaddieħor dak kollu li tista'. Tiġini f'moħħi l-armla li fit-teżor tat-tempju tefgħet żewġ muniti żgħar, jew skont kif interpretaha Ġesù "tat kulma kellha biex tghix" (Mk 12, 44). Hekk għamel P. Ġwann.

Ngħid dan mhux għax issa li ħalliena ngħidu biss it-tajjeb dwaru, iżda għaliex kelli x-xorti li ngawdi minn din il-ħidma. Min jaf kemm-il darba ddiskutejna u dawwalni fuq affarijiet li ma kontx naf jew affarijiet oħra li kont naf u li kien jurihomli minn perspettivi differenti. Għal dan nirringrazzja lil Alla u lilu.

# Patri Ġwann Xerri OP (1947-2021)

Maria Sant Fournier

## Daħla

Ġwann Xerri twieled il-Belt Valletta fid-19 ta' Mejju tal-1947 lill-ġenituri Annie née Cachia u Emmanuel Xerri. Kien l-ikbar fost seba' aħwa, ħamest ibniet u żewġ subien. Minn età żgħira wera x-xewqa li jsir saċerdot. Xi membri tal-familja, fosthom iz-zija Cecilia oħt ommu, rawmu fih l-ewwel imħabba u rispett lejn il-fqir u nies ta' karnaġġjon differenti.[1] Tgħallem sa minn kmieni li ħadd mhu inferjuri jew barrani. F'din il-kitba se nagħtu xi tagħrif bijografiku fuqu.

## Mad-Dumnikani

Ġwann Xerri daħal fin-novizzjat Dumnikan f'Settembru tal-1964 u rċieva l-ewwel professjoni f'Settembru ta' wara. Qaddes l-ewwel quddiesa bħala saċerdot Dumnikan fl-14 ta' Marzu 1971.

L-ewwel ħidma tiegħu kienet fil-kunvent tal-Lunzjata tal-Birgu, minn fejn kien imur jgħallem ir-reliġjon fil-kulleġġ San Albert il-Belt Valletta. Fil-Birgu kien għal qalbu ħafna u dam hemm tliet snin. Matulhom kien ingaġġat bħala direttur spiritwali tal-Forzi Armati ta' Malta fl-1973. Dejjem irrefera għal dan iż-żmien f'Malta bħala wieħed fejn beda l-proċess ta' bidla fil-mentalità, fil-ħsieb u fil-qalb. F'Lulju tal-1974 intbagħat il-Brażil fejn beda l-ħajja missjunarja tiegħu. Għex u serva f'diversi lokalitajiet fosthom Faxinal, fejn tgħallem il-Portugiż, Londrina, Curitiba, Rio de Janeiro, Sao Paulo, Belo Horizonte u Gioania. F'ħafna minn dawn il-postijiet kien kappillan jew viċi.

Fl-1978 studja t-teoloġija pastorali fl-università tal-Ġiżwiti PUC f'Rio de Janeiro. Kien iħossu xxurtjat li ntbagħat jistudja propju hemm u tgħallem minn taħt Clodovis u Leonardo Boff. Bdiet titrawwem u tikber

fih it-Teoloġija tal-Liberazzjoni kemm akkademikament kif ukoll 'mit-triq'. Aktar ma ra, sema', tkellem u xtarr dwarha ma' diversi nies, aktar beda jgħożż, iħaddan u jipprattika din it-Teoloġija. Kien ħabib tal-qalb ta' wħud mill-figuri ewlenin ta' din it-teoloġija. Kien ħabib ma' bosta li ma kinux akkademiċi jew figuri magħrufa. Xi żmien wara beda jgħallem it-teoloġija fis-Seminarju Djoċesan ta' Apucarana, fl-istat ta' Paranà.

F'Rio de Janeiro bena kuntatti ma' nies li kienu jgħixu fil-favelas (slums) wara l-kunvent Duminkan f'Leme. Dawn fetħulu għajnejh b'mod konkret għar-realtajiet ħorox tal-fqar. Minn hemm bdiet il-ħidma tiegħu kontinwa fil-moviment ta' dawk mingħajr art – *Movimento sem Terra* (MST). Beda jitgħallem iħuf, jistaqsi u jisma'. Tgħallem jinżel taħt l-art u jsib l-għeruq. Involva ruħu fil-komunitajiet Insara ta' Bażi.

## Ħidma sfiqa ta' solidarjetà

Patri Ġwann, jew aħjar Fra Ġwann, kif kien jippreferi li jissejjaħ, ħadem fil-qasam pastorali u wettaq ħafna xogħol b'aġenda progressiva, ma' diversi persuni, fosthom Frei Betto op u Lilia do Amaral Azevedo. Fetaħ l-orizzonti 'l hinn mill-Brażil, u flimkien ma' Lilia ħoloq il-grupp solidali Sao Domingos. Permezz ta' dan il-grupp qajmu għarfien għal kawżi kbar madwar id-dinja bħal dawk tal-*apartheid* fl-Afrika t'Isfel, is-sofferenzi kbar tan-nies f'Timor tal-Lvant, ta' Chiapas fil-Messiku, tal-Palestina, tal-Iraq, u ta' bosta mkejjen fl-Amerika Latina kollha fejn kien hemm inġustizzji u moħqrija. Fra Ġwann u Lilia Azevedo kitbu diversi kotba, ittri u artikli bil-Portugiż li nqalbu għal diversi lingwi. Attenda għadd ta' laqgħat u konferenzi fil-pajjiżi msemmija kif ukoll f'Malta.

Fl-1993 Fra Ġwann beda jikkollabora man-nies ta' Timor tal-Lvant permezz tal-proġett 'Clamor por Timor' – Għajta għal Timor. Dan proġett kellu l-għan jiġbor l-appoġġ għax-xewqa tal-poplu ta' Timor tal-Lvant li jikseb l-indipendenza mill-Indoneżja. Din il-ħolma seħħet fl-2002.

Mill-1993 ukoll, Fra Ġwann ħa f'idejh il-pubblikazzjoni ta` djarju annwali li jippreżenta fatti, dati u persunaġġi importanti fl-istorja tal-liberazzjoni tal-Amerika Ċentrali u dik t'Isfel. Dan id-djarju, maħsub minn Dom Pedro Casaldaliga u Frei Josè Maria Vigil, jissejjaħ "Latin American Agenda" li jiġi pubblikat f'diversi lingwi.

Flimkien ma' Frei Betto op, kittieb, filosofu u attivist fit-teoloġija tal-

liberazzjoni, żar in-Nicaragua u Kuba. Iż-żjarat u l-esperjenzi personali kienu importanti għalih biex jifhem aktar, isegwi, jixtarr, jitgħallem u b'hekk ikun jista' jaħdem aħjar għall-ġid ta' dawk li qegħdin jiġu sfruttati u emarġinati. Kliemu kien meqjus imma mhux diplomatiku. Forsi għalhekk kien daqshekk sod u voċiferu fi kliemu għax meta tara b'għajnejk u tisma' dirett minn ħalq l-imġarrba, ma tistax tibqa' biered, ma jimpurtakx jew gallarija.

Minħabba f'din l-esperjenza diretta Fra Ġwann kien tant militanti u solidali għal kawżi kollha ġusti, mill-ġlieda tal-ħaddiema fil-periferiji ta' Sao Paulo, għad-drittijiet miċħuda tal-poplu Palestinjan, l-Afrika t'Isfel, Chiapas, Iraq u Timor tal-Lvant. Kien soda u qawwi għal dawk bla art, bla dar, l-indiġeni, nisa u omosesswali.

## Fit-tmexxija tal-Ordni

Minħabba l-ħidma kontinwa u l-enerġija tiegħu, bejn l-1986 u l-1992 Fra Ġwann sar promotur tal-ġustizzja u paċi għal Ordni Dumnikan fl-Amerika Latina.

F'din il-ħidma kellu bosta missjonijiet. Flimkien ma' Lilia u Dom Tomas Balduino, isqof Brażiljan, mar iżur iz-Zapatistas f'Chiapas fl-1998. Baqa' jsegwi mill-qrib il-ġlieda tagħhom, li saret ukoll il-ġlieda tiegħu.

Ġie wkoll mitlub ikun il-Promotur Ġenerali ta' Ġustizzja u Paċi (2001-08) għall-Amerika Latina u l-Karibew, kif ukoll delegat permanenti tal-Ordni Dumnikan għall-Ġnus Magħquda (UN). Fl-istess waqt huwa kien membru tal-Kunsill Ġenerali tal-Ordni Dumnikan u President tal-Konferenza Inter-Provinċjali tal-Amerika Latina u l-Karibew – (CIDALC), pożizzjoni li għaliha kellu jkun ibbażat f'Santa Sabina, Ruma.

Kellu sehem siewi ħafna biex isseħħ l-għaqda tat-tliet entitajiet Dumnikani li kienu jeżistu fil-Brażil: il-Provinċja ta' San Tumas, il-Vigarjat tal-Provinċja tal-Lombardija, u dik ta' Malta. Dawn ingħaqdu fi Provinċja waħda, il-Provinċja ta' Bartolomeu de las Casas.

F'Marzu tal-2002 ingħata t-titlu "Cidadao Paulista" u b'hekk sar ċittadin tal-belt ta' Sao Paulo. F'din il-belt industrijali għex għal bosta snin u kienet il-bażi tax-xogħol solidali tiegħu. Fid-diskors ta' ringrazzjament, dakinhar Fra Ġwann kien qal: "Ċittadinanza hija bħal meta titwieled. Ħadd ma jwelled lilu nnifsu. Huma oħrajn li għenuni

nibni din iċ-ċittadinanza… dawk li akkumpanjawni fi triqti. Mingħajrkom dan il-vjaġġ ma kienx iseħħ."

Fra Ġwann kien mibgħut f'Xambioa fir-reġjun ta' Araguaia meta s-sidien tal-art u l-Gvern ippersegwitaw lill-patrijiet Franċiżi Aristides Camio u Francois Gouriou. Dawn kienu priġunieri bejn l-1981 u l-1983, fejn wara sfaw imkeċċija mill-pajjiż akkużati li inċitaw invażjonijiet. L-armata okkupat il-belt u appuntat kapillan militari għall-parroċċa. Fra Ġwann qagħad hemm mal-poplu f'kappella oħra, minkejja r-riskji kbar u t-theddid personali. F'dak iż-żmien Lilia Azevedo ppubblikat kollezzjoni ta' ittri ta' Patri Aristides bit-titlu sinifikanti "The important thing is the people".

**Rabtiet ma' Malta**

Bis-saħħa ta' Frei Betto sar midħla u ħabib ta' Ignacio Lula, President tal-Brażil mill-2003-2010, li oriġinarjament kien mexxej ta' *union* tal-ħaddiema. Il-Gvern ta' Malta kien għażel lil Fra Ġwann bħala rappreżentant minn Malta fl-okkażjoni tal-ħatra ta' Lula bħala l-ħamsa u tletin President tal-Brażil.

Fit-tul ta' żmien li kien iqatta' Malta, Fra Ġwann kien intalab ikun parti mill-komunità tal-parroċċa ta' San Duminku l-Belt. F'Malta kien ifittex u jaħdem ma' gruppi mhux tant popolari, bħal tat-Tielet Dinja, Drachma u Graffitti fost oħrajn. Kien iqaddes ukoll regolari nhar ta' Ħadd lill-immigranti fil-knisja tal-Ġiżwiti Tas-Sliema. Fl-aħħar sena li kien Malta kien anki għamel l-eżerċizzi spiritwali għal din il-komunità ta' immigranti. Huwa kien jersaq lejn dawn il-gruppi mhux biss bħala parti mill-missjoni tiegħu imma għax kien iħoss li hemm kien jista' jieħu nifs ġdid. Hemm kien jesperjenza spiritwalità ġdida u differenti li kienet timlieh b'kuraġġ u ħolm ta' soċjetà aħjar. Kien jirreferi għal gruppi bħal Drachma, Graffitti u Drachma Parents (li kien ukoll ko-fundatur tagħha), bħala l-profeti ta' żmienna li ma jaċċettawx l-istatus quo imma jaħdmu għal bidla.

**Kwalitajiet tiegħu**

Fra Ġwann kien ammiratur kbir tal-Papa Franġisku, li tant huwa qrib tan-nies u dejjem fuq in-naħa soċjali tat-twemmin. L-aġir, kliem u l-ġesti huma konsistenti mat-tagħlim u kitbiet tiegħu.

Għalkemm kien saċerdot, Fra Ġwann ma kienx iħobb jippresiedi f'ċelebrazzjonijiet liturġiċi waħdu. Fejn seta' kien iħobb jinvolvi lil lajċi u jħalli f'idejhom. Eżempju żgħir, kien iħobb ifakkar li l-kelma 'tberik' bil-Latin tfisser li ngħidu affarijiet sbieħ fuq ta' madwarna. Għalhekk kien jiddejjaq ibierek hu waħdu, imma t-tberik kien isir mill-komunità kollha – kulħadd jista' jbierek.

Karatteristika partikolari ta' Fra Ġwann kienet li hu qatt ma ħadem waħdu. Dejjem stieden u ħeġġeġ nies oħra biex jinvolvu ruħhom u ddelega xogħol lilhom. L-hena tiegħu kienet jaqsam l-ideat, jikkoordina u jlaqqa' nies flimkien. Kien jibni kuntatti u flimkien jinħolqu proġetti li fihom qatt ma kien il-protagonist individwali iżda l-katalist.

Kellu kapaċità kbira ta' "networking". Kien iħobb jistaqsi mhux għall- kurżità, imma biex jifhem u jsir jaf sew lill-individwu. Kien jisma' b'reqqa u jiftakar b'mod inkredibbli biex b'hekk ilaqqa' nies b'għanijiet, talenti jew xewqat simili flimkien għal proġett komuni. Għajnejh kellhom dan id-don speċjali, li jaraw is-sabiħ li jista' jkun hemm u li flimkien għandna naħdmu għalih. Ġanni għamel ħafna ġesti żgħar b'tamiet kbar.

Kien ħabib leali, sinċier u ta' veru, jinteressa ruħu f'kull dettall tal-ħajja tal-individwu. Fejn seta' għen personalment lil diversi individwi jkomplu l-iskola, jew iwettqu l-għanijiet tagħhom bħal xi publikazzjonijiet, safar għal studju, isibu impjieg, fost oħrajn. Dejjem sensittiv għall-aħħar għad-diffikultajiet ta' kulħadd. Qatt ma ġġudika xi persuna jew tkellem kontra xi ħadd.

Minkejja l-kobor u l-profondità ta' dak kollu li ra u esperjenza, qatt ma tilef il-kapaċità li jifhmek u jsibek hemm ... eżatt fejn tkun int. Kien jifraħ ġenwinament għas-suċċessi u l-kisbiet tal-oħrajn u jsewwed qalbu tassew għal esperjenzi u ġrajjiet ta' niket ta' kulħadd. Minkejja l-mistoqsijiet u d-diffikultajiet personali, kliemu kien ottimist, pożittiv u inkoraġġanti. Ma tantx kont tisma' mingħandu li 'dari konna aħjar'.

## Viżjoni

Fra Ġwann kien jemmen verament li aħna lkoll responsabbli għal xulxin. Li s-solidarjetà tixprunana għall-azzjoni – għal ġesti ta' mħabba. Is-solidarjetà ġġiegħlek tiċħad il-kontradizzjonijiet fis-soċjetà u l-vjolenza kontra d-drittijiet umani. Ma tħallikx tkun apolitiku. Huwa fehem li

s-solidarjetà hija valur ċentrali fit-twemmin Nisrani u t-tradizzjonijiet Dumnikani. Fil-ktieb *Cartas Solidarias* (Ittri ta' Solidarjetà) li kiteb ma' Lilia Azevedo, Fra Ġwann jgħid "Hu tassew veru: is-solidarjetà twelled il-ħajja".

Fra Ġwann emmen li quddiem Alla se niġu ġġudikati mhux fuq kemm morna quddies u tlabna, li hu tajjeb ħafna u meħtieġ, imma wisq iktar fuq l-aġir tagħna. Lit-tabib Andrew Baldacchino f'intervista fuq Radju Marija fl-2019 spjega li se nsalvaw fuq il-versi 'kont il-ħabs u ġejt iżżurni, kont għarwien u libbistni, kont bil-għatx u sqejtni'. Għalih is-salvazzjoni sseħħ skont kemm kont hemm għal ħaddieħor: kemm jekk tajjeb jew ħażin f'għajnejna, abjad jew iswed, immigrant jew Malti.

F'intervista li kien għamillu Kurt Sansone f'Illum fl-10 ta' Awwissu 2008, Fra Ġwann jgħid hekk "Għalija l-messaġġ universali tal-Knisja hu marbut ma' dak li nsibu fil-Bibbja. Se nkunu ġġudikati fuq il-mistoqsija 'fejn hu ħuk?' X'se nwieġbu? Li m'aħniex responsabbli minn ħuna?"

Ġanni kien iħobb jiftaħ twieqi li minnhom tista' tara xenarji ġodda. Il-mod kif kien miftuħ għall-ħajja f'kull sens u l-mod kif hu rebaħ ukoll lilu nnifsu u żviluppa kif kien jaħseb dwar diversi suġġetti, kienu ta' ispirazzjoni għal diversi nies li jafuh jew ħadmu miegħu. Kellu don sabiħ ta' smigħ, kien jaf jisma' tassew, b'qalb u moħħ miftuħa. Huwa kien jagħmel mezz u jfittex laqgħat ma' kulħadd, mill-kbir saż-żgħir. Kien jemmen fil-kwalitajiet ta' kulħadd.

L-intelliġenza, l-għerf u l-ħsieb tiegħu kienu jagħmluh persuna li taf tanalizza, tgħarbel u tifhem sitwazzjonijiet b'mod differenti, frisk, aktar profond u ġdid. Kien ukoll bniedem li kien iħobb il-kultura, kotba, ċinema, arti u jfittex dak li hu sabiħ u edifikanti.

Dwar ħajtu kien jgħid li kollox kien barka u grazzja. Kienet il-providenza u x-xorti tajba li għadda mis-sitwazzjonijiet u l-esperjenzi kollha f'ħajtu. Ma kinetx l-għażla personali tiegħu li jmur il-Brażil imma mar għax obda. Hu ħalla l-esperjenzi jbiddluh, ikabbruh u jagħtuh il-qawwa u l-enerġija biex jaħdem għal soċjetà aktar ħanina, ġusta, ugwali u sensittiva għall-bżonnijiet ta' kulħadd. Uża l-kwalitajiet, talenti u kapaċitajiet kollha li kellu favur il-ġustizzja soċjali.

Kif kitbu dwaru l-filosfu Brażiljan Jelson Oliveira u l-Provinċjal

tad-Dumnikani fil-Brażil, Frei Josè Fernandez OP, Fra Ġwann ma kienx jaf jgħix jekk ma jkunx ta' servizz għal xi kawża jew oħra, speċjalment fejn jidħlu drittijiet umani, ġustizzja u paċi u solidarjetà fuq livelli kemm nazzjonali u internazzjonali. Fil-ħidma u ġlieda kontinwa tiegħu kontra n-nuqqas tad-drittijiet umani u favur il-ġustizzja, għajnejh qatt ma għajjew iħarsu lejn orizzonti ġodda. Kliemu u l-aġir tiegħu qatt ma waqfu jħabbru tama u kuraġġ. Bil-makro-viżjoni tiegħu kellu kapaċità brillanti jġib għall-attenzjoni internazzjonali t-taqbidiet, ġlidiet u s-sofferenzi popolari.

## Mogħdija

Il-Ħadd 30 ta' Mejju 2021, il-festa tat-Trinità, Fra Ġwann Xerri għadda għall-ħajja ta' dejjem. Huwa kien daħal fi sptar f'Goiania, il-Brażil, minn fejn, wara ġimagħtejn, sar pożittiv għall-marda tal-Covid-19. Safa' wieħed mill-500,000 vittma tagħha fil-pajjiż sa dak iż-żmien, wara tmintax-il ġurnata ta' kalvarju. Id-difna saret l-għada f'ċelebrazzjoni qasira u sempliċi fiċ-ċimiterju das Palmeiras f'Gioania. Preżenti kien hemm biss il-Provinċjal tal-Brażil, ftit aħwa Dumnikani mill-komunità u xi lajċi skont ir-restrizzjonijiet imposti minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Il-familja, flimkien ma' diversi qraba, ħbieb, kollegi u segwaċi tiegħu minn madwar id-dinja kollha, segwew l-aħħar tislima, permezz tal-internet.

Miet kif għex… solidali għall-aħħar mal-fqir, il-batut, l-imwarrab, l-emarġinat. Bħal tant nies madwar id-dinja, daq ukoll is-solitudni, firda u tbatija li ġab miegħu dan il-virus.

Mal-aħbar tal-mewt tiegħu, l-isqof Ġorġ Frendo tal-Albanija kiteb hekk dwaru lill-familja: "Kien dejjem ta' ispirazzjoni fil-komunitajiet Dumnikani li għex fihom, f'Malta, fil-Brażil u f'Ruma. Ħadem b'enerġija favur il-ġustizzja u l-paċi speċjalment fil-Brażil. Resaq bil-kuraġġ u bi mħabba ġenwina lejn il-fqar u lejn il-vittmi tal-inġustizzja. Id-diplomazija ma kinetx l-aġenda tiegħu. Ma beżax li se jitlef il-popolarità. Ma ħasibhiex darbtejn biex jikkumbatti l-korruzzjoni u l-inġustizzja. Ma għamilx kompromessi mal-verità, ma għalaqx ħalqu jekk xlewh li lsienu twil. L-unika problema li ħolqilna kienet biex naqtgħu fejn kien jinsab. Għax kien mudell ta' predikatur itineranti."

## Nota

1. Din iz-zija, ngħidu aħna, kienet tirrabja u teħodha bil-kbir ferm meta attur b'ġilda skura jaħdem il-parti ta' Ġuda.

# Reflections on my recent nomination – 5th August 2001

Fr John Xerri OP

Having received many messages congratulating me on my appointment as Assistant to the Master of the Order for Latin America and the Caribbean, I have been thinking upon all the influences I received which brought me where I am.

First and foremost of course in Malta: the first 27 years of my life I was formed by my family – among many others, my aunt Cecilia, who taught me that all people are brothers/sisters, independently of colour, race, religion, class … Then by the Order who send me in Brazil in 1974. Here I was greatly influenced by Fr Constantine Mamo OP, who in 1977 sent me to Rio, to study at the Catholic University. In Rio I became immersed in Liberation Theology, both in theory and in practice, in the favela behind the convent where I lived. In 1980 I was elected prior of the convent of Perdizes, in Sao Paolo, where anong others, I met Frei Betto, who became a good friend and advisor.

As vice-provincial in the Brazilian Province in 1982/83, I visited the Araguaia area, in the centre north of the country, where I met Fr.Henri des Roziers OP, French lawyer, who has been risking his life for over 20 years, at the service of the poor peasants. Slowly, through the contact of these 'prophets' and the peasants and people from the favelas, from Basic Christian Communities, I became aware that we are called to be at the service of the poor …

Soon after I arrived in Sao Paolo, I was invited to become the chaplain of the Christian Renewal (a branch of Catholic Action). This service took me to other countries in Latin America: in 1983 I attended a course in Liberation Theology, led by Gustavo Gutierrez, at the Catholic University in Lima, Perù. There I met – by chance? –

a young South African, Mike Deeb, member of the Young Christian Workers and who is now a Dominican. He asked for our help: mine and Lilia Azevedo's who was there too – in supporting the struggle of the people of his country against a vicious apartheid system. This contact helped consolidate what then became 'St.Dominic's Solidarity Group', whose origin was a translation service in two areas: Liberation Theology and labour agreements, by a small group lay women, known as 'St.Dominic's Translation Group'.

In 1984, I spent one month in South Africa, where I met – among many others who greatly influenced me – Fr Albert Nolan OP, a well known theologian. It was through his influence that I was, in 1986, appointed Promoter of Justice and Peace for the Order in Latin America and the Caribbean. This service made me travel, during 6 years, through the continent, seeing the reality of poverty, oppression but also of hope and faith of the people. I heard witnesses of the massacres in Haiti, Guatemala, Panama, El Salvador, Colombia … I was one of the observers of the Dominican Family to the elections in Nicaragua, in 1990. In San Salvador I met a young woman, Estela Cruz, who had been violently tortured by the military, because she worked with a Dominican, teaching the people … In Colombia, I met and celebrated with Dominican Sisters who lived among the poor, sharing their fate… All of these pastoral/fact finding missions contributed to make me what I am today.

In 1993, the people of East Timor where suffering greatly under the military from Indonesia. A young Timorese, exiled in England, asked the Catholic Institute for International Relations – CIIR – who was our 'partner' in South African solidarity, to indicate a group in Brazil who could help them. The CIIR gave our name and since then we have been doing our best to divulge this reality: in February 2000 the Brazilian Religious Conference and the Bishops Conference sent me to East Timor, where I spent a month seeing, sharing, learning …

In 1998, as vice-provincial in the newly founded Brazilian Province 'Frei Bartolomeu de las Casas', I went part of a small group from the Dominican Family, who visited Chiapas, Mexico. The purpose was to

encourage the members of the Family who live and work there, and also to make a pilgrimage to the sanctuary of the 45 martyrs of Acteal. Many years, decades, people, suffering, martyrs, prophets; such hope, love and faith … I have really been blessed. I hope to be able to put all this richness at the service of the people in Latin America and the Caribbean, the Order and the Church.

# Vuċijiet in-Nisa – L-emanċipazzjoni tan-nisa f'Malta minn perspettiva post-sekulari

Nathalie Grima

### Daħla

B'mod ġenerali, l-identità nazzjonali Maltija għadha influwenzata ħafna mill-għeruq Kattoliċi li sawru bosta aspetti kulturali u ritwali li jimmarkaw mumenti importanti fil-ħajja tan-nies, bħalma huma s-sagramenti, il-festi pubbliċi u l-festi lokali. In-normalità spiss kienet meqjusa b'kejl Kattoliku, liema kejl, fost affarijiet oħra, jqis affarijiet bħalma huma l-ħakma patrijarkali f'diversi strutturi u fl-isfera pubblika, u rabtiet nukleari u eterosesswali, bħala normali. Madankollu, fl-aħħar snin kien hemm bidla fil-mod li bih numru ta' nies qed jgħixu l-ħajja tagħhom u fil-valuri li jħaddnu, li mhux dejjem jidher konsistenti ma' valuri u ideali li tradizzjonalment ġew imħaddna u meqjusa bħala ġenwinament Kattoliċi. Il-Knisja lokali spiss iddeskriviet dan bħala kriżi ta' valuri; analiżi li bosta drabi ma tgħinx u hi maqtugħa mir-realtajiet li ħafna qed jgħixu. Fl-aħħar parti tal-kitba tiegħi ser nuri kif Patri Ġwann Xerri, li permezz tal-kitba ser insellem, iffaċċja dawn ir-realtajiet ġodda mit-triq flok minn katedra; jibda mill-ħajja ta' nies konkreti, flok minn prinċipji astratti.

Waħda mir-raġunijiet għalfejn bosta fil-Knisja ma mxewx l-istess triq li pprova jimxi Patri Ġwann kienet minħabba l-influwenza patrijarkali fl-istituzzjonijiet reliġjużi li hi antika bil-bosta, u li x-xjenzi politiċi u soċjali xeħtu dawl fuqha fl-aħħar snin. Fisser ukoll li n-nisa baqgħu esklużi fil-livell istituzzjonali reliġjuż. Is-sessiżmu fir-reliġjonijiet monoteisti jew "tal-Iskrittura", li jinkludu wkoll l-Induiżmu u l-Buddiżmu, baqa' jwassal il-ħsieb patrijarkali li fih in-nisa jitqiesu bħala emozzjonalment fraġli u dipendenti fuq id-deċiżjonijiet li jieħdu l-irġiel. F'li ġej ser nagħmel xi kummenti kemm fuq il-kultura Kattolika Maltija, u aktar

’l isfel fuq il-problemi konkreti li bosta nisa qed jiffaċjaw fis-soċjetà tagħna, u li spiss huma injorati jew imwarrba. Ser nagħmel dan minn perspettiva post sekulari, li hu ħsieb li, waqt li jagħraf ir-realtajiet sekulari li jeżistu ġo soċjetà u globalment, hu miftuħ għal realtajiet reliġjużi, li wkoll huma meqjusa bħala fenomeni konkreti li ma jistgħux jiġu mwarrba. Din hi ħaġa li sfortunatament seħħet spiss. Ħu l-ħsieb femminista borgiż u mill-ewwel dinja. F’dan il-ħsieb nisa li jagħżlu li jibqgħu jħaddnu l-fidi reliġjuża kienu qed jiġu regolarment esklużi mid-diskors dwar l-emanċipazzjoni u dwar l-ekwità għal ġeneri differenti. Il-fidi spiritwali, tkun xi tkun, għadha importanti fil-ħajja ta’ ħafna nies, inkluż bosta nisa. Ħsieb feminista li hu wkoll post-sekulari ma jistax jinsa dan. Madankollu, jħares kemm lejn il-limiti, imma anke l-possibiltajiet, li l-fidi konkreta ta’ bnedmin konkreti, ikollha f’kuntesti differenti.

Il-ħsieb post-sekulari jagħmel distinzjoni bejn il-fidi u l-kontroll patrijarkali fil-prattika u fir-regoli ta’ kull tip ta’ reliġjon. Il-Feminiżmu post-sekulari min-naħa tiegħu, jagħraf li n-nisa għandu jkollhom il-libertà li jħaddnu r-reliġjon jew jitilquha kif jixtiequ huma, mingħajr ma jitilfu l-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet tagħhom. Dan ifisser ukoll il-libertà li jsemmgħu leħenhom biex iġibu bidla interna fit-tagħlim u l-prassi fi ħdan ir-reliġjon tagħhom stess, speċjalment fejn jidħlu ġustifikazzjonijiet reliġjużi li joħonqu deċiżjonijiet liberi f’diversi aspetti ta’ ħajjithom.

Wieħed għandu mnejn jargumenta li din l-analiżi ma tgħoddx għal Malta, minħabba li għadna ma wasalniex għal soċjetà post-sekulari. Is-sekolariżmu, għadu qed jitfaċċa. Anke l-battalji għall-emanċipazzjoni u l-ekwità qed isiru f’kuntesti ċiviċi u sekulari, u mhux fi ħdan il-Knisja Kattolika jew reliġjonijiet oħra li membri tagħhom jinsabu fil-pajjiż. Fl-istess ħin iżda, inħoss ukoll li f’dan l-ispazju sekulari, ftit huma dawk li jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-vuċijiet ta’ nies li mhux bilfors għandhom viżjoni sekulari tal-ħajja. Dan jgħodd l-aktar għal nies, speċjalment nisa minn gruppi etniċi differenti, li spiss għadhom ittrattati b’mod sterjotipiku bħala ‘barranin’. Jekk xejn, dan in-nuqqas ta’ viżibbiltà ma jirriflettix id-diversità kulturali u reliġjuża li kibret b’pass imgħaġġel sforz il-fenomenu tal-globalizzazzjoni.

Fis-sezzjonijiet li jmiss ser nagħti ħarsa lejn xi bidliet li għaddejjin fis-soċjetà Maltija bħalissa u li għandhom x’jaqsmu man-nisa, imma

wkoll kif ċerti ħtiġijiet u realtajiet ta' numru ta' nisa mhux qed jiġu meqjusa u ikkunsidrati. Fl-aħħar se nirreferi wkoll għal kif Patri Ġwann tgħallem/għallem fuq dawn l-affarijiet.

## Il-vuċijiet tal-intellettwali organiċi

Bil-mod il-mod l-eteronormattività[1] fil-mentalità Maltija qed tinbidel, anke permezz ta' liġijiet li jinkoraġġixxu l-emanċipazzjoni tan-nisa f'kuntesti differenti bħal fir-relazzjonijiet familjari u fl-aċċess għall-edukazzjoni u għad-dinja tax-xogħol. Fuq livell leġislattiv f'Malta għaddejja spinta sekulari. Il-leġislazzjoni preżenti mmexxija mill-Partit Laburista introduċiet liġijiet aktar liberali bħalma huma d-divorzju, iż-żwieġ ċivili bejn persuni omosesswali, u d-dritt tat-trobbija ta' tfal minn koppji omosesswali. Qed jingħataw ukoll inċentivi biex aktar nisa joħorġu jaħdmu.

Dawn il-bidliet liberali jaqblu ma' u jirriflettu l-ħsieb Feminista ta' emanċipazzjoni u ekwità għal nisa, rġiel u persuni ta' ġeneri varji. Madankollu, hemm wiċċ ieħor tal-munita. Dan il-mudell ta' governanza post-moderna qed jaqdi tajjeb il-mudell ekonomiku kapitalista. Il-kapitaliżmu ma jagħmilx distinzjoni bejn min jista' jaħdem. L-importanti li jisfrutta kull sors uman, ikun min ikun u ġej minn fejn ġej. L-importanti li jibqa' jkollna influs ta' ħaddiema fis-suq tax-xogħol ħalli jibqa' jiżdied il-profitt għas-sidien tal-kapital finanzjarju. Is-sesswalità u l-ġeneru fejn jidħol is-suq tax-xogħol u l-konsum mhuwiex importanti. Il-prijorità hija d-domanda dejjem tikber għal ħiliet diversi u ċ-ċaqliq tan-nies minn pajjiż għal ieħor biex jagħmlu kull tip ta' xogħol meħtieġ fis-suq globali.

Li l-mara żżomm id-dritt li ma jkollhiex tfal, jew li jkollha kemm tixtieq hi, ma jxekkel xejn minn dan l-argument, għax il-mudell kapitalist jiffavorixxi inċentivi bħal *childcare centres* u l-possibiltà li t-tfal jibqgħu hemm wara l-ħin tal-iskola sakemm il-ġenituri jispiċċaw mix-xogħol. Iddaħħlu miżuri ta' 'defamilizzazzjoni', li tinvolvi servizzi li mhumiex il-familja, u li jieħdu ħsieb huma primarjament lit-tfal u l-anzjani. B'hekk il-ġenituri familjari ma jkunux imxekkla fix-xogħol tagħhom barra mid-dar.

Mill-perspettiva Feminista sekolari dawn l-inċentivi jagħmlu sens, għax hekk il-mara tista' tinħall mill-obbligi tradizzjonali tagħha fil-familja biex ikollha indipendenza finanzjarja u tavvanza fil-karriera. Iżda

lil hinn mill-aċċess għall-edukazzjoni u x-xogħol, il-mudell kapitalista ma jissodisfax l-ekwità. B'mod konkret spiss qed joħnoqha. Mhux biss, hemm aspetti oħra fis-soċjetà tagħna fejn il-mentalità patrijarkali għadha tiddomina liġijiet u perċezzjonijiet soċjali tal-mara u tal-ġisem tagħha. Imma wkoll il-kapitaliżmu rampanti li hawn ma jwaqqafx anzi jinkoriġixxi aspetti oħra li joħoqnu d-drittijiet u d-dinjità ta' bosta, inkluż ta' bosta nisa. Il-kapitaliżmu rampanti li hawn jinkoraġġixxi t-traffikar tal-bnedmin, il-prostituzzjoni, il-prekarjetà fuq il-post tax-xogħol, u d-differenzi fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. Dan kollu isostni l-kapital finanzjarju.

Dawn ir-realtajiet mhux dejjem ikunu rappreżentati fil-ħafna numri u statistiċi li nisimgħu ta' kuljum fuq l-aħbarijiet dwar il-ġrajjiet kurrenti. L-istatistika ngħidu aħna, ma tirriflettix il-faqar relattiv, is-sagrifiċċji li jagħmlu n-nies biex, pereżempju, ma jitilfux ix-xogħol u biex ilaħħqu mal-ispejjeż bażiċi tal-ħajja. Allura, l-istatistika taf tagħti stampa sabiħa ta' ugwaljanza u ta' ekonomija stabbli, iżda ma titkellimx dwar ir-reżiljenza u l-istejjer tan-nies fuq dak li jkollhom jgħaddu minnu ta' kuljum biex jikkumbattu d-diskriminazzjoni u t-toqol tal-ħajja.

F'dan il-kuntest neħtieġu intellettwali u għaqdiet mhux governattivi li jitkellmu bil-miftuħ dwar l-inġustizzji u l-isterjotipi konkreti fuq in-nisa u persuni ta' ġeneri differenti. B'vuċijiet intellettwali mhux qed nifhem biss dawk li għandhom livell għoli ta' edukazzjoni. F'sens Gramscian qed nifhem intellettwali organiċi; f'dan il-każ nisa minn kull faxxa tas-soċjetà li jisfidaw il-kontroll patrijarkali li jipprova jimponi eġemonija kulturali fuq ħajjithom, kif ukoll mudelli ġodda ta' sfruttament li jistaw jkunu moħbija taħt it-tikketta ta' progress ekonomiku. Dan jagħmluh b'kuraġġ u b'konvinzjoni kbira billi, fost l-oħrajn, jirrakkuntaw l-istejjer personali tagħhom biex iwasslu għarfien fl-isferi pubbliċi dwar ir-realtajiet ta' inġustizzji li jkunu għaddew minnhom. Bosta minn dawn l-istejjer jagħmlu sens aktar jekk moqrija minn perspettiva post-sekolari.

F'bosta minn dawk l-istejjer joħroġ ħafna l-element ta' reżiljenza. Waqt li nemmen li l-irġiel huma wkoll reżiljenti, fil-bqija tal-artiklu ħa niffoka biss fuq ir-reżiljenza tan-nisa, u n-nuqqas ta' viżibiltà ta' din it-tip ta' reżiljenza. Ir-reżiljenza Patri Ġwann spiss kien jaraha minn perspettiva Biblika.

## L-inviżibilità tar-reżiljenza tan-nisa

Ir-riċerka xjentifika soċjali dwar ir-reżiljenza turi li ħafna drabi din tiġi mill-kapital soċjali li individwi u familji jirnexxilhom jibnu mill-kuntatti soċjali tagħhom. Dawn il-kuntatti normalment jibdew mill-familjari, bħal meta omm jew missier li qed irabbu lil uliedhom waħedhom isibu għajnuna mill-ġenituri tagħhom. Iżda teżisti ukoll ir-realtà ta' nisa, kemm jekk għandhom l-ulied u kemm jekk m'għandhomx, li għal bosta raġunijiet ma jsibux għajnuna mill-familjari. Apparti nisa Maltin, f'din il-faxxa nsibu wkoll numru ta' nisa immigranti li sabu ruħhom Malta waħedhom. F'dawn iċ-ċirkustanzi n-nisa jkollhom ifittxu l-kuntatti soċjali minn nies barra miċ-ċirku tal-familja bħal ħbieb, għaqdiet mhux governattivi, u servizzi tal-għajnuna soċjali tal-gvern.

L-inċentivi lokali tal-istat, li huma bbażati fuq il-mudell tad-defamilizzazzjoni, mhux dejjem jgħinu lin-nisa u l-familji tagħhom biżżejjed biex jilħqu livell ta' għajxien xieraq. Ngħidu aħna mhux faċli għal mara li l-livell ta' għajxien tagħha niżel f'daqqa għax għaddiet minn separazzjoni diffiċli u trid tara kif tagħmel biex tlaħħaq mal-ispejjeż tad-dar u tat-trobbija ta' wliedha, li tadatta ruħha għal livell ta' eżistenza deċenti. Is-separazzjonijiet diffiċli, jġibu magħhom mhux biss ugigħ emozzjonali imma wkoll sens kbir ta' nuqqas ta' sigurtà finanzjarja. Dawn is-sitwazzjonijiet jitolbu wkoll min-nisa impenn bla waqfien biex jaqdu kull bżonn ta' wliedhom, fosthom l-ulied b'abbiltajiet differenti.

F'każ ta' nisa li reġgħu lura fil-familja li fiha trabbew, hemm problemi ta' xorta oħra. Ngħidu aħna, mhux faċli għal mara li qed trabbi t-tfal waħedha u taħdem, iżda minħabba l-kirjiet għoljin tibqa' tgħix mal-ġenituri tagħha f'appartament żgħir fejn it-tfal lanqas għandhom post fejn jilagħbu jew jistudjaw bil-kwiet.

Li mara tieħu d-deċiżjoni li titlaq minn sitwazzjonijiet ta' vjolenza domestika imbagħad, mhix faċli daqskemm tinstema', speċjalment meta jkun hemm dipendenza finanzjarja jew il-biża' li ħajjitha u ħajjet uliedha jkunu mhedda serjament.

In-nisa li jaħdmu f'xogħol prekarju jew b'paga minima qatt ma jistgħu jingħataw self mill-bank biex jixtru proprjetà. Dan kollu jġib miegħu sens ta' nuqqas ta' sigurtà u ta' serħan il-moħħ.

Is-sens ta' insikurezza spiss iġib ukoll miegħu l-bżonn li l-familja taddatta ruħha għas-sitwazzjoni. Storja li baqgħet f'moħħi kienet ta' mara li kienet qed trabbi kelb, iżda ma setgħetx tkompli tlaħħaq mal-ispejjeż biex tieħu ħsiebu kif suppost u tieħdu għand veterinarju. Kellha tispjega lit-tfal li dan il-gost li jrabbu annimal fid-dar kien se jkollhom jiċċaħħdu minnu. Deċiżjonijiet bħal dawn huma diffiċli għax it-tfal ħafna drabi ma jkunux jixtiequ juru li għandhom xi ħaġa inqas minn sħabhom.

Fil-każ ta' nisa ġejjin minn barra, hemm imbagħad diffikultajiet oħra. Mhux faċli għal mara mingħajr ebda esperjenza tat-trobbija tat-tfal li titgħallem tlaħħaq ma' kollox waħedha għax ta' età żgħira kellha titlaq lil ommha warajha biex taħrab minn pajjiż fi gwerra. Baqgħet f'moħħi l-istorja tal-mara emigranta li tqatta' l-ħin kollu mal-erba' wlied li għandha mingħajr l-għajnuna tal-familja. Kienet tgħaddi minn perjodi ta' disprament meta ma tirċevix iċ-ċekk tal-għajnuna soċjali jew meta tħossha ma tafx fuq min ħa ddur biex issib l-għajnuna għal uliedha filwaqt li tinsa l-bżonn li tieħu ħsieb tagħha nfisha għax m'għandhiex iċ-ċans.

Dawn huma ftit mir-realtajiet li ltqajt magħhom bosta drabi fix-xogħol tiegħi u li fihom fhimt li l-faqar ma jitkejjilx biss minn kemm għandna numru baxx ta' nies qiegħda, imma jidher meta tidħol fid-djar tan-nies u tisma' l-istejjer tan-nisa li jirrakkuntaw il-faqar relattiv. Dan ifisser li għalkemm dawn in-nisa ma jkunux bla flus jew bla saqaf fuq rashom (għalkemm dawn jeżistu wkoll), il-kwalità tal-ħajja tagħhom ma tkunx tajba u dinjituża daqs dik tal-klassi medja. Il-paga tkun isservi bl-eżatt u li kieku mhux għall-għajnuna minn familjari, ħbieb, u skemi ta' għajnuniet oħra pprovduti mill-NGOs u mill-gvern, bħal l-għoti tal-ikel, għajnuna fix-xiri tal-uniformijiet tal-iskola, *children's allowance,* sussidji fuq il-kera, u *shelters*, dawn kieku żgur li kienu jispiċċaw fqar u bla saqaf fuq rashom fil-veru sens tal-kelma. Dan jgħodd wisq aktar fejn ikun hemm dipendenza finanzjarja mis-servizzi soċjali.

Waħedhom, dawn l-ghajnuniet kollha ma jeliminawx għalkollox il-faqar relattiv. In-nuqqas ta' sigurtà finanzjarja fit-tul iwassal għal nuqqas serju ta' serħan il-moħħ u jaf iżid ir-riskju li n-nisa jispiċċaw f'relazzjonijiet instabbli, jew vittmi tal-użura; jistgħu wkoll jispiċċaw ibatu minn nuqqas ta' saħħa mentali, u jħabbtu wiċċhom ma' nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni, u sitwazzjonijiet oħra mhux mixtieqa.

Dan kollu jikkonferma wkoll li, waqt li f'ċerti oqsma n-nisa qed jagħmlu kisbiet, marbuta anke ma ċerti liġijiet sekolari li qed jiddaħħlu, hemm realtajiet, hemm realtajiet li fihom in-nisa qed jiġu emarġinati bil-kbir. Realtajiet fejn li tkun mara hi piż.

Hu importanti li n-nisa u dawk li huma favur in-nisa ma jaqtgħux qalbhom. Nisa li qed isofru emarġinazzjoni bħal dawk li semmejt f'din is-sezzjoni, jeħtiġilhom jfittxu l-għajnuna soċjali biex għallinqas ma jitilfux dak li għandhom. Hawnhekk jidħol l-argument tar-reżiljenza u l-kapital soċjali. Mhux kull mara li tgħaddi minn dawn id-diffikultajiet u diffikultajiet simili bilfors tispiċċa fi stat daqstant vulnerabbli. Fejn in-nisa jsibu l-appoġġ kbir tal-familja u tal-ħbieb, u jfittxu servizzi li joffru għajnuniet varji, aktarx jirnexxilhom jibqgħu sodi u fiduċjużi li ħa jimxu 'l quddiem, anke jekk it-triq ma tkunx faċli. F'realtajiet post-sekolari fejn hemm nisa u gruppi emarġinati oħra li għandhom kultura, fidi jew ħsus reliġjużi, huma u dawk li jappoġġjawhom jistgħu jduru għat-tradizzjonijiet reliġjużi tagħhom biex isostnu din ir-reżiljenza. Dan żgur kien jgħodd għal Patri Ġwann.

## Perspettiva dwar ir-reżiljenza tan-nisa fl-Iskrittura Biblika

Fl-2006 Patri Ġwann ppubblika sensiela ta' ittri li kien kiteb matul is-snin flimkien ma' Lilia Azevedo fil-ktieb *Carta Solidárias Tomando Partido num Mundo Globalizado*. Dawn l-ittri kitbuhom bħala riflessjoni fuq l-esperjenzi u l-istejjer li ltaqgħu magħhom waqt il-vjaġġi tagħhom f'pajjiżi bħall-Afrika t'Isfel u t-Timor tal-Lvant. Jagħmlu wkoll riflessjonijiet teoloġiċi alternattivi mnebbħa mit-Teoloġija tal-Liberazzjoni li kienet tant popolari fil-Brażil, fejn Patri Ġwann qatta' ħafna minn ħajtu.

Waħda minn dawn l-ittri hija ispirata mill-pittura tal-artista Lucy D'Souza dwar nisa li jissemmew fl-Iskrittura Biblika. F'din l-ittra Patri Ġwann u Lilia jikkuntrastaw il-kuraġġ u r-riskji li daħlu għalihom dawn in-nisa mal-biża' u n-nuqqas ta' kuraġġ tad-dixxipli rġiel f'Emmaws wara l-mewt ta' Ġesù. Fil-mument tal-mewt tiegħu, wara li mxew wara Ġesù matul l-aħħar snin ta' ħajtu, dawn id-dixxipli rgiel ħassewhom telliefa u beżgħu mill-persekuzzjoni. F'kelma waħda, tilfu kull sens ta' tama fil-futur.

In-nisa rrappreżentati fil-pittura jissimbolizzaw l-oppost. Jieħdu riskji li jmorru kontra l-kultura tradizzjonali ta' dak iż-żmien. Jaqbżu l-limiti imposti fuqhom. Jagħtu appoġġ lil xulxin, u jipprattikaw dak li fid-diskors modern u Feminista nsejħulu *sisterhood*, jiġifieri solidarjetà u kompliċità bejn in-nisa. Fost il-figuri li jiddiskutu Patri Ġwann u Lilia hemm dawk ta' Marija, omm Ġesù, u kuġinitha Eliżabetta, li t-tnejn ġarrbu s-sens ta' mistħija meta ħarġu tqal. (Fil-kultura tradizzjonali ta' dak iż-żmien, tqala qabel iż-żwieġ jew meta mara kien magħruf li ma setax ikollha tfal, kienet skandlu kbir.)

L-aktar figura femminili popolari kkontestata fil-Bibbja hija dik tal-Maddalena. Hemm min isostni li jeżisti Vanġelu li nkiteb minnha iżda dan twarrab għalkollox mill-Knisja Kattolika għax joffri perspettiva differenti tal-Maddalena bħala l-mara li kienet midinba u li wara kienet servili meta ħaslet saqajn Ġesù. Li hu żgur hu li dan il-persunaġġ kien għal bosta snin interpretat b'mod dejjaq. Interpretazzjonijiet Feministi tal-Maddalena joffru perspettiva differenti. Perspettiva ta' mara li mxiet *ma'* Ġesù u mhux warajh. Dan għamlitu b'sens kbir ta' konvinzjoni u parteċipazzjoni attiva. Din il-perspettiva tinħass fl-ittra ta' Patri Ġwann u Lilia li jisfidaw l-influwenza tradizzjonali maskili u ewroċentrika fl-interpretazzjoni tal-Bibbja u f'bosta tagħlim Kattoliku tradizzjonali. Fil-figuri Bibliċi femminili li jiddiskutu, bħal f'bosta mir-realtajiet li semmejt aktar 'il fuq, tispikka ħafna r-reżiljenza. F'soċjetà fejn id-diskors reliġjuż għadu notevoli, dawn jistgħu joffru wens, ispirazzjoni u stimolu.

## Ħsieb tal-aħħar

Nixtieq naqsam esperjenza personali għal qalbi ħafna li kelli ma' Patri Ġwann fir-relazzjoni twila ta' ħbiberija li kellna. Darba, f'nofs diskursata, kont semmejtlu lill-ħabib tiegħi Mario Gerada, wieħed mill-fundaturi ta' Drachma, grupp ta' nies omosesswali li xtaqu jibqgħu jgħożżu u jipprattikaw il-fidi Kattolika. Patri Ġwann kien wera interess f'dan il-grupp u fl-aħħar irnexxieli nlaqqgħu ma' Mario l-Belt. Minn hemm bdiet ir-rabta tiegħu ma' Drachma. Il-preżenza attiva tiegħu kienet indispensabbli biex twaqqaf il-fergħa tal-ġenituri tal-membri tal-grupp.

Kull darba li Patri Ġwann kien jiġi Malta, bid-daħka kien jgħidli, "inti kont il-kappillan tiegħi f'din il-biċċa xogħol kollha" minħabba li

kont jien li introduċejtu għal dan il-grupp. Ma nistax niċħad li nħossni kburija bis-sehem li kelli f'dan il-proċess, iżda nagħraf ukoll l-importanza ta' dak li kien qed jipprova jgħidli. Naħseb li fil-bidu kellu jitħabat ftit miegħu nnifsu biex jaċċetta l-fatt li kien, biex nghid hekk, 'il-patri magħżul' minn persuni LGBTI biex jassistihom fil-vjaġġ spiritwali tagħhom. Anke jekk kien jgħidha biċ-ċajt, żgur li daqskemm kienet għażiża għalih din l-esperjenza, kienet ukoll tqanqallu mistoqsijiet dwar l-identità tiegħu. Mhux qed nirreferi għall-identità sesswali, għax l-eterosesswalità tiegħu kien konvint minnha, imma l-identità tiegħu bħala patri, li bla ma ried, kienet tpoġġih f'konfrontazzjoni ma' dak li tipprietka l-Knisja Kattolika. Aktarx ukoll, li kellu jissielet ukoll miegħu nnifsu biex jegħleb il-preġudizzji li seta' kellu.

Din imma kienet sbuħija ewlenija ta' Patri Ġwann: l-umiltà u d-disponibbiltà biex jisma' stejjer alternattivi u realtajiet ġodda fil-ħajja tan-nies. F'dinja li l-ħin kollu tinbidel b'pass imgħaġġel u fl-istess ħin tippretendi minna li jkollna opinjonijiet definittivi fuq kwistjonijiet sensittivi bħall-abort u r-relazzjonijiet omosesswali, ma kienx jiddejjaq jisfida l-ħsieb intellettwali u teoloġiku tiegħu stess. Patri Ġwann kien iħares lejn kwestjonijiet morali u duttrini minn isfel għal fuq. Mhux neċessarjament billi jagħmel analiżi kritika ta' dawn, imma billi jħares lejhom minn isfel, mill-perspettiva tan-nies li lilhom jolqtu. Kien jifforma opinjoni mill-istejjer tan-nies. Dan hu l-Patri Ġwann li se nibqa' niftakar u nġorr miegħi f'qalbi.

## Nota

1. Jiġifieri li n-normalità fl-irwoli tal-ġeneri tagħmel distinzzjoni riġida bejn dak li hu maskil u dak femminil. Eżempju fil-kuntest tal-kura tal-familja nukleari, ir-raġel jibqa' jitqies responsabbli għad-dħul finanzjarju filwaqt li l-mara tibqa' responsabbli għat-trobbija ta' wliedha.
2. Ara l-pitturi ta' Lucy D'Souza fil-paġna li jmiss.



**Mary Magdalene**



**Mary and Elisabeth:
The Glorious Visitation**

**Mary with the Bread of Life,
Element Earth**



# It-trejdunjoniżmu għad fadal żmienu?

Sammy Meilaq

Ir-risposta għal din il-mistoqsija jien ċert li hi iva. Illum hemm bżonn it-*trade unions* aktar minn qatt qabel. Hemm bżonn aktar minn qatt qabel li ħaddiema jingħaqdu f'*unions* biex iħarsu d-drittijiet u jiġġieldu għall-interessi tagħhom. Dan jidher minn żewġ fatturi ewlenin.

L-ewwel nett hemm l-attakk fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, kemm Malta u kemm barra. It-tieni fatt hu s-saħħa li bosta sidien għandhom fuq l-apparat politiku, kemm lokalment u anke internazzjonalment. Dawn se niddiskutihom waħda wara l-oħra fit-taqsimiet li jmiss tal-artiklu. Nemmen li quddiem dan it-theddid, il-*unions* jistgħu jservu ta' tarka għall-ħaddiem dment li ma jaċċettawx ċerti dommi u prattiċi.

Nieħu l-okkażjoni wkoll biex permezz ta' din il-kitba nsellem lil ħabibi Patri (Fra) Ġwann Xerri, li ħalla din id-dinja ftit tax-xhur ilu. (Se nuża 'Fra' flok 'Patri' għax hekk kien jixtieq li jkun magħruf, u hekk kont nindirizzah u nirreferi għalih meta niltaqa' miegħu.) Hemm ħafna x'nista' ngħid dwar Fra Ġwann. Se nirreferi biss għalih f'rabta mas-suġġett, li hu wieħed mill-ħafna li ma' Fra Ġwann konna niddiskutu u li dwaru solidarjetà dejjem sibna min-naħa tiegħu.

**L-ewwel theddida – Il-ġlieda tal-klassi kontra l-ħaddiema**

Matul dawn l-aħħar snin, bosta sidien u kumpaniji privati kbar żiedu bis-sħiħ il-ġlieda tal-klassi kontra l-ħaddiema. L-offensiva tal-kumpaniji privati kbar hija mibnija fost l-oħrajn fuq mezzi bħax-xogħol prekarju – xogħol b'kuntratt definit – li jneżża' lill-ħaddiem minn kull sigurtà u dinjità. F'qagħda bħal din, il-ħaddiem se jibża' jingħaqad ma' ħaddiema oħra biex jiġġieled għad-drittijiet tiegħu; inkluż drittijiet li jeżistu fuq

il-karta (fil-każ ta' Malta) imma li fir-realtà ma jidhrux. Il-ħaddiem li jipprova jiġġieled għal dak li hu tiegħu malajr jispiċċa jitlef ix-xogħol bi skuża jew b'oħra.

Il-ħaddiema allura qed ikollhom jaċċettaw pagi baxxi u kundizzjonijiet ta' xogħol xejn dinjitużi. Bosta ħaddiema qed ikollhom jaħdmu aktar biex ikollhom livell ta' għajxien bażiku; ħaġa li qed twassal għal anqas ħin ħieles, u tinwir fil-kwalità tal-ħajja. Il-ħaddiem ikun jista' dejjem anqas jippjana għall-futur u ftit se jkollu serħan il-moħħ. Għall-kumpaniji kbar min-naħa l-oħra, dan ifisser profitti, li spiss jispiċċaw moħbija f'*tax heavens*.

Din hi sitwazzjoni kuntradittorja, u inġustizzja soċjali kbira. Ġejna fi stat fejn fost il-ħaddiema jeżistu l-*working poor*: persuni li minkejja li jaħdmu u mhux qiegħda, u qed jipproduċu l-profitti tal-kumpaniji u l-ġid ta' soċjetà, jinsabu fil-faqar jew fil-periklu ta' faqar. Dawn il-*working poor* jeżistu anke f'ekonomiji li qed jistagħnew bħal dik Maltija. Mill-banda l-oħra, il-kumpaniji kbar kollha, meta jkollhom bżonn garanziji, liċenzji jew *bail-outs* mingħand il-Gvern, jieħdu dawn avolja l-flus ġejjin minn flus il-poplu. Għalihom is-sigurtà u ċ-ċertezza tal-qligħ donna hi dritt naturali.

F'din ġlieda li qed tiffaċċja f'Malta u mhux biss, il-klassi tal-ħaddiema kompliet ħadet daqqa ta' ħarta minħabba l-qasma li spiss hemm bejn il-ħaddiema mwielda fil-post (f'dak il-każ dawk Maltin), u dawk li ġejjin minn barra. Mhux biss ħafna ħaddiema barranin qed jiġu misruqin fix-xogħol tagħhom billi jingħataw pagi baxxi u kundizzjonijiet ta' xogħol ħżiena, imma dan qed jaffettwa ħażin ukoll lil ħaddiema tal-post li qed ikollhom jiffaċċjaw *unfair competition*. Il-kumpaniji kbar b'hekk mhux biss jirnexxilhom jagħmlu aktar profitti, imma fl-istess waqt ikunu qegħdin idgħajfu wkoll il-saħħa f'dak li hu negozjar tal-ħaddiema lokali. Xogħol l-*unions* f'rabta ma' dan hu li jiġbru flimkien u jgħaqqdu l-ħaddiema, hi x'inhi n-nazzjonalità tagħhom, u juruhom li għandhom interess komuni li jimmilitaw flimkien.

Aktar minn hekk, f'din il-ġlieda f'pajjiżna, il-klassi tal-ħaddiema qed tiffaċċja t-theddida li (b'mod reali aktar milli legali) titlef id-dritt li tagħmel *strike*; tip ta' azzjoni industrijali li l-klassi tal-ħaddiema ma tistax titlef. Sfortunatament, matul dawn l-aħħar snin rajna dan id-dritt

jiddgħajjef sostanzjalment. Ċerti nies imdaħħla fil-qasam trejdunjonistiku donnu saru jaċċettaw il-ħrafa li żmien l-istrajkijiet għadda u li l-ħaddiema ma jieħdu xejn bihom. Din hi ħrafa li l-*media* konservattiva u dawk li jiffurmaw l-opinjoni pubblika li jaħdmu favur l-interessi tas-sidien ilhom snin itambru.

F'pajjiżna wkoll, dan l-aħħar qed naraw id-dritt għal din l-arma industrijali jiġi attakkat bil-kbir permezz ta' azzjonijiet legali bla preċedent. Rajna *unions* mhedda legalment li jiġu mfittxijin għad-danni jekk jistrajkjaw. Rajna direttivi ta' azzjonijiet industrijali jiġu mwaqqfa mill-qrati bl-iskuża li dawn jolqtu servizzi essenzjali. Rajna min jargumenta – inkluż il-Gvern f'azzjoni reċenti ta' *union* tal-ħaddiema – li *strike* għandu jitħalla jsir biss jekk ma jkollux effett! Dan ifisser li issa l-legalità ta' *strike* hija *inversely proportional* mal-effettività tiegħu. Ċert li Mussolini – li kien jiftaħar li taħtu l-istrajkijiet spiċċaw – qed jitbissem ġo qabru!

Fra Ġwann kien jemmen fil-bżonn tal-għaqda tal-ħaddiema bil-ħsieb u bil-fatti. Dan għax kien jemmen fil-ġustizza soċjali: twemmin ispirat minn qari ta' vera tal-Vanġelu u mill-kuntatt li kien ikollu ma' foqra, ħaddiema u militanti. Spiss kien jagħti kontribut attiv tiegħu għal għanijiet bħal dawk li semmejt aktar 'il fuq (għaqda tal-ħaddiema hi x'inhi n-nazzjonalità tagħhom, il-ħarsien tad-drittijiet bħad-dritt ta' *strike*, u l-bqija), mhux bl-argumenti biss. Nista' nsemmi bosta episodji. Żgur ma ninsa qatt l-appoġġ li ta lilna l-ħaddiema tat-Tarzna waqt il-mument tal-għeluq tal-post tax-xogħol tagħna. Mhux biss fil-*media* u f'diversi intervisti iddefendiena kontra min kien ipenġina bħala sangisugi li qed infallu l-kaxxa ta' Malta. Niftakar tajjeb ferm meta attenda l-*meeting* pubbliku ta' protesta kontra l-għeluq tal-post tax-xogħol tagħna li konna għamilna fit-13 ta' Awwissu 2008 f'Raħal Ġdid. Ġie biex jagħti appoġġ u solidarjetà. Barra minn hekk, kull meta nies u għaqdiet tax-xellug xandru xi ittra miftuħa lill-kabinett ħalli nimbuttaw aġenda progressiva, jew meta saru kampanji bħal dik favur paga minima deċenti, dik biex Malta ma terġax tispiċċa bażi ta' gwerra, u fuq kwestjonijiet oħra, dejjem kien ikun pront jinkludi ismu magħna fil-lista tal-firmatarji u jappoġġjana kif jista'.

## It-tieni theddida – Demokrazija difettuża

Kif għedt fis-sezzjoni l-oħra, sfidi kbar li għandhom il-ħaddiema, li jagħmlu t-tredjunjoniżmu meħtieġ aktar minn qatt qabel, huma marbuta mal-attakk li qed isofru l-ħaddiema f'bosta pajjiżi, inkluż Malta. Dan l-attakk qed ikollu suċċess anke għax il-ħaddiema donnhom m'għandhom ebda influwenza fuq gvernijiet, partiti, istituzzjonijiet trans-nazzjonali bħall-Unjoni Ewropa, u istituzzjonijiet oħra politiċi.

Bil-kontra ta' dan, l-għedewwa tal-klassi tal-ħaddiema donnu qed jiddeċiedu huma x'jiġri jew ma jiġrix fil-qasam politiku. Il-kumpaniji l-kbar privati qed jirnexxilhom jiddominaw id-demokrazija parlamentari fejn jidħlu drittijiet tal-ħaddiema u kif titħaddem l-ekonomija. L-għodda li spiss jużaw huma l-finanzjament tal-partiti politiċi, kif ukoll is-saħħa li għandhom fil-qasam ekonomiku; saħħa li żdiedet wara li bosta oqsma meħtieġa għat-tħaddim tal-ekonomija, kif ukoll infrastrutturi, ġew iprivatizzati. Bil-kontra, il-ħaddiema u l-għaqdiet tagħhom donnhom tilfu l-influwenza fuq dak li jsir fil-qasam politiku, inklużi fost bosta partiti li suppost twieldu biex jirrapreżentawhom. It-twarrib u l-immaniġġar intern kontra Jeremy Corbyn meta dan kien mexxej tal-Partit Laburista fir-Renju Unit, juru kemm min irid politika favur il-kumpaniji kbar għandu influwenza anke fuq partiti suppost xellugin.

Meta din l-eliminazzjoni tal-influwenza tal-ħaddiema fil-politika ma ssirx bis-sewwa, qed issir mod ieħor kif ġara lill-Eks President Lula fil-Brażil, ħabib ta' Fra Ġwann u mexxej ta' partit li kien verament jiġġieled għal u jirrappreżenta d-drittijiet tal-ħaddiema (partit li tiegħu l-patri Dumnikan tajjeb ngħidu kien membru.)

Anke f'pajjiżna, jien konvint li bis-saħħa li kisbu kumpaniji privati kbar dawn qed jirnexxilhom jiżguraw li l-paga minima qatt ma terġa' titla' għal livell diċenti. (Meta twaqqfet il-paga minima, l-idea kienet li din tkun biżżejjed għal familja ta' żewġ ġenituri u żewġ ulied biex jgħixu b'dinjità – altru li dan mhux il-każ illum!) Qed jiżguraw li l-kera residenzjali ma tkunx ikkontrollata. (Sentenzi tal-qrati tal-UE qed jgħinu f'dan il-għan). Qed jiżguraw li l-prezzijiet jogħlew permezz ta' spekulazzjoni, u mhux għax ikun tjieb il-prodott jew is-servizz, jew għax min jaħdmu qed jitħallas aktar. Qed jiżguraw li waqt li l-ħaddiem tal-paga jħallas l-*income tax* qabel jaqbad il-paga, huma jevadu t-taxxa. Qed

jiżguraw li l-ambjent jiġi sagrifikat għall-profitti. Anke hawn il-*unions* għandhom jaħdmu biex il-ħaddiem jerġa' jikseb saħħa u rappreżentanza f'dak li hu qasam politiku.

## It-triq 'il quddiem

X'għandhom jagħmlu l-*unions* Maltin f'dawn iċ-ċirkostanzi? U kif jista' t-trejdunjoniżmu f'Malta jsir aktar effettiv? Jiena nara dawn il-ħtiġiet:

Fil-livell tal-post tax-xogħol għandhom jaħdmu biex issaltan l-għaqda bejn il-ħaddiema kollha, kemm dawk Maltin kif ukoll dawk barranin. Dan jista' jsseħħ biss jekk l-*unions* jgħaqqdu lill-ħaddiema wara miri li jkunu ta' interessi komuni kemm għal dawk Maltin kif ukoll għal dawk ġejjin minn barra. Dawn l-għanijiet komuni jinkludu żieda gradwali fil-paga minima sakemm din tilhaq livell ta' paga li tippermetti għajxien deċenti; liġijiet li jrażżnu x-xogħol prekarju u infurzar intensiv ta' dawn il-liġijiet; tibdil fil-liġi biex id-dritt ta' *strike* jerġa' jissaħħaħ kif kien qabel u ma jkunx suġġett li jkun ristrett skont ma kemm se jkunu l-effetti. Għandhom ukoll jinsistu mal-Gvern li meta joħroġ liċenzji biex jinġiebu ħaddiema barranin, dawn jorbtu lil min iħaddem li jiggarantilhom kundizzjonijiet ta' xogħol li ma jkunux jammontaw għal *cheap labour*. Il-Gvern għandu jara wkoll li f'każ ta' xogħol illegali, min jisfrutta u mhux min ikun vittma taċ-ċirkustanzi jbati l-konsegwenzi.

Biex ikunu effettivi, il-*unions* għandhom jaraw li anke huma jingħaqdu formalment bejniethom. B'hekk jiksbu aktar saħħa bħala istituzzjonijiet. Jaslu wkoll biex jagħtu eżempju lill-klassi li jirrappreżentaw, dik tal-ħaddiema, dwar kif għandha tingħaqad biex topponi l-ġlieda tal-klassi li qed issir kontriha. Huwa nuqqas kbir li l-*unions* Maltin mhumiex magħqudin fi *Trade Union Council* biex, kemm hu possibbli, jieħdu pożizzjonijiet komuni fejn jidħlu drittijiet tal- ħaddiema.

Fil-livell politiku, il-*unions* għandhom jinsistu li jittieħdu miżuri biex il-kumpaniji kbar privati ma jibqgħalhomx is-saħħa li, fuq bażi individwali jinfluwenzaw lill-Gvern fid-deċiżjoniijet tiegħu. Il-kuntatti bejn il-Gvern u l-privat għandhom isiru dejjem uffiċjalment mill-Gvern mal-organi uffiċjali li jirrappreżentaw lill-privat, bħal *Malta Employers Federation*, il-*General Retailers and Traders Union*, u oħrajn. Anke

l-qrubija bejn il-partiti jew kandidati individwali, u kumpaniji kbar jew individwi miljunarji li jsostnuhom finanzjarjament għandha tiġi mrażżna. Hawnhekk il-*unions* għandhom jinsistu li l-finanzjament tal-partiti mill-kumpaniji privati isir illegali u kriminali. Għandhom jitolbu wkoll li l-kuntratti u l-ftehim kollha li jsiru bejn il-Gvern u l-privat ikunu kollha mxandra pubblikament u ma jiġux mistura taħt it-taparsi-skuża tal-kunfidenzjalità.

**Għeluq**

Wara li poġġejt il-ħsibijiet tiegħi dwar it-trejdujoniżmu llum, nixtieq nagħlaq billi nerġa' nsellem lill-ħabib tiegħi Fra Ġwann. Niftakar li l-aħħar li ltqajt miegħu kien madwar sentejn ilu meta organizzajna ikla f'restorant is-Salini bejn xi eks ħaddiema tat-Tarzna flimkien ma' xi akkademiċi. Din kienet waħda mid-drawwiet li konna ħloqna snin qabel; li meta jiġi niltaqgħu miegħu madwar mejda, ħaddiema u ħbieb biex nieklu, nitkellmu u niddiskutu. (Bernard Cauchi, wieħed mill-ħbieb u bin ħaddiem tat-Tarzna, kien isejħilha 'ikla ideoloġika'). Mur għidli li kienet se tkun l-aħħar draba li se niltaqgħu!

Nieħu l-okkażjoni hawn biex insellimlu, jekk xejn ghax dejjem ispirani naħdem favur il-ġustizzja soċjali. Fra Ġwann dejjem baqa' sod fil-fidi tiegħu fil-Vanġelu vera tan-Nazzarenu, u qatt ma xaqleb lejn il-vanġelu-falz neo-liberali li tant huwa dominanti llum.

# One Bird's Song

Mario Gerada

If we look at the natural world migration is everywhere. In Malta we are familiar with the migration of birds, those leaving Europe to fly to Africa in September and when they fly back at the begining of spring. In ancient Persia men cultivated gardens to invite song birds to stay and delight people with their song. Birds facinate us, they symbolised freedom before man could fly, as they moved across countries and continents freely. Humans have that same longing for freedom. Terry Tempest Williams writes:

*'Once upon a time, there was the simple understanding that to sing at dawn and to sing at dusk was to heal the world through joy. The birds still remember what we have forgotten. That the world is meant to be celebrated.'*

Bird song brings joy and perhaps it is one of the reasons why finches are so coveted, and men (mostly) go to great lengths to trap them, for their flight and song to be caged, an act of pleasure perhaps.

The trajectories of our own lives offer us similarities. We also get entangled or trapped inbetween the poetics and realities of our own lives. The longing for freedom (be it physical or spiritual) is perhaps shared with that same longing that birds feel. Like them we encounter a number of dangers along the way. My personal friendship with Fra Ġwann Xerri thought me to stay alert, to remain attentive to the song, inspite of the conditions (captivity) asylum seekers in Malta find themselves in, and not only.

Migration is a loaded term. European politicians have now chose to reduce and frame it within security discourse. NGOs and International Organisations focus on a Human Rights perspective. Migration is also a reality that is linked to International Development, an important per-

spective that is often overlooked. Migration is also, simply put, a human thing (and not only), because people move, they always did, though one must say that the nomads and the farmers often end up in conflictual relationships, dating back to Cain and Abel.

It is also true that many asylum seekers leave their country of origin not due to any choice of their own. Freedom is a complex matter. What does freedom mean when one is escaping from war and violent conflict? Asylum seekers try to desperately reach the European continent and even more so, the countries members of the European Union because perhaps, they more than us, believe in the so-called European project: the promise of peoples living on the same continent with an agreed and a common understanding that violent conflict should be unthinkable, that human rights are involiable and that should be respected at all times. It is a dream. In some ways the European Union has come close to this ideal, but not always, and like the small cage that finches find themselves in, so do people find themselves enclosed behind fences, walls, barbed wire, various detention centres – prisons really, and all sorts of directives and laws. Perhaps dreaming is not for everyone. Sometimes, European politicians sound like they are singing to that tune.

Fra Ġwann found hope in every circumstance he encountered. It was always a matter of perspective. He often made reference to the Gospels, starting from the story of the person or communities he was interacting with, in that specific moment. He often said that San Ġorġ Preca practiced this way of reading Scripture as well, to be immersed in the here and now while looking at the narratives found in the Gospels for that light one needs to glimpse the authentic 'sacred'. He did have his favourite Gospel parables and narratives, like the one about the Syriopheonician woman or the one of the rich men who neglects Lazarus at his door. Ġwann was fascinated by these narratives, each and everytime he read or discussed them and found them everywhere. The shepherds were Ġwann's favourite characters in the nativity narratives and Maltese cribs. He looked out for these characters anywhere he went and built relationships specifically with them. For Fra Ġwann worship was about relationships, he also knew that relationships are complex and hard work, the Gospels never promised anything different to that.

What mostly attracted us to Fra Ġwann was his ability to weave a thread, seamlessly through his life as a Dominican priest, the Gospel he fervently believed in (proclaiming the good news), and friendships he had with people across society, be it a weekly meeting with Graffitti, a mass celebrated for Drachma, a coffee at one of the African coffee shops and restaurants in Malta, attending for a vigil or protest, or a meeting with someone who is high profile. He approached each and every encounter with that same curiosity and interest.

Fra Ġwann and I often met in Valletta for morning tea and pastizzi and spoke about all of that, newspaper articles, current affairs, theology and politics. However, Ġwann was always on the look out for hope, finding the occassion to bless and proclaim the good news, that was always his reading of affairs.

Ġwann's life was radical in more ways than one. Though his radicality was nothing outside of the ordinary, if we use the Gospels' lens. It is that perspective that our societies have lost and so, someone like Fra Ġwann comes across as outside of the norm. His life, the one we celebrate, reminds us how a life faithful to being the disciple of Jesus actually looks like, and it is lived at a cost, even within Church structures themselves. For Ġwann it was important to stay alert, he repeated that often. That was a Jesus command he took very seriously, including the one of not being called Father.

Fra Ġwann often migrated himself, Latin America and Malta, and beyond that as well. Like the birds he flew seasonally, till news reached us that he went on his last flight to the eternal garden. It is in that moment that perhaps, like others I felt jealous for the birds. And yet, that is the human condition, we have to wait, even though some of our loved ones take flight before us. And all of a sudden human life seems to be a little bit like watching the birds migrating, like the ones I saw last Sunday in Baħrija, not really knowing where they were coming from nor where is the exact place they were going to. In their flight the promise of hope of reaching that beautiful place. Though for us, birds keep being shot down or trapped, and humans keep drowning in our seas. For us, for now there seems to be no end to all sorts of closed centres, and dreams shattered. We keep looking for the song inspite of captivity. And yet, no

matter how many birds are shot down or trapped they keep migrating. They trust their urge to fly in search of a beautiful place. Perhaps we are more like the birds than we think, perhaps there is a beautiful place here on Earth as well.

# Il-kuraġġ ċiviku u l-vjaġġatur li jgħallem mingħajr ma jaħkem

Prof. Carmel Borg

Meta fis-seklu sittax Thomas More kiteb l-'Utopja', is-satira soċjo-politika dwar soċjetà gżirjana li tnixxi l-kuntentizza, l-awtur ħass il-bżonn li jibda dan ix-xogħol b'ittri li nktibu bejnu u wħud min-nies li ltaqa' magħhom fil-vjaġġi tiegħu fl-Ewropa.

L-ewwel ktieb ta' dan it-test medjevali jagħtina x'nifhmu li dan ix-xogħol letterarju ma kienx mitbugħ sempliċiment biex iġammar il-fantasija fittizja fil-qarrej, iżda kien xogħol b'għeruq fondi fir-realtà mitkellma u mistħarrġa, bi preparazzjoni għall-kitba immaġinarja ta' dinja li mhix. Aspett ieħor tal-ewwel ktieb tal-'Utopja' huwa d-dawl li jixħet fuq l-importanza tal-vjaġġ u n-nomadiżmu intellettwali fl-izvilupp ta' dinja li għad trid tkun; il-vjaġġi kurjużi li ma jieqfu qatt ilaqqgħu u jkellmu.

Dawn iż-żewġ elementi li nsibu f'dan ix-xogħol bikri – il-vjaġġ u l-laqgħa – jiddefinixxu ħajjet Patri Ġwann, l-imgħallem tal-pedagoġija kritika; il-patri Dumnikan li terraq b'mod kuraġġjuż f'kull kantuniera tad-dinja, f'ħajja mogħtija lir-riflessjoni kritika. Riflessjoni djalogali perpetwa, magħġuna fit-trab, il-ħofor, il-ħotob, iż-żlieq, it-tajn u s-saram ta' toroq it-tbatija u l-oppressjoni. Fl-ispirtu ta' vjaġġatur b'kuraġġ ċiviku, Ġanni kien kapaċi jiżra' d-dubju fost is-slaten u dawk li ħobżhom kien maħbuż. Lill-komdu kien jiskomdah b'kelmet l-imġarrbin li ltaqa' magħhom fit-triq. Il-patri radikali ma kienx kuntent bl-inbix superfiċjali tar-realtà. Dejjem ried jidħol fl-għeruq fondi ta' dinja selvaġġa, inġusta, u ġerarkika, bit-tama konkreta ta' dinja aħjar. Ġanni ma kellux il-pretensjonijiet ta' akkademiku li kiteb riżmi dwar il-pedagoġija kritika. Ġanni b'mod konkret madankollu, kien pedagogu kritiku mill-iprem.

**In-newtralità qatt mhi newtrali**

Ġanni, bħal kull mgħallem u fittiexi radikali li jħaffer fil-fond tar-realtà biex jiskava l-verità, qatt ma bata mill-illużjoni tan-newtralità, u qatt ma ddistakka ruħu mir-realtà biex mingħalih jagħmel analiżi oġġettiva ta' fenomeni soċjali li jitolbu bilġri li ningħarrqu fihom biex nifhmuhom. Il-laqgħat ma' Ġanni dejjem kienu laqgħat ta' suġġettività profonda, ta' bniedem li d-djalogi tiegħu dejjem kienu stedina biex niċħdu l-idea li l-Istorja mietet u li l-ideoloġiji spiċċaw. Mill-pożizzjoni ta' suġġettività konxja, Ġanni baqa' jfakkar li l-lixka tat-tmiem l-ideoloġija kienet se twassal għal ambjent politiku għeri mill-moralità u l-etika; spazju b'potenzjal qawwi edukattiv li jispiċċa jiċħad kull possibiltà li jidħol f'konfront kritiku-produttiv mad-dinja.

Għemil Ġanni, tipiku tal-vokazzjoni tal-edukatur kritiku mpenjat, ma jħallilek ebda dubju dwar liema naħa tax-xmara ideoloġika kien jinsab, u minn liema direzzjoni kien qed jonfoħ ir-riħ tal-ispirazzjonijiet tiegħu. Fil-laqgħat mal-imgħallem tal-pedagoġija kritika, kien jinħass l-għerf miġmugħ mit-terrieq ta' intellettwali suġġettiv, li b'mod konxju għażel li jixrob qatigħ mill-għejun tal-għerf indiġenu, dak li jitqies minn ħafna bħala ta' wara l-muntanji jew popolari, b'kuntrast ma dak esklussivament xjentifiku. Għerf li joħroġ dritt mill-art, u li mhuwiex mitbugħ. Għerf it-triq imħatba, li mhux biss jaħsadna bil-qawwa tiegħu iżda joffrilna tama li l-għerf sofistikat mill-Punent diffiċli jtina. Dehen li mhuwiex mittiefes minn forom ta' ħsieb li jissawru fuq l-inkwina tal-burgeżija tal-Punent, l-istess burgeżija li wasslet lid-dinja f'xifer il-qerda, u li issa trid tipperswadina li għandha t-tweġibiet għall-ħsara li saret tul sekli ta' sfruttament, ħakma u paradigmi globali mibnija fuq il-ħażna tal-ġid u l-poter.

Grazzi għall-għerf alternattiv, miġmugħ tul snin ta' nomadiżmu bla fruntieri, Ġanni kien jgħina noħolmu mqajmin, b'ħarsitna fuq il-preżent personali u soċjali. Armat b'għerf indiġenu mill-isbaħ, li jaħsdek bis-sempliċità tiegħu, Ġanni kien jiskomoda ċ-ċertezza xjentifika, l-insularità u s-suppervja kulturali, il-kolonjaliżmu intellettwali, u l-ipokrezija ta' min jaħseb li teżisti verità li biha jista' jwaqqaf kull tentattiv ta' qari multipliku tar-realtà. Għal kull min kien komdu bid-dinja ddur kif inhi, Ġanni kien sovverżiv u ribell. Tikketti li jissarfu f'għarfien

kumplimentuż tax-xogħol għaqli u effettiv tal-edukatur kritiku fl-azzjoni.

B'sens qawwi ta' suġġettività, Ġanni, bħal kul għalliem trasformattiv, kien konvint li l-edukazzjoni trid tirkupra t-tradizzjoni demokratika u kritika, jekk trid isservi liċ-ċittadini qabel l-interessi ekonomiċi.

Fit-tradizzjoni tal-pedagoġija kritika, spazji edukattivi huma nħawi profetiċi; agori politiċi li jikkontradixxu ċ-ċiniżmu u l-qtigħ il-qalb ta' kotriet beżagħna mill-protagoniżmu soċjali. Spazji fejn il-paguniżmu intellettwali tal-espert ma jitħalliex jiddeġenera f'awtoritarjaniżmu li jifga l-analiżi u l-azzjoni kollettiva.

## L-edukazzjoni hija politika

Ġanni fehem li l-edukazzjoni kritika hija ċentrali fil-ġlieda għall-konxju politiku, u li kull mument pedagoġiku ta' bixra trasformattiva għandu l-potenzjal għall-qawmien, għat-tfakkira u għejxien il-Għid. Pedagoġija kritika ma tista' qatt tkun meħlusa mill-konfront mad-dinja. Mingħajr dan il-konfront, kull tlaqqigħ edukattiv isir opportunità biex tiġi kkonfermata d-dinja nġusta li hi. Il-konfront kritiku mad-dinja huwa att kreattiv fih innifsu; att li joħloq għerf ġdid dwar id-dinja li tista' tkun.

Biex l-att kreattiv iseħħ, il-proċess edukattiv irid iħajjar id-dubju u l-mistoqsija skomda, u jwarrab l-edukazzjoni taċ-ċertezza; l-edukazzjoni li timblokka l-poter kreattiv tal-parteċipanti, tirreżisti d-djalogu u timmitiloġizza r-realtà billi tbarri l-interrogazzjoni, ir-ribelljoni, is-sovverżjoni u l-eretiċiżmu. Edukazzjoni li timmansa għax tirreduċi lill-parteċipanti fi sponoż passivi ta' għerf l-espert-predikatur. Edukazzjoni nekrofilika mgħannqa mal-inġustizzji li tirrifjuta li tinvestiga. Edukazzjoni tad-dlam, li tibża' mid-dawl u l-ħelsien li jġib miegħu. Edukazzjoni passiva li tħalli d-dinja ddur.

## Il-pedagoġija li temanċipa

Għalhekk, edukaturi radikali, dawk li huma interessati fl-għeruq tal-ħajja soċjali, huma bla sabar fit-tfittxija kontinwa għal spazji u mumenti edukattivi, kultant ippjanati u ħafna li m'humiex, li jqisu lil kull min jipparteċipa fihom bħala suġġetti responsabbli tal-Istorja. L-Istorja li mhix il-kollezzjoni ta' fatti li ġraw iżda il-preżent moħmi minn ċittadini

attivi li jirrifjutaw li jibqgħu spettaturi ta' spettaklu miktub biex jiġi kkunsmat kif inhu. Il-pedagoġija li teħles la tibza' mill-konfront u lanqas mit-tensjoni li dan il-konfront joħloq qalb l-investigaturi tar-realtà umana.

Kollox jibda mill-għarfien li d-diżordni soċjali u ekonomiku, għelt il-bniedem, huwa riversibbli, u li l-proċess li jwassal għal aktar umanizazzjoni tal-bniedem huwa proċess vijabbli. Għax għandu dimensjoni qawwija trasformattiva, dan il-proċess edukattiv mhux qiegħed hemm biex kulħadd isir klassi medja, biex kulħadd jimita lill-oppressur, iżda biex jifhem u jibdel il-kuntest li jżomm lill-imġarrab milli jsir aktar uman. Il-pedagoġija kritika hija proġett ta' irkupru; mixja perpetwa, bl-imġarrab bħala l-ass ewlieni f'proċess trasformattiv li jservi lill-umanità ttraduta.

Iċ-ċentralità tal-imġarrab fil-proċess tal-emanċipazzjoni hija indispensabbli, għax l-oppressur ma jista' qatt imexxi proċess ta' umanizazzjoni mit-tron tal-privileġġ u l-poter bla qies.

Iżda, biex l-imġarrab jitlaq tassew mill-periferija u jokkupa post ċentrali fil-mixja trasformattiva, il-proċess edukattiv irid iwassal lill-imġarrab biex jinħall mill-kuxjenza tal-oppressur. L-oppressur ma jistax jibqa' dik l-ħolma falza li l-imġarrab irid jaspira għaliha. Għall-imġarrab, id-dinja ma tistax tibqa' dik il-gżira tal-ħolm materjali, li tiddefinixxi lill-bniedem b'kemm jaqla', jakkumula u jikkonsma. Il-proċess ta' umanizazzjoni jrid jaqbad triq oħra, differenti mit-triq tal-manipulazzjoni, il-qerq, u l-ġenerożità falza tal-oppressur.

## Meta r-riflessjoni issir azzjoni

Ir-rebħa tal-oppressur fuq id-dinja tkun daħlet fil-fond tat-tessut soċjali meta l-imġarrab jemmen li hekk hi magħmula d-dinja, li m'hemmx x'wieħed jagħmel għajr li jara kif jgħix mill-aħjar li jista' f'dinja tonda li ma nistgħux nikkwadraw. Rebħa li tħalli lill-imġarrab fi stat ta' fataliżmu kroniku; koma intelletwali li twaqqafu milli jinduna li kien il-bniedem, u mhux id-destin jew il-kastig divin, li wassal lid-dinja għas-sura li ninsabu fiha. Aktar ma l-oppressur jaħkem u jsir eġemoniku, anqas se jkun l-għarfien tal-imġarrab li n-nuqqas ta' umanizazzjoni huwa att uman u nġust.

Għalhekk, il-mixja lejn aktar umanizazzjoni għandha dimensjoni qawwija pedagoġika, b'kontenut qawwi edukattiv. Meta nħallu lill-edukazzjoni ssir taħriġ, meta l-edukazzjoni tiddandan bl-akkumulazzjoni tal-informazzjoni, u meta l-edukazzjoni ssir seftura tal-ekonomija, inkunu qegħdin naċċettaw li l-għan ewlieni tal-proċess edukattiv huwa li nadattaw fid-dinja, li nażistu biex nidħlu fil-loġika tas-suq, li aħna lkoll gwardjani ta' ġibjun fejn l-ilma ma jiċċaqlax u ma jiddardarx.

Meta niddefendu edukazzjoni li mhix mibnija fuq il-mistoqsija skomda nkunu komdi bl-istatus tagħna ta' oġġetti tal-Istorja, u naslu biex naċċettaw il-ġenerożità falza tal-ħakkiem; karità benevolenti li tħalli lill-istrutturi soċjali u ekonomiċi kif inhuma. Ġenerożità falza, għax jirnexxilha timmansa u tippaċifika lil min jista' jieħu azzjoni kuntrarja. Falza, għax tnaqqar l-aptit għall-iskavar u għall-fehem ta' x'inhu jiġri. Falza, għax tinnormalizza l-inġustizzji u tqishom bħala ewl id-dinja, tiġrib kollaterali naturali tal-ħajja. Falza, għax tikkastra l-kurżità epistemoloġika. Falza, għax twaqqaf l-għatx għar-riskju. Falza, għax tibburokratizza l-ħajja. Falza, għax tipprietka l-adattament u għax hija allerġika għall-ħasda. Il-biża' mill-mistoqsija tiftaħ it-triq għall-aċċettazzjoni tat-tweġiba bħala t-tema ċentrali tal-proċess edukattiv; proċess invażiv li jikkolonizza moħħ il-bniedem.

Ġanni kien jemmen b'saħħa li l-ġenerożità ġenwina tibda mill-għarfien li l-ġenna tibda hawn, u li l-bniedem għandu l-ħila li b'għerfu u b'għemilu jista' jasal għall-ħelsien. It-tama tal-Ġenna tagħmel sens biss jekk it-tama fl-art titlaħħam bi proċes ta' kuxjentizzazzjoni u b'ħidma konkreta li twassal għall-ħsieb kritiku fl-azzjoni. Għal Ġanni, xhud ewlieni ta' movimenti kbar fil-pajjiż addottiv tiegħu, it-tama vera hija t-tama konkreta li toħroġ mill-azzjoni imdawla.

## Le għall-pedagoġija tal-pulptu

Ġanni qatt ma ġie fostna bħala predikatur jew mgħallem tal-pedagoġija tal-pulptu: il-pedagoġija tal-komunikati, id-dommi, u d-duttrina.

Ġanni kien mgħallem tad-djalogu, il-pedagoġija ewlenija tal-edukazzjoni kritika. Mgħallem li jisma', li jirrispetta, dejjem sensittiv għall-kulturi tal-post, kolletivist, etikament iddixiplinat, kontabbli għal

dak li jgħid, qrib l-emozzjonijiet tal-imsieħba fid-djalogu, u awtorevoli mingħajr qatt ma waqa' fl-awtoritarjaniżmu.

Fuq kollox, Ġanni kien mgħallem li jħobb. Meta l-edukatur iħobb, ma jasal qatt biex jaħkem jew jinvadi lil ħaddieħor. Dejjem jibqa' student, anke fil-mumenti li qiegħed jgħallem. L-edukatur li jħobb huwa dejjem miftuħ għat-trasformazzjoni personali u, mimli kunfidenza, ma jibżax minn mumenti ta' vulnerabbiltà intellettwali jew emozzjonali.

Ġanni kien ippreparat sew għad-djalogu u għat-tensjonijiet li jista' joħloq. Fit-tradizzjoni tal-Pedagoġija Kritika, id-djalogu huwa mifhum bħala tlaqqigħ ta' bnedmin, medjat mid-dinja, biex jifhmu d-dinja. Djalogu onest huwa dejjem mibni fuq is-smigħ, il-produzzjoni ta' għerf mingħajr preskrizzjoni jew tweġibiet lesti.

## Biex negħlbu l-fataliżmu

Is-saħħa tal-pedagoġija tad-djalogu hija dejjem fl-esperjenza konkreta ta' kuljum tan-nies. Ġanni kien xhud dirett ta' tiġrib il-bniedem f'inħawi differenti tad-dinja. Sikwit kien jibni fuq il-kurżità li kellna dwar il-bdiewa bla art fil-Brażil, u l-ġlieda perpetwa tagħhom għall-jedd li jaħdmu l-art mhux maħkuma. Ġanni kien jirrakkonta stejjer mhux biss biex nisimgħu dwar tiġrib ta' nies imċaħħda minn għejxien xieraq, qrib l-art li tant jirrispettaw, iżda biex nibdew konversazzjoni dwar kif inhu possibbli li David jeħodha kontra Gulija; kif mill-kuxjenza kritika David jgħaddi għall-azzjoni kollettiva, bil-konsegwenzi, kultant koroh, li din l-azzjoni ġġib magħha. Il-Movimento dos Trabalhadores Rurais Sem Terra (l-MST), il-ħaddiema tal-art bla art, orfni ta' Stat qaddej ta' min għandu l-poter u l-qawwa monetarja, kien dejjem iservi ta' rakkont pedagoġiku aġġornat, mimli tama, ħelsien, emanċipazzjoni, ġlieda kontinwa, għarfien id-dinja, solidarjetà, komunalità, kollettività, kuxjenza kritika, kuraġġ ċiviku, tama, u viżjoni ta' ħajja 'l hinn mill-konsum. Fuq kollox, storja ta' reżistenza min-nies li l-privileġġjat jibnihom bħala msieken, sfortunati u anqas ixxurtjati.

Dawn il-parabboli mill-preżent tat-tiġrib għandhom l-effett preċiż li juru li t-tama qiegħda fl-azzjoni politika konkreta. Dik l-azzjoni fejn il-parteċipanti jiltaqgħu mal-possibbiltà u jagħrfu li d-diskors dwar l-impossibbli huwa diskors ideoloġiku qarrieqi. Parabboli li jfakkruna

li l-eżistenza tal-bniedem tinsab xi mkien bejn il-possibbiltà tal-bidla u d-diffikultà tal-bidla, iżda qatt fl-impossibbiltà tal-bidla. Fil-parabboli tat-tiġrib toħroġ ċara t-tfittxija permanenti għal dak li hu possibbli, u biex dan iseħħ, jeħtieġ li nkunu nies ta' azzjoni, preżenti fid-dinja u kontinwament naħsbu dwar id-dinja. L-istejjer ta' Ġanni, pedagoġija qawwija u effettiva, iwissuna li qatt m'għandna naqgħu fl-għelt id-dikotomija bejn it-teorija u l-prattika, bejn il-moħħ u l-id. Id-deskrizzjoni tad-dinja mhix biżżejjed. L-Għid jitlob l-azzjoni daqskemm jistenna l-għarfien.

Id-dinja qatt mhi magħmula, dejjem qiegħda ssir. Għalhekk, il-vjaġġ fid-direzzjoni tal-ħelsien huwa vjaġġ kontinwu. Il-fqar dejjem se jibqgħu magħna.

## Biex nagħlaq

Ġanni kien komdu fil-pedagoġija kritika għax kien qrib il-Knisja profetika, u ħaddan tat-teoloġija li tillibera. Kien konvint li Knisja li ma toffrix opportunitajiet għall-azzjoni konkreta, 'l hinn mill-karità, b'risq l-ifqar fost il-fqar, hija Knisja li tistuta d-dawl.

Ġanni kien komdu fl-għażliet li għamel. Fittex u sab teoloġija li toffri tweġibiet konkreti għall-inġustizzji. Teoloġija li toffri t-tama konkreta billi tiddenunzja l-inġustizzji filwaqt li tannunzja l-libertà u l-ġustizzja soċjali. Teoloġija mgħarrqa f'viżjoni profetika u rivoluzzjonarja, mibnija fuq il-ħtieġa urġenti li ta' kuljum nirbħu fuq il-mewt.

Ġanni ta ħajtu lil Knisja li dejjem ħabb, iżda dejjem xtaq jaraha toħroġ mit-tradizzjonaliżmu, mill-folklor, u mill-agħar forom ta' missjoniżmu u kolonjaliżmu reliġjuż. Dejjem ħabrek biex iwaħħad it-traxxendentali mal-materjali, u għallem li l-pellegrinaġġ spiritwali għandu dejjem ikun medjat mid-dinja. Għal Ġanni, il-bniedem ma jistax jasal għas-salvazzjoni mingħajr ma jġarrab il-liberazzjoni. Messaġġ ċar mingħand id-Dumnikan nomadu li s-settarjaniżmu sekulari jew reliġjuż huwa bastun fir-rota tar-rivoluzzjoni liberatorja.

## Referenzi

Borg, C. (Ed.) (2013). *L-Edukazzjoni hi Politika. Kitbiet Paulo Freire*. Malta: Horizons.

More, T. (2021). *Utopia*. Ottawa (Ontario): East India Publishing Company.

# Il-ġlieda għal soċjetà msejsa fuq il-ħarsien

Andrè Callus

**Id-dinja u aħna**

Iltqajt ma' Fra Ġwann Xerri l-ewwel darba meta kelli madwar għoxrin sena waqt il-laqgħa interna ta' kull ġimgħa tal-Moviment Graffitti. Għalkemm dawn il-laqgħat kienu jkunu miftuħin għal kull min irid jattendi, il-preżenza ta' Fra Ġwann kienet issorprendietni xi ftit minħabba l-fatt li kien ikbar sew fl-età minn ħafna minna u, fuq kollox, kien patri. Dan f'kuntest fejn il-Moviment Graffitti kien meqjus mhux biss grupp radikali tax-xellug iżda wkoll grupp ta' sotto-kultura alternattiva bħall-punks jew il-hippies.

Minkejja li għaddew ħafna snin, dik il-laqgħa u oħrajn warajha nibqa' niftakarhom għaliex Fra Ġwann qasam magħna ideat u esperjenzi marbutin mal-Amerika Latina, u lil hinn minnha, li kienu jqanqlu fina ħsibijiet kritiċi dwar min aħna, x'qed nagħmlu u kif taħdem is-soċjetà u d-dinja madwarna. Ir-rakkont ta' stejjer minn kontinent li qatt ma żort, iżda li f'moħħi kont norbtu mill-qrib ma' movimenti qawwija u rivoluzzjonarji tax-xellug – 'il bogħod ħafna mir-realtà Maltija – kien opportunità li naħsbu b'mod usa' dwar il-prinċipji fundamentali li nħaddnu bħala xellugin u dwar l-istrateġiji li jistgħu jwelldu soċjetà aktar ġusta.

Kull kelma, kull taħdita, issib it-tifsira tagħha fil-kuntest storiku u soċjali li tingħad fih. Fra Ġwann kellu perspettiva storika u globali ħafna iktar rikka minn tagħna. Biss biss, kien ilu bbażat fil-Brażil u jaħdem ma' komunitaijiet differenti mis-sebgħinijiet. Filwaqt li għalina kienet ovvja li sistema kapitalista globali misjuqa mill-profitti kienet inġusta u kienet qed twassal għall-faqar, il-vjolenza u l-qerda ambjentali, Fra Ġwann seta' jitkellem b'mod prattiku dwar it-taqbidiet, ir-rebħiet u

t-telfiet li wasslu għas-sistema globali preżenti u l-impatt tagħha fuq is-soċjetajiet tagħna.

## Ir-rebħa tal-kapitaliżmu

Il-kuntest li konna qed nitkellmu fih – u dwaru – kien wieħed ta' soċjetà dejjem aktar individwalista fejn kulħadd mistenni jaqdef għal rasu u fejn il-konsum bla qies huwa wieħed mix-xewqat primarji tal-individwu. L-idea li aħna bħala soċjetà neżistu biss frott ir-relazzjonijiet li għandna ma' ħaddieħor u x-xogħol li nagħmlu kollettivament, intradmet taħt il-forzi tas-suq ħieles u l-qligħ privat. Minflok soċjetà msejsa fuq il-ħarsien ta' dawk kollha li jagħmlu parti minnha u li timmira li tilħaq il-benesseri kollettiv, din kienet soċjetà fejn l-istati u l-popli telqu l-kontroll minn fuq il-proċessi ekonomiċi li jiddeterminaw ħafna minn ħajjitna u l-ambjent ta' madwarna.

Is-sistema kapitalista ma kinitx xi ħaġa ġdida. Lanqas ma kienu ġodda l-ideat dwar sistema ekonomika bbażata fuq il-qligħ privat u s-suq ħieles. Iżda li kien hemm ġdid kienet dik li Fra Ġwann sejħilha "ir-rebħa tal-kapitaliżmu", xi ħaġa li rat il-bidu tagħha bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien li huwa beda jkun attiv fil-komunitajiet tal-Brażil. Fit-tmeninijiet, is-sistema kapitalista u l-idea ta' suq ħieles li jiddomina fuq kollox rebħu fuq sistemi u ideat oħra, tant li ħafna anqas baqgħu jimmaġinaw alternattivi għalihom. Fra Ġwann jiddeskrivi din bħala r-rebħa tas-sinjur fuq il-fqir.

Is-sebgħinijiet u t-tmeninijiet raw il-firxa tan-neoliberaliżmu madwar id-dinja. Dan beda propju mill-Amerika Latina, fiċ-Ċilì taħt id-dittatura tal-Ġeneral Augusto Pinochet, u eventwalment sar is-sistema dominanti madwar il-globu bil-politika ta' Ronald Reagan fl-Istati Uniti u Margaret Thatcher fl-Ingilterra. Il-politika neoliberali kienet ibbażata fuq il-flus mingħajr xkiel u mingħajr regolamentazzjoni tal-flus u l-kapital. Is-swieq finanzjarji telqu għal riħhom u bdew jiddominaw l-ekonomija globali mingħajr ebda forma ta' kontroll demokratiku, filwaqt li l-istati bdew jabbandunaw l-irwol tagħhom fl-ekonomija u l-irwol li jħarsu s-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħhom. Fit-tieni nofs tal-għoxrin seklu, speċjalment fil-kontinent Ewropew, movimenti b'saħħithom tal-ħaddiema kienu mbuttaw lill-istati

kapitalisti sabiex joffru sistemi ta' ħarsien u għamlu kisbiet importanti li tejbu radikalment il-kwalità tal-ħajja, fosthom il-ħarsien tad-drittijiet fuq ix-xogħol, il-ħarsien tas-saħħa u l-ħarsien tas-sigurtà finanzjarja matul il-ħajja. Fl-era neoliberali, ħafna minn dan kollu beda jiġi żarmat favur sistema fejn il-ħajja u l-għajxien tan-nies jiddependu kważi esklussivament mill-forzi tas-suq – sistema bla ħarsien.

Fit-tmeninijiet ikkrollaw ukoll il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li kienu jsejħu lilhom innifishom soċjalisti u b'hekk issaħħet l-idea li ma kienx hemm alternattiva għall-kapitaliżmu kif ukoll sar diffiċli ħafna li pajjiżi madwar id-dinja jadottaw sistema li mhijiex kapitalista.

In-neoliberaliżmu ma kienx ħakma astratta li ssib biss l-espressjoni tagħha fid-dinja kaotika tas-swieq finanzjarji u s-swali tal-korporazzjonijiet multinazzjonali. In-neoliberaliżmu ħalla impatt straordinarju fuq is-soċjetà. Forsi xejn ma jista' jfissrilna aħjar x'fisser in-neoliberaliżmu għas-soċjetà mill-kliem ta' Margaret Thatcher meta qalet *"Is-soċjetà? Din ma teżistix. Jeżistu biss individwi rġiel u individwi nisa, u l-familji tagħhom*". Fuq medda ta' ftit għexieren ta' snin sar ristrutturament radikali ekonomiku, politiku u soċjali, fejn l-individwu issa kien dejjem iktar għal rasu, jara d-destin tiegħu f'termini individwali u mhux kollettivi. Ħafna industriji kbar inqasmu f'biċċiet żgħar imxerrdin madwar id-dinja; is-solidarjetà soċjali u l-ħaddiema organizzati fl-unjins bdew triq wieqfa għan-niżla; u ħafna partiti politiċi li kienu nħolqu bil-parteċipazzjoni tal-massa issa saru biss magni sofistikati ta' relazzjonijiet pubbliċi li jrebbħuhom l-elezzjonijiet.

In-neoliberaliżmu kien poter ġdid li għaġen ix-xewqat u l-aspirazzjoni tal-individwi mifrudin minn xulxin. Minkejja dak li ddikjarat Thatcher, is-soċjetà kienet u baqgħet hemm, iżda saret dejjem iktar soċjetà nieqsa mill-prinċipju tas-solidarjetà u l-ħarsien hekk kif il-konsum ġie nkurunat re u l-identitajiet marbuta mal-klassi soċjali ddgħajfu.

## L-Ambjent

Il-parteċipazzjoni ta' Fra Ġwann f'laqgħat u inizjattivi tal-Moviment Graffitti għenitna nifhmu kemm il-ġlidiet u l-kwistjonijiet

li konna qed naħdmu fuqhom kienu marbutin mill-qrib ma' realtajiet u proċessi globali.

Fuq quddiem fil-kampanji tagħna kien hemm il-ħarsien ambjentali u l-ħarsien tal-art pubblika. Il-qerda ambjentali ma bdietx man-neoliberaliżmu. Iżda fis-soċjetà neoliberali nieqsa mill-ħarsien, l-ambjent u l-ispazji pubbliċi sfaw, globalment u lokalment, vittmi tar-regħba sistematika u mingħajr kontroll. Eżempju kważi assurd ta' dan huwa l-emerġenza tal-klima. Minkejja li llum kulħadd jgħaraf li t-tibdil fil-klima huwa reali, li diġà qed ikollu impatt devastanti fuq miljuni ta' nies u li hemm ċans serju li jħassarna kollha kemm aħna minn wiċċ id-dinja, il-gvernijiet jinsabu paralizzati għax la għandhom ir-rieda u l-anqas l-għodda sabiex jieħdu l-azzjoni urġenti u deċiżiva li hemm bżonn. Wara ħamsin sena ta' neoliberaliżmu ninsabu sottomessi għal interessi kapitalisti qawwijin li llum il-ġurnata jikkontrollaw l-ekonomija u konsegwentament il-politika.

F'Malta, il-qerda ambjentali sabet l-ikbar espressjoni tagħha fl-isfruttament tal-art, l-arja u l-baħar minn interessi privati qawwijin li ngħataw ir-riħ mill-gvernijiet Maltin. Mid-disgħinijiet 'il quddiem, Malta rat il-privatizzazzjoni ta' meded kbar ta' art pubblika għal proġetti spekulattivi. It-trasferiment ta' art pubblika lill-interessi privati ilu li beda mis-sittinijiet, iżda fil-bidu kellu l-iskop li jinċentiva investiment industrijali u l-ħolqien tax-xogħol permezz tal-bini ta' fabbriki u lukandi. Iżda fid-disgħinijiet, l-art pubblika bdiet tingħata għal proġetti purament spekulattivi, jiġifieri l-bini ta' appartamenti sabiex jinbiegħu bħala investiment minn kumpaniji privati Maltin lis-sinjuruni globali, b'każijiet bħal ta' Fort Chambray f'Għawdex, Portomaso, Manoel Island, Tignè Point u reċentement l-ITS f'Pembroke.

Fuq il-front l-ieħor kellek il-qerda ambjentali u tal-kwalità tal-ħajja b'ritmu mgħaġġel fl-ibliet, l-irħula u l-ispazji naturali u agrikoli tagħna. Dan ma kienx effett kollaterali tat-traskuraġni jew l-ineffiċjenza fil-qasam tal-ippjanar, iżda proċess intenzjonat li jistimula l-ispekulazzjoni fil-proprjetà u s-settur tal-kostruzzjoni permezz ta' politiki laxki u awtoritajiet servili għan-negozju. Ir-riżultat tiegħu, barra d-deterjorament tal-kwalità tal-ħajja, kien il-ħolqien ta' klassi ta' spekulaturi li akkwistaw kontroll qawwi fuq il-politika u

l-politiċi, kif ħareġ biċ-ċar mid-diversi stejjer marbuta mal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

In-neoliberaliżmu għalhekk iddetermina l-politika tal-ambjent u l-ippjanar ta' dawn l-aħħar snin. Minflok sistema li tħares il-ġid komuni, inħolqot sistema mfassla sabiex tinċentiva t-tkabbir ekonomiku bin-negozju spekulattiv u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ispazji pubbliċi għaliex, skont id-domma neoliberali, l-uniku ġid possibbli huwa dak li joħroġ min-negozjanti privati meta jitħallew jaħdmu bl-inqas indħil possibbli mill-istat.

Il-kuntest tal-ġlieda ambjentali hawn Malta, u l-kuntest tal-ġlidiet ambjentali u għall-użu ġust tal-art mill-komunitajiet indiġeni u mill-bdiewa bla art fil-Brażil u pajjiżi oħra tal-Amerika Latina, li tant kien jirrakkuntalna dwarhom Fra Ġwann, kienu kuntesti differenti ħafna. Iżda ma kienx wisq diffiċli li wieħed jara l-proċessi ekonomiċi, politiċi u soċjali komuni li kienu fl-għeruq ta' dawn il-kwistjonijiet.

**Il-ħaddiema**

Kif konna ta' spiss niddiskutu ma' Fra Ġwann, il-ħaddiem huwa fiċ-ċentru tal-ħsieb xellugi għaliex huma l-ħaddiema – bħala dawk li joħolqu l-ġid fis-soċjetà bix-xogħol tagħhom – li għandhom l-interess u l-ħila strutturali li jbiddlu s-sistema. L-impatt tan-neoliberaliżmu dgħajjef lill-ħaddiema f'pajjiżna wkoll. Filwaqt li s-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta tul is-snin kompliet tissaħħaħ, il-ħaddiema qegħdin jieħdu porzjon dejjem iżgħar tal-ġid maħluq mill-ekonomija, filwaqt li l-movimenti tal-ħaddiema – li xi darba kien fiċ-ċentru tal-politika u s-soċjetà Maltija – resqu dejjem iktar lejn il-marġini.

Illum li l-kunċetti neoliberali saru dominanti, naraw konsistentament kif gvernijiet ta' kull naħa joqogħdu lura milli jdaħħlu miżuri li jħarsu lill-ħaddiema. Minkejja r-rikonoxximent mill-gvernijiet stess li ħafna pagi huma baxxi, dawn ripetutament jirrifjutaw li jgħolluhom permezz ta' żieda fil-paga minima. Ta' spiss jingħad li l-pagi għandhom jogħlew biss permezz tal-forzi tas-suq mhux b'intervent tal-gvern. L-istess jgħodd għall-kundizzjonijiet tax-xogħol li baqgħu kundizzjonijiet relattivament fqar għal għexieren ta' eluf ta' ħaddiema hawn Malta. Biżżejjed inqisu n-numru ta' ħaddiema, il-biċċa l-kbira tagħhom

barranin, li matul dawn l-aħħar snin mietu jew indarbu serjament fuq il-post tax-xogħol.

U dan kollu sar fil-kuntest ta' tkabbir ekonomiku fenomenali li minnu konna nistennew titjib sostanzjali fil-qagħda tal-ħaddiema. Iżda dan ma seħħx, għaliex il-forzi tas-suq għamlu minn kollox sabiex il-pagi jibqgħu baxxi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jibqgħu skadenti. F'Malta, l-ekonomija kibret ħafna iktar milli kien hemm bżonn. It-tkabbir ekonomiku ma waqafx sal-ħolqien tax-xogħol għal kulħadd iżda baqa' għaddej bil-ġiri sforz l-intervent tal-Gvern li jinċentiva n-negozju privat. Dan sar, fost affarijiet oħrajn, billi matul dawn l-aħħar ftit snin inġiebu masses ta' ħaddiema barranin sabiex jaħdmu b'pagi baxxi, ħafna drabi f'sitwazzjonijiet ta' sfruttament u mneżżgħin mill-kapaċità li jaqbżu għad-drittijiet tagħhom minħabba l-fatt li l-permess tax-xogħol li jkollhom ikun jiddependi fuq min iħaddimhom.

Fil-kuntest tal-forzi tas-suq, dan fisser li l-pagi baqgħu baxxi u l-prezzijiet tal-propjetà splodew għaliex id-domanda żdiedet fi żmien qasir. U fil-kuntest ta' gvernijiet neoliberali li ma jridux jintervjenu biex jgħollu l-pagi u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema, jew biex irażżnu s-suq tal-propjetà, dan fisser li porzjon ikbar tal-pagi tal-ħaddiema qed jispiċċa jmur fil-kirjiet jew is-self.

Ir-riżultat ta' dan kollu huwa ż-żieda fl-inugwaljanza soċjali f'Malta, li hija parti wkoll mix-xejra li qed naraw globalment f'dinja dominata minn sistema li tara primarjament il-qligħ u mhux il-ħarsien tan-nies li suppost qed isservi.

**Il-ġlieda tkompli**

Ir-rebħa tal-kapitaliżmu li kien jitkellem dwarha Fra Ġwann ma kinitx rebħa finali u assoluta. Kienet rebħa importanti, profonda u mifruxa, iżda li xorta baqgħet issib reżistenza minn individwi u komunitajiet madwar id-dinja. U kien propju dan li laqqagħna – l-interess li naħdmu għal dinja aktar ġusta msejsa fuq il-prinċipju tal-ħarsien kollettiv minflok l-interessi privati.

L-esperjenza ta' Fra Ġwann kienet waħda prattika ferm għaliex kellha l-għeruq tagħha fil-ġlidiet tal-komunitajiet li qed jesperjenzaw forom ta' oppressjoni u jiġġieldu kontrihom. Frażi tiegħu li baqgħet

ittimbrata f'moħħi u li ħafna drabi sibt lili nnifsi naħseb dwar is-sinifikat tagħha, kienet "*your mind is where your feet are*". Din tista' tfisser ħafna affarijiet imma għalija l-iktar li tfisser huwa li dak kollu li naħsbu u dak kollu li nagħmlu dejjem u inevitabbilment ikun determinat minn fejn qegħdin u ma' min qegħdin.

It-tagħlima mill-esperjenzi u l-ħsibijiet ta' Fra Ġwann kienet li t-tama għal soċjetà msejsa fuq il-ħarsien tinsab fil-ġlieda għaliha. Mhijiex faċli. In-neoliberaliżmu ma wassalx biss għal ekonomija partikolari imma wassal ukoll għal trasformazzjoni soċjali li dgħajjfet il-kollettiv u elevat l-individwaliżmu. U mingħajr l-azzjoni kollettiva bbażata fuq is-solidarjetà huwa diffiċli ħafna li jkollok attiviżmu b'saħħtu. Iżda l-opportunitajiet xorta għadhom hemm. Pereżempju, fiż-żmien li ltqajna l-ewwel darba ma' Fra Ġwann kienet bdiet mewġa ta' gvernijiet xellugin eletti fl-Amerika Latina, bħal dak ta' Luiz Inácio Lula da Silva fil-Brażil, li kellhom l-oriġini tagħhom fil-ġlidiet minn komunitajiet differenti kontra diversi forom ta' oppressjoni kapitalista. Għalkemm, kif jistqarr Fra Ġwann, ħafna minn dawn il-gvernijiet xorta kienu mġiegħla joperaw fil-qafas tas-sistema kapitalista, xorta waħda wettqu politika li sfidat bil-qawwa l-eġemonija tan-neoliberaliżmu.

L-attiviżmu xellugi mhuwiex biss ideat u diskors. Sabiex l-attiviżmu jkun effettiv irid jibda mill-preżenza u mill-esperjenza mal-gruppi li qed isofru l-inugwaljanzi u l-inġustizzji. Jekk 'saqajna' ma jkunux hemm, ikun diffiċli ħafna għalina li nifhmu u nieħdu l-azzjoni meħtieġa favur bidla ġusta. Għalhekk li ppruvajna nagħmlu bl-attiviżmu tagħna f'dawn l-aħħar snin kien propju li naħdmu direttament ma' dawk il-gruppi li sfaw l-agħar milquta mil-loġika tal-qligħ qabel kollox u l-avvanz neoliberali, bħar-residenti mhedda minn proġetti spekulattivi u l-ħaddiema, fosthom immigranti, li qed jiġu sfruttati.

Dinja oħra, dinja aktar ġusta msejsa fuq il-ħarsien, issir possibbli biss jekk jirnexxilna norganizzaw komunitajiet differenti – ta' residenti, ta' bdiewa, ta' immigranti, ta' ħaddiema – sabiex kollettivament niġġieldu favur il-ħarsien soċjali u ambjentali li nixtiequ.

# X'inhu t-teatru ta' Augusto Boal? Għadu attwali fi żmienna?

Martin Gauci

**Daħla**

Permezz ta' din il-kitba nieħu l-okkażjoni nsellem lil Patri Ġwann Xerri, li barra minn rabtiet familjari (oħtu Carmen miżżewġa lil ħija Salvu), tul is-snin kien hemm bosta okkażjonijiet fejn iltqajna flimkien u ħabbatna l-ideat tagħna ma' xulxin. Minn meta fl-1971 hu u ħija Bertu (Patri Franġiskan) iċċelebraw flimkien l-ordinazzjoni saċerdotali tagħhom, kull darba li ltqajt miegħu żera' fija x-xenqa għal għarfien analitiku u qalb miftuħa għall-ifqar fost il-fqar. Mod xieraq biex infakkar lil Patri Ġwann hu billi nikteb dwar Brażiljan ieħor, Augusto Boal. Bħal Patri Ġwann, Boal ukoll kien jemmen li l-fqar huma l-aqwa għalliema, li l-imwarrba għandhom jisfidawna, u li għandna nippruvaw nieħdu fuqna u nagħmlu tagħna l-uġigħ u l-ġrieħi tagħhom. Bħal Patri Ġwann, kien jitħallat mal-bniedem tat-triq b'mod san u ġenwin. Faċli li minn fuq kattedra jew pulptu tilgħabha ta' ħabib tal-poplu, imma meta (taparsi biss) titħallat miegħu, tqis lil min m'għandux il-podju jew il-kapital kulturali tiegħek sempliċement bħala akkoltu. Fl-oqsma differenti tagħhom Patri Ġwann u Boal ħaddnu attitudni orizzontali, u emmnu li ż-żgħir kapaċi jimxi waħdu jekk ikun xprunat.

Boal ma riedx li t-teatru jkun xi monopolju ta' xi xirka privileġġjata (*elite*), iżda jkun ta' dawk li ħafna jsejħu – spiss b'mod dispreġjattiv – 'il-popolin'. It-teatru hu 'għodda' li l-poplu jista' jużа. It-teatru għandu jkun spazju fejn dak li jkun: 'jagħraf il-ħila tiegħu, ta' bniedem, … jifli lilu nnifsu, u kif iġib ruħu. Il-bnedmin għandhom din il-ħila; dik li josservaw lilhom infushom, jaraw u jaħsbu dwar dak li qed iħossu, u jitqanqlu minn dan it-tħammim. Il-bniedem kapaċi jara lilu nnifsu llum u hawn, u jistħajjel li jinsab 'l hinn u l-għada' (Fourtier). Fis-

siltiet li ġejjin se nagħtu ftit tagħrif fuq il-ħajja ta' Boal, u t-tipi ta' teatru li ħoloq.

## Min hu Boal?

Boal (1931-2009), tħarreġ bħala kimiku industrijali, imma dejjem kien affaxinat mill-ħidma teatrali. Iggradwa mill-Università ta' Columbia fi New York. Fl-istess belt, fl-1955, idderieġa l-ewwel kitba teatrali tiegħu '*The House Across the Street*'.

Reġa' lura l-Brażil imkebbes bl-ispirtu tar-rivoluzzjoni tas-snin sittin, u ħadem mat-Teatru Arena f'São Paulo. Ħareġ mill-ibliet, u beda jdur fil-periferiji u l-kampanji, u jesperimenta. Beda jħajjar lill-udjenzi tiegħu jagħżlu huma s-suġġett tar-rappreżentazzjonijiet teatrali li riedu jaraw jittellgħu. Dan ġieli wassal għal sitwazzjonijiet drammatiċi bħal meta darba xi ħadd mill-udjenza qam u ħajjar lill-oħrajn biex jaqbdu l-armi kontra sid tal-art inġust. Darba oħra, mara li m'għoġobhiex kif kien qed isir ir-rextar[1] telgħet fuq il-palk, u bdiet tgħid hi lill-atturi kif għandhom jaħdmu. Boal ma ddarrasx b'dan u beda spiss jinkludi s-sehem tal-udjenza fir-rappreżentazzjonijiet tiegħu.

Fil-Brażil sar kolp ta' stat. Il-ġunta militari li kienet taħkem il-Brażil xejn ma ħadet gost b'dan it-tip ta' teatru fejn l-udjenza ma kinitx passiva, u setgħet tuża dan biex tiżvoga r-rabja tagħha. Boal min-naħa l-oħra, sostna li bosta ħidmiet teatrali li kienu tollerati f'dak iż-żmien kienu għodda f'idejn min jaħkem biex jisseddaq l-i*status quo* tad-dittatura. Kien arrestat, ittorturat u eżiljat fl-Arġentina. Baqa' ma qatax qalbu, u dejjem sostna li: 'jekk ma tistax timxi fuq il-ħaxix, dejjem tista' ttir fuqu.'

Barra milli dderieġa, kiteb ukoll ħafna kotba. Ħidmietu kellha t-timbru ta' Paulo Freire u l-ktieb tiegħu *Pedagogy of the Oppressed*. Fl-1978 inħatar Professur fl-Università ta' Sorbonne, f'Pariġi. Hawn organizza l-*International Festival of the Oppressed* bejn l-1981 u l-1985. Intebaħ li fl-Ewropa hawn forom oħra ta' għaks, faqar u oppressjoni. Hawn affarijiet oħra li jħajru 'l dak li jkun jintelaq, jibża' u ma jiqafx lill-inġustizzja. Anzi jaċċetta din bħala parti naturali tal-ħajja.

Mal-waqgħa tal-ġunta militari, reġa' lura l-Brażil. Laħaq kunsillier għall-belt ta' Rio de Janeiro (1993-1997) u għamel ħiltu biex juża wkoll

it-teatru għal bidla fil-mod li bih kien tinftiehem u titħaddem il-politika (*Legislative Theatre*). Fis-siltiet li ġejjin se naraw tliet mudelli ta' teatru li Boal ippropona.

**Viżjoni differenti tat-Teatru – it-Teatru tal-Mirfusa**

Minn żmien il-Griegi 'l hinn, it-teatru nbidel minn ċelebrazzjoni fejn kulħadd kien jista' jieħu parti u jagħti sehem kif ried, għal istituzzjoni b'timbru ta' firda. Il-palk bħala l-ispazju ta' dawk li jirrextaw fuqu, ġie segregrat mill-platea. L-udjenza saret passiva, tirċievi biss il-messaġġi ta' dak li jkun jinħadem quddiemha. L-uniku ċaqliq kien ikun dak tal-karattri. Kull kunflitt u taqtigħa bejn l-atturi tibqa' fuq il-palk. Xogħol l-udjenza kien li 'titpaxxa' b'dak li kien ippreżentat lilha. Jispiċċa kollox b'kulħadd kuntent.

Boal ippropona teatru li fih dawn il-firdiet jisfaxxaw. Teatru fejn l-ispettatur isir attur u protagonist. Fehem li t-teatru għandu jwassal lil hinn minn tqanqil emozzjonali 'li titħassar lilek innifsek jew lil ħaddiehor'. It-teatru jrid jitlaq mill-katarsi, u jsir dinamiżmu. Il-bidla li ried fit-teatru hu kien jaraha minn lenti politika. Berthold Brecht kien influwenti ħafna f'dan.

Boal ma kienx iqis it-teatru bħala rivoluzzjonarju fih innifsu. Il-bidla fil-mod ta' kif isir teatru madankollu, kellha tkun tħejjija għall-bidliet fis-soċjetà. Kien jara fiha l-possibilità ta' *rehearsal* għall-bidliet li jmorru lil hinn mill-palk. It-teatru kellu jixpruna lil dak li jkun biex waqt li jara dak li jkun 'maħdum' quddiemu, jifli x'tattika għandha tintuża f'ħidma konkreta għal bidla fid-dinja.

Boal sejjaħ it-teatru li kien ħoloq f'Rio De Janeiro Teatru tal-Mirfusa (*Theatre of the Oppressed*). Levana Smith, li tuża metodi bħal ta' Boal imma f'kuntesti differenti, issostni li t-Teatru tal-Mirfusa: 'jilgħab bit-teatru biex jipprovdi spazji u għodod… biex in-nies titqanqal u tiskopri kif tista' ġġib ruħha b'mod differenti fit-teatru tal-ħajja (*Theatrum Mundi*). F'dan tal-aħħar, kulħadd hu attur u spettatur fl-istess ħin'.

Flimkien ma' grupp teatrali mrawwem minnu, ħa t-Teatru tal-Mirfusa fil-qalba ta' komunitajiet, fi knejjes jew fabbriki, fi ħdan *unions* jew fil-*favelas* ta' Rio. Kien qed iqanqal ilmijiet qiegħda. Gvernijiet differenti rawh bħala theddida.

## Teatru Inviżibbli

Fl-eżilju tal-Arġentina fl-1971 żviluppa dak li sejjaħ Teatru Inviżibbli. Hu għamel dan biex jiżgiċċa s-sikkatura politika li kienet teżisti anke f'dan il-pajjiż. Dan it-tip ta' teatru kien jibdel fi spazju performattiv kwalunkwe roqgħa art li fiha Boal u l-grupp teatrali tiegħu jidhrilhom li jista' jsir teatru fiha. Kienet x'kienet ir-roqgħa ta' art; xagħri, maħżen abbandunat jew wesgħa mitluqa; isiru spazju teatrali. Kien jinfetaħ djalogu mal-udjenza mingħajr din biss ma tintebaħ. It-Teatru Inviżibbli kien jesponi lill-udjenza għal xi forma ta' oppressjoni soċjali mingħajr posters, manifesti jew struttura formali. Boal kien irid li min ikun qed jara, l-ewwel jikkummenta fuq xi oppressjoni partikulari. Imbagħad, jekk irid, 'joħroġ jaħdem hu parti, fejn dak li jkun itella' rappreżentazzjoni ta' kif jaħseb il-qagħda tista' tkun differenti. Atturi u membri oħra tal-udjenza setgħu jkomplu ma' dan, u joħolqu djalogu u djalettika. Mhux ta' b'xejn li f'intervista ma' Juan Gonzalez (03/06/2005), Boal iddeskriva t-*Teatru Inviżibbli* bħala 'mument fejn l-attur isir spettatur tal-ispettatur li jsir attur. Mument fejn l-istħajjil u r-realtà jinterzjaw ruħhom f'xulxin'. Permezz ta' dan it-teatru, l-udjenza kellha tasal biex tifhem li l-i*status quo* mhux xi ħaġa sagra jew naturali li ma tistax tinbidel.

## Teatru Forum

Forma oħra ta' teatru li Boal ħoloq hi *Teatru Forum*. Hawn, bl-għajnuna ta' moderatur, il-problemi 'jaħarqu' ta' zona partikulari (skejjel żdingati, droga, tfal jiġġerrew mat-toroq, prostituti jitlajjaw, nuqqas ta' xogħol, kundizzjonijiet ħżiena jew pagi baxxi) ikunu mixtarra ma' u mill-udjenza. Grupp imħarreġ minn Boal jibda billi 'jaħdem' xeni dwar dawn is-sitwazzjonijiet. Min irid mill-udjenza jista' jintervjeni u jgħid kif jistgħu jkunu preżentati aħjar, u b'mod aktar reali. Jekk irid, ikun jista' jirrexta hu wkoll. Imbagħad jista' jinħadem kif il-qagħda tista' tkun differenti jew titjieb. F'dan kollu l-ispettatur isir *spekt-attur*. Mhux 'joqgħod jitħassar' u jammira, imma jifli kif jista' jtejjeb il-qagħda soċjali tiegħu. Dak li jkun qed jagħmel l-ispekt-attur, ikun qed jagħmlu f'isem l-oħrajn. Jekk dawn imma ma jaqblux ma' kif dak ikun qed jirrapreżentahom, jistgħu jeħdulu postu, u jaħdmu huma kif jidhrilhom li għandu jkun. It-tħaddim ta' Teatru Forum seħħ

fil-Brazil, fuq medda ta' sena, fi ħdan diversi tipi ta' komunitajiet.

Fost il-komunitajiet li magħhom inħadem, kien hemm komunitajiet magħmula minn priġunieri, ħaddiema tal-ħabs, u dawk li joqogħdu fl-inħawi. Jum minnhom filgħodu nħadmet silta mill-għassiesa, fejn dawn semmew id-diffikultajiet li jiffaċċjaw, il-ħlas baxx, u l-ħabsijiet iffullati. Waranofsinhar dakinhar stess, l-istess gwardjani ħadmu l-parti ta' ħabsin bl-uniformi maħmuġa, miexja b'rashom baxxuta, u b'idhom fuq spallet dak ta' quddiemhom. Filgħaxija ntlaħaq il-qofol. Il-ħabsin nisa 'ħadmu' l-ġrajja ta' waħda minnhom, l-imsejkna Amanda. Din, skont kif titlob il-liġi, ġiet mifruda minn bintha ta' sitt xhur, li kienet imnissla u twieldet fl-istess ħabs. Tnediet diskussjoni, u saret tfittxija għal soluzzjonijiet possibbli. Intlaħaq qbil dwar il-ħtieġa ta':

- għarfien li fuq iż-żewġ naħat jgħixu bnedmin tad-demm u l-laħam.
- binjiet għat-tfal mal-ħabs, immexxija mill-priġunieri, ħalli titmewwet il-firda omm/wild u tittaffa l-qasma għassies/ħabsi. Min hu bla ħtija ma jispiċċax iħallas għal dnub il-ħati.
- la l-ħajja tpoġġi nies differenti jgħixu flimkien, jeħtieġ jitgħallmu kif jgħamlu dan id f'id, minkejja li ċ-ċirkustanzi tal-ħajja jpoġġuhom fuq naħat opposti.

Dan il-proġett mal-prinġunieri ngħata l-premju Betinho għall-jeddijiet Umani mill-muniċipalità ta' São Paulo fl-2001.

**Kontestwalizzazzjoni**

Skont Boal it-teatru ma jinvolvix riċetti li jgħoddu għal kull kuntest u okkażjoni. Rappreżentazzjoni teatrali trid tkun żviluppata mill-ġdid skont il-komunità fejn tkun ser tittella', għaż-żmien li jkun, u skont il-ħtiġijiet partikulari tal-post. Dan joħroġ anke mill-mod li bih Boal ħadem f'kuntesti differenti, kemm il-Brażil imma anke barra pajjiżu, bħal meta tella' xogħol l-Italja, fi Sqallija.

Valeria Valente, f'*La Repubblica* (19/2/2002) tiddeskrivi kif Boal ħadem f'Godrano, fi Sqallija. Hu beda billi laqqa' flimkien numru ta' voluntiera, u ħarriġhom fl-użu tal-vuċi u tal-ġisem, biex ikunu espressivi b'mod effettiv. Ħeġġeġ lin-nies, wara xi logħba u eżerċizzi, biex jinħallu mill-ebusija tal-formalità. Inkoraġġihom jipproponu xeni ta' oppressjoni ta' żmienhom u tal-kuntest tagħhom.

Valente tgħid li meta r-rappreżentazzjoni nħadmet, inħolqot okkażjoni soċjali fejn: 'il-magħkus u min jgħakksu' tlaqqgħu flimkien: nisa u żwieġhom, ħaddiema u min iħaddem, ċittadini u sindku.' Inħadmu xeni bi protagonist li jaħqar u l-antagonist maħqur. Il-protagonist, bħalma jiġri armajn dejjem, joħroġ rebbieħ. Animatur staqsa lill-udjenza jekk ir-rexta kinitx reali, u stieden lil min ried biex jipproponi xi bidla jew żieda – u jekk irid – jirrexta hu ukoll. Talabhom jekk jaħsbux hemmx soluzzjoni li tista' titnieda.

Ngħidu aħna, darba minnhom ġiet irrextata l-ġrajja ta' Ġużeppina, tfajla li riedet toħroġ ma' ħbiebha bħal ħutha. Missierha beda jgħajjarha: 'int qaħba bħal ommok'. Ħutha bdew jibagħtuha tkompli l-faċendi. Wara diskussjoni, kien maqbul li l-bint tista' tiddeċiedi li toħroġ wara li tad-dar ikunu daħlu jorqdu. Xi ħadd madankollu innota li b'hekk mhux se tgħaddi tagħha bi dritt. Kien hemm min innota imma, li jekk tad-dar se jintebħu li ħarġet, xorta se jifhmu li hi mhix se tħallihom jiddettawlha x'għandha tagħmel, b'mod sod anke jekk mhux konfrontattiv. Qamet diskussjoni dwar it-tmexxija dittatorjali tal-missirijiet. Minn hemm id-diskussjoni għaddiet għal dik tal-mexxejja politiċi. Ġew mixtarra wkoll it-telqa tan-nisa, u l-ubbidjenza għamja tal-ulied u tal-ħaddiema. Ġew diskussi temi li qatt ma kienu tqanqlu qabel, għajr bil-ħabi u bis-serqa. Jekk soluzzjonijiet ma nstabux, tal-anqas tnediet tfittixa għalihom min-nies tat-triq stess.

## Il-viżjoni ta' Boal għadha attwali?

B'riħet il-mod li bih ħadem it-teatru Boal, għad jista' jinħoloq jew jissaħħaħ is-sens ta' komunità. Għad hawn lok għal teatru li jqanqal lin-nies jaħsbu dwar x'qed ixekkel l-iżvilupp sħiħ tagħhom u ta' oħrajn, bħala bniedem. Għad hawn lok ta' teatru li jgħin jinħoloq għarfien ta' dak li hu, ta' dak li m'għandux jibqa', u ta' dak li jista' jsir aħjar. Għalhekk f'din il-kitba ma qistx lil Boal bħala wieħed *li kien*, imma *li hu*. Boal *jibqa'* relevanti sakemm it-teatru (kif isostni Brecht) ma jkunx biss mera li tirrifletti fuq u lis-socjetà, imma jkun mannarett li jonġorha.

It-Teatru kif prattikat minn Boal, m'għandux ikollu awra ta' romantiċiżmu, fejn wieħed jammirah biss (Aquilina). Għandu jkun xprun għat-tħaddim ta' teatru bħala għodda f'komunitajiet diversi. (Ngħidu

aħna, ma' ħabsin, nies f'postijiet ta' riabilitazzjoni minn vizzjijiet, dawk li qed jippreparaw għaż-żwieġ, dawk involuti fit-tagħlim tal-katekiżmu, u oħrajn.) Ħidmet Boal m'għandhiex tintuża billi wieħed jikkopja dak li għamel f'dawk il-kuntesti, iżda tkun għajn ta' tnebbiħ. B'Boal bħala ispirazzjoni, jista' jisseddaq f'pajjiżna t-teatru fil-komunità; għal komunitajiet partikulari, iżda wkoll għal komunitajiet aktar wiesgħa. Fuq livell tekniku u anke tematiku, jeħtieġ li wieħed ma jibżax jesperimenta. Fl-ilma qiegħed, ta' 'dak li dejjem kien u dejjem għamilna,' ma jixxettlux mirakli. Boal jisfidina nibdlu u niġġeddu.

Kif sostna Stanislavski: 'Tista' toqtol ir-re mingħajr xabla, tista' tkebbes in-nar mingħajr sulfarina. Li jeħtieġ hu li titkebbes l-immaginazzjoni'. Kif? Dak kulħadd irid jiskoprih hu stess fi djalogu ma' ħaddieħor. Irid jiskoprih b'id waħda fuq il-kuxjenza, u bl-oħra fuq il-polz tas-soċjetà.

## Għeluq

F'din il-kitba fakkart lil Patri Ġwann Xerri permezz ta' kitba fuq persuna oħra marbuta mal-Brażil, li wkoll ħadmet u stinkat biex dawk l-aktar 'l isfel ikollhom setgħa u dinjità. Wieħed għamilha fil-missjoni tiegħu ta' Duminikan. L-ieħor bħala bniedem tat-teatru. Jalla aħna ukoll nagħrfu naraw kif nistgħu nagħtu daqqa t'id biex intaffu l-uġigħ ta' dawk madwarna li għaddejjin minn xi għelt u nuqqas ta' tama. B'hekk, ukoll, ix-xitla li fl-oqsma tagħhom ħawlu Boal u Patri Ġwann ma tmut qatt.

## Nota

1. Qed nuża 'rextar' flok 'reċtar' biex nagħmel differenza bejn rextar fuq il-palk, u reċitar, bħal meta wieħed jirreċta r-Rużarju Mqaddes.

## Referenzi

Aquilina, Stefan, Spring 2014. *Platon Kerzhentsev and His Theories on Collective Creation* (Journal of Dramatic Theory and Criticism).

Boal, Augusto,1979. *Theatre of the Oppressed* (Pluto Press, London).

____. 2005. *Games for Actors and non-Actors* (Routledge Taylor and Francis group, London and New York).

Fourtier, Mark, 1997. *Theory/theatre: An Introduction* (Routledge Taylor and Francis group, London and New York).

Gauci, Martin, 2018. *Community Building through Theatre Practice* (Teżi mhux pubblikata).
Sierz, Alekx. 2009, *Augusto Boal.* The Guardian.
Smith, Levana. 2005, *Theatre of the Oppressed*.beautifultrouble.org Theory
Stanislavki, Constantin, 1957, *An Actor Prepares* (Trad. Jean Benedetti).

# Papa Franġisku u t-Tagħlim Soċjali tal-Knisja

Fr Raymond Gatt OP

Jekk kien hemm persuna li Patri Ġwann Xerri OP kien jammira ħafna kien bla dubbju Papa Franġisku. Jien smajtu kemm-il darba jitkellem fuqu b'ammirazzjoni, u peress li Papa Bergoglio huwa Arġentin, Patri Ġwann kien saflaħħar qata' xewqtu li fl-Istorja twila tal-Knisja Kattolika deher Papa mill-Amerika Latina u qiegħed jagħmel impatt evanġeliku fuq id-dinja kollha. Patri Ġwann kien missjunarju għal erbgħin sena fil-Brażil u tista' tgħid li matul dan iż-żmien tkellem u ħadem fuq dak kollu li huwa soċjali u li jolqot lill-persuna umana fil-ħajja ta' kuljum. Għalhekk xtaqt li f'dan li ġej insemmi t-temi ewlenin ta' Papa Franġisku fejn jidħol it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja.

## I

Il-Knisja Kattolika fuq l-eżempju u t-tagħlim ta' Ġesù Kristu dejjem interessat ruħha mill-bniedem. Hija tagħraf li d-dinjità tal-bniedem dejjem trid tiġi mħarsa għax hu ħolqien t'Alla u l-istess Alla, jrid li l-bniedem jiġi rrispettat matul ħajtu kollha. Dan il-Knisja dejjem emmnietu sa mill-oriġini tagħha. Għalhekk matul iż-żmien il-Knisja tkellmet fuq il-bniedem sħiħ: kemm fuq affarijiet li jolqtu dak li hu spiritwali u anki dak materjali tal-ħajja umana.

Lejn l-aħħar tas-seklu 18 seħħet dik li tissejjaħ ir-Rivoluzzjoni Industrijali u Teknoloġika[1] li bdiet fl-Ingilterra u fi ftit taż-żmien xterdet mal-Ewropa kollha. Din ġabet trasformazzjoni fil-mod ta' għajxien tal-familji, fejn il-magni ħadu post il-ħaddiema u l-fabbriki l-post tan-negozji tal-familji. Għalkemm sar dan il-progress fil-qasam tax-xogħol, dan imma ġab ukoll sfruttament min-naħa ta' min iħaddem lejn il-ħaddiema tiegħu. F'dan iż-żmien ma kien hemm l-ebda organizzazzjoni li kienet

lesta li taqbeż għall-ħaddiema (anki nisa u tfal) li nġustament bdew jiġu sfruttati b'sigħat twal ta' xogħol u pagi miżeri. Kien biss lejn nofs is-seklu 19 li bdew jidhru xi liġijiet biex jipproteġu lill-ħaddiema.

Quddiem din ir-realtà ġdida, il-Knisja għarfet il-bżonn li ssemma' leħinha quddiem l-inġustizzji li bdew jinbtu quddiem l-iżvilupp ekonomiku li ġabet magħha r-Rivoluzzjoni Industrijali. Hi fehmet li l-missjoni tagħha hija għal kull bniedem, biex tibni soċjetajiet imdawla minn prinċipji u valuri insara, u b'hekk tiddefendi l-bniedem quddiem l-inġustizzji.

Lejn l-aħħar tas-seklu 19 sa żminijietna l-Knisja ħarġet numru ta' dokumenti fosthom għadd kbir ta' Enċikliki tal-Papiet li fihom żvilluppat it-Tagħlim Soċjali tagħha li jirrigwarda lill-bniedem sħiħ u għamlet sejħa għal riformi soċjali. L-ewwel Enċiklika li tesponi t-Tagħlim Soċjali tal-Knisja lis-soċjetà industrijalizzata hija r-*Rerum Novarum*[2] li ħarġet mill-Papa Ljun XIII fil-15 ta' Mejju tal-1891. Wara isegwu, fuq medda ta' 130 sena diversi dokumenti[3] li jagħmlu parti mit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja.[4] Għalkemm wieħed ma jsibx soluzzjonijiet ħfief għall-problemi soċjali, imma dan it-tagħlim jitfa' dawl u għerf li jgħinu lill-bnedmin biex il-ħajja tagħhom tkun iktar mibnija fuq id-dinjità u r-rispett.

Meta wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn dawn id-dokumenti kollha tal-Knisja mal-ewwel joħorġu ċerti temi ewlenin li jolqtu lill-bniedem fil-ħajja tiegħu. Nistgħu insemmu: id-dinjità u d-drittijiet tal-persuna umana mit-twelid sal-mewt, il-ħajja tal-familja, l-għażla preferenzjali favur il-foqra u n-nies vulnerabli, il-valur tax-xogħol għal kulħadd, it-tfittxija għall-ġid komuni, il-ġustizzja ekonomika, il-fratellanza tal-ġens uman, is-solidarjetà u l-paċi fost il-ġnus u l-ħarsien tal-ħolqien. F'dawn it-temi toħroġ iktar is-sejħa tal-Knisja għal ħajja iżjed umana fost il-bnedmin. Wara kollox dan li qiegħed jinsisti fuqu l-ħin kollu Papa Franġisku matul il-pontifikat tiegħu.[5]

## II

Il-Papa Franġisku kompla saħħaħ permezz tal-kitbiet tiegħu t-tradizzjoni tant għanja tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja.[6] Huwa wkoll ma waqafx iwieżen u jissapportja lil diversi movimenti li qegħdin jaħdmu għall-ġustizzja soċjali fid-dinja. Peress li Papa Franġisku għandu l-polz

tad-dinja u jaf x'teħtieġ, huwa b'leħen profetiku ma joqgħodx lura u ma jibżax jitkellem fuq ċerti temi li qed jolqtu l-ħajja tal-bniedem tallum b'mod speċjali fi żmien il-pandemija tal-*Covid-19* li qed tagħmel il-ħajja ta' miljuni ta' nies iktar diffiċli.

Papa Franġisku jsostni li t-Tagħlim Soċjali tiegħu huwa msejjes fuq l-Evanġelju. Fil-fatt il-prinċipji li fuqhom huwa jibni t-Tagħlim Soċjali bħalma huma l-għażla preferenzjali tal-foqra,[7] is-solidarjetà, is-sussidjarjetà, il-parteċipazzjoni u l-ġid komuni kollha huma msejjsa fuq il-valuri evanġeliċi li jieħdu forma konkreta fuq livell soċjali u kulturali. L-enfasi tiegħu biex tiġi mħarsa d-dinjità ta' kull ħajja umana tirrikjedi ħidma bla waqfien għal iktar inklużjoni u ugwaljanza biex b'hekk ikun hemm bidla radikali fil-ħajja tal-bnedmin quddiem l-istrutturi tad-dnub. Dan jitlob konverżjoni personali u fl-istess ħin bidla fil-mudelli soċjo-ekonomiċi biex dawn isiru iktar umani.

Dawn li ġejjien huma l-iktar temi trattati mill-Papa Franġisku matul il-pontifikat tiegħu li jagħmlu parti mit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja:

• *Il-ħolqien u d-degradazzjoni tiegħu*: Franġisku nistgħu insejħulu l-Papa tal-Ambjent għax ħadd daqsu fis-siġġu ta' Pietru ma tkellem daqshekk favur il-preservazzjoni tal-ħolqien. L-Enċiklika *Laudato Si'*[8] dwar l-għożża tad-dar komuni, hija miftuħa għall-ġnus kollha li għandhom għal qalbhom il-pjaneta li jgħixu fiha. Papa Franġisku jistieden lil kulħadd biex jagħraf l-appell, l-immensità u l-urġenza tal-isfida li qed naffaċċjaw quddiem il-qerda ta' darna. Hija sejħa biex inkunu responsabli u ħarriesa tal-ambjent li ngħixu fih biex ma jinqeridx għax inkella inkunu qegħdin neqirdu lilna nfusna.

• *Il-ħajja tal-familja*: filwaqt li huwa jesponi s-sbuħija tal-familja nisranija u l-valuri evanġeliċi li jinsabu fiha, huwa wkoll jrrikonoxxa l-isfidi li l-familji qed jiffaċċjaw u kif il-Knisja għandha tindirizza u tagħti l-għajnuna tagħha lil dawk li jinsabu imġarbin.[9] Kien fil-bidu tal-pontifikat tiegħu li sejjaħ Sinodu tal-Isqfijiet f'Ruma li minnu ħarġet l-Eżortazzjoni Appostolika post-sinodali *Amoris Laetitia*[10] fuq l-imħabba fil-familja. Għalkemm għalih il-ħajja fil-familji mhijiex faċli, imma huwa jpoġġi t-tama tiegħu f'familji li jagħmlu minn kollox biex dejjem jibqgħu jħobbu lil xulxin u jaqsmu din l-imħabba mad-dinja.[11]

• *Il-persuna tal-Mara*: fl-omelija li għamel Papa Franġisku fl-ewwel tas-sena 2022 huwa qal: *'li n-nisa u l-ommijiet iġibu l-ħajja u jżommu d-dinja. Għalhekk irridu nagħmlu l-almu tagħna biex nipproteġu lill-ommijiet u lin-nisa. Kemm vjolenza qegħedha issir lin-nisa! Biżżejjed! Meta tweġġa' mara tkun qiegħed tinsulta lil Alla, li minn mara ħa n-natura ta' bniedem. Dan m'għamlux permezz ta' anġlu; lanqas ġie b'mod dirett; imma dan għamlu permezz ta' mara'*.[12] Dan il-kliem tal-Papa huwa sejħa imqanqla quddiem ir-realtà tal-femiċidju[13] u l-vjolenza domestika, biex dawn jieqfu mill-iktar fis u l-mara tiġi rispettata f'kull rokna tad-dinja.[14]

• *Il-faqar u d-dinjità umana*: huwa jpoġġi l-qalba tal-fidi nisranija fil-ġustizzja u l-kura għal dawk li l-iktar huma vulnerabli b'mod speċjali l-foqra tant li ħoloq sensittività ġdida fejn jidħlu l-fqar u anki nieda Jum il-Foqra fl-2017. Il-viżti kontinwi tiegħu lil dawk li m'għandhomx saqaf fuq rashom u li huma esklużi mis-soċjetà, il-priġunieri fil-ħabsijiet, ir-refuġjati fil-kampijiet, il-morda fl-isptarijiet u l-kuntatt li huwa għandu ma' kull kategorija ta' nies juru l-imħabba kbira lil Papa Franġisku għandu għal dawn il-persuni. Il-problema tal-faqar kull ma tmur qegħdha tikber fejn l-għani jsir iktar għani u l-fqir iktar fqir. Bla dubju din hi l-ikbar inġustizzja li teżisti fid-dinja.[15]

• *Id-dinjità tal-immigranti u t-tama għall-ħajja aħjar*: meta l-Papa Franġisku indirizza l-Kungress Amerikan f'Settembru tal-2015 huwa ddeskriva lilu nnifsu bħala 'iben l-immigranti'. Ċertament id-difiża tiegħu tal-immigranti għamilha prijorità tal-pontifikat tiegħu. Tant hu hekk li l-ewwel vjaġġ tiegħu bħala Papa barra l-Vatikan kien fit-8 ta' Lulju 2013, ġewwa Lampedusa fejn iltaqa' mal-immigranti fil-kampijiet. Illum eluf ta' nies qed iħallu pajjiżhom biex ifittxu futur aħjar. Dan qed iwassal għal ħafna mwiet waqt il-vjaġġ.[16] Il-fenomenu tal-migrazzjoni ilu jeżisti eluf ta' snin imma f'dan l-aħħar żmien sar fatt ta' kuljum. Għalhekk Papa Franġisku il-ħin kollu jħeġġeġ lill-kapijiet tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja biex illum qabel għada jindirizzaw il-migrazzjoni għax qed tikkawża tbatija kbira fost il-bnedmin. Huwa wkoll tkellem biex l-immigranti jiġu milqugħin fil-pajjiż fejn imorru ħalli jkollhom futur diċenti bħala persuni.[17]

• *Il-ġustizzja u x-xogħol*: Papa Franġisku tkellem matul il-pontifikat tiegħu fuq id-dinjità u l-valur tax-xogħol tal-bniedem. Il-qliegħ m'għandux jiġi qabel id-dinjità tal-ħaddiema; ix-xogħol qiegħed għall-bniedem u mhux il-bniedem għax-xogħol! Skont il-Papa d-dinjità tal-bniedem ma tiġix mill-poter, mill-flus u mill-kultura imma mix-xogħol. Il-ħaddiem ħaqqu li jitħallas paga ġusta u ma jiġix sfruttat, biex b'hekk ikun jista' jgħajjex il-familja tiegħu b'mod dinjituż; *'Il-persuna li taħdem, hu x'inhu x-xogħol tagħha, qed tikkollabora ma' Alla nnifsu, issir xi ftit jew wisq ħallieq tad-dinja'*.[18]

• *L-ekonomija tal-esklużżjoni u s-solidarjetà*: qegħdin ngħixu f'kultura neo-liberali[19] fejn is-sinjuri jkomplu jistagħnew u magħhom jiekol kulħadd mill-frak li jaqa' minn fuq il-mejda. Franġisku bla tlaqliq igħid 'la toqtolx' lill-ekonomija tal-esklużjoni u l-inugwaljanza – ekonomija bħal din toqtol għax hija mibnija fuq il-materjaliżmu u r-regħba.[20] Huwa jħeġġeġ biex l-ekonomija u s-suq ikunu umani, ġusti u jirrispettaw il-bżonnijiet tal-persuni. L-ekonomija barra li titħaddem b'mod politiku trid tiġi mħaddma b'moralità u twassal għall-ġid komuni. Ħadd ma jrid jiġi eskluż fis-soċjetà.

• *Il-globalizzazzjoni tal-indifferenza u l-għajta għall-ġustizzja*: fil-vjaġġ tiegħu lejn il-Filippini fl-2015,[21] Papa Franġisku ġie mistoqsi minn tifla għaliex ħafna tfal qegħdin jiġu abbandunati mill-ġenituri tagħhom u jkollhom iterqu fit-toroq fi tbatija kbira. Huwa ma kellux tweġiba għal dan imma sostna li l-indifferenza trid tintrebaħ bl-imħabba u l-għożża. Aħna lkoll nappartjenu għall-istess familja, ilkoll aħwa subien u bniet. Kif nistgħu inkunu indifferenti għall-ħutna li qed ibatu? Franġisku mhux biss tkellem fuq l-indifferenza imma kull sofferenza fid-dinja, fil-popli u fil-ħolqien, jaffetwawh b'mod personali. Huwa mhux biss jibgħat messaġġi ta' tama imma hu l-istess messaġġ ta' tama lid-dinja miġruħa. Jibqa' famuż il-Messaġġ li bagħat Papa Franġisku lid-dinja fl-eqqel tal-pandemija tal-*Covid-19*.[22]

• *L-aġenti ta' rikonċiljazzjoni u bini ta' pontijiet*: fl-aħħar enċiklika tiegħu *Fratelli Tutti*, Papa Franġisku jsostni li l-unika triq il-quddiem għall-umanità hija l-imħabba għax din tibni pontijiet u għax '*aħna maħluqin għall-imħabba u f'kull wieħed u waħda minna hemm speċi ta' liġi ta' estasi: fejn noħorġu minna nfusna biex insibu fl-oħrajn mod*

*kif aħna nikbru'*.[23] Dan iwassalna iktar biex nifhmu u ngħixu l-libertà, l-ugwaljanza u l-fraternità li tant hemm bżonnhom fid-dinja tagħna. U jekk hemm storja li ddawalna fuq dan hija bla dubju l-parabbola li rrakonta Ġesù Kristu, dik tas-*Samaritan it-Tajjeb*[24] li l-Papa japplikaha għal żminijietna. Il-Knisja trid tkun aġent ta' rikonċiljazzjoni fid-dinja. Bejn ir-reliġjonijiet jrid ikun hemm djalogu san u rispettuż biex tirrenja l-għaqda u l-paċi. Id-diversità li teżisti fil-kulturi u fit-twemmin mhix qegħdha hemm biex tifred imma din turi r-rikezza li hemm fl-umanità.

Papa Franġisku bil-ħidma tiegħu kompla jagħmel iktar għani t-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. Dan juri kemm il-Knisja hija viċin tal-bniedem u dejjem lesta ssemma' leħinha biex ikun hawn il-ġustizzja fid-dinja, li tintlaħaq b'impenn responsabli u b'perseveranza fis-solidarjetà. B'hekk naslu li jkollna dinja iktar umana u ġusta bid-diversità kollha tagħha. Patri Ġwann Xerri OP kellu din il-viżjoni u dejjem ipprova jaħdem biex din issir realtà.

## Noti

1. Ara *The Age of Revolution 1789-1848*., Eric Hobsbawm., Abacus, London, 1977; *Industrialisation and Social Inequality in 19$^{th}$ Century Europe*., Hartmut Kaelble., Berg, UK, 1986.
2. Din l-Enċiklika, li hija t-38 waħda fost il-85 enċikliki ta' Papa Ljun XIII (mexxa l-Knisja Kattolika mill-1878 sal-1903), tittratta l-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema fil-pajjiżi industrijalizzati.
3. Fl-1931 insibu l-Enċiklika *Quadragesimo Anno* tal-Papa Piju X; fl-1963 l-Enċiklika *Mater et Magistra* ta' Papa Ġwanni XXIII u l-istess Papa fl-1963 jagħtina l-Enċiklika *Pacem in Terris*; imbagħad għandna l-Kostituzzjoni *Gaudium et Spes* tal-Konċilju Vatikan II fl-1965; wara il-Papa Pawlu VI tana l-Enċiklika *Populorum Progressio* fl-1967, l-Enċiklika *Octagesima Adveniens* fl-1971 u l-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi* fl-1975; fl-1971 insibu wkoll d-dokument tas-Sinodu tal-Isqfijiet bl-isem *Justicia in Mundo*; il-Papa Ġwanni Pawlu II kiteb erba' enċikliki soċjali li huma: *Laborem Exercens* tal-1981, *Sollicitudo Rei Socialis* fl-1987, *Centesimus Annus* fl-1991 u *Evangelium Vitae* tal-1995; wara dan Papa Benedittu XVI ħallilna l-Enċiklika *Caritas in Veritate* fl-2009; mentri Papa Franġisku tana l-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Gaudium* fl-2013, l-Enċiklika *Laudato Si'* fl-2015 u l-Enċiklika *Fratelli Tutti* fl-2020.

4. Ara *Compendium of the Social Doctrine of the Church*., Vatican City, 2004; *It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja*., Knisja 2000., edit.Raymond Gatt OP, nru.57, lul-set 2001; *Żammejnieh Moħbi*., edit.Michael J.Schultheis, Edward P.BeBerri & Peter J.Henriot., CAM, 1990; *Il-Kontribut tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja,* Charles J. Scicluna., f'Kollox Politika? edit. Mario Thomas Vassallo, Malta University Publishing, 2021.
5. Papa Franġisku huwa l-ewwel Papa fl-Istorja twila tal-Knisja li ġej mill-kontinent Latin Amerikan. Jorge Mario Bergoglio twieled fi Buenos Aires, l-Arġentina, fis-17 ta' Diċembru tal-1936. Huwa kien ordnat saċerdot Ġiżwita fit-13 ta' Diċembru 1969. Laħaq provinċjal tal-Ġiżwiti Arġentini fl-1973. Imbagħad laħaq Arċisqof ta' Buenos Aires fl-1998 u kardinal fil-21 ta' Frar 2001. Bħala Isqof u Kardinal huwa kien magħruf għall-umiltà u l-impenn tiegħu għall-ġustizzja soċjali, fejn kien jitkellem fuq il-problemi ekonomiċi, soċjali u politiċi fl-Arġentina. Huwa ġie magħżul Papa fit-13 ta' Marzu 2013 u ħa l-isem ta' Franġisku għax qal li se jimxi fuq il-passi ta' San Franġisk t'Assisi. Papa Franġisku se jżur pajjiżna bejn it-2 u t-3 ta' April, 2022. Ara, *L-Evanġelju ta' Papa Franġisku*., Knisja 2000, edit. Raymond Gatt OP., nru.107, jan-mar 2004.
6. Ara Papa Franġisku., *Evangelii Gaudium* (2013)*, Laudato Si'* (2015)*, Fratelli Tutti* (2020) u *Let us dream – the Path for a better Future* (2020)*., Key Words of Pope Francis.,* edit.Joshua J.Mcelwee & Cindy Wooden., Bloomsbury, London, 2018.
7. Ara l-istudju fuq din it-tema kif żviluppat matul iż-żmien: Donal Dorr., *Option for the Poor and the Earth*., Maryknoll, 1992.
8. Ippublikata fl-24 ta' Mejju 2015 u magħmula minn Daħla u sitt kapitli. Il-qofol tagħha hu li tipprova tirrispondi għall-mistoqsija: X'tip ta' dinja irridu nħallu lill-ġenerazzjonijiet futuri? Ara Pope Francis., *Care for Creation.,* edit.Giuliano Vigini., Bangalore, 2018; *L-għajta ta' Ommna l-Art.,* Knisja 2000, edit. Raymond Gatt OP., nru. 131, jan-mar 2020.
9. F'serje ta' katekeżijiet fl-Udjenzi ta' nhar t'Erbgħa, mill-10 ta' Diċembru 2014 sat-18 ta' Novembru 2015, Papa Franġisku bi kliem sempliċi u fl-istess ħin prattiku tkellem fuq l-importanza tal-familja fiż-żminijiet tal-lum. Ara, Papa Francesco., *La famiglia genera il-mondo: Le catechesi del mercoledi*., Libreria Editrice Vaticana, 2015.
10. Fiha Daħla u disa' Kapitli li jesponu l-viżjoni nisranija għal kull familja li trid tinbena fuq ir-responsabilità, l-interess, l-umiltà u l-imħabba li jridu l-membri tal-familja lejn xulxin. Fiha jiġu trattati f'dawl ġdid koppji li jikkoabitaw, familji b'ġenitur wieħed u koppji li reġgħu iżżewġu.

11. Ara għal aktar tagħrif fuq din it-tema, *Insaħħu l-Familji tagħna.*, Knisja 2000, edit.Raymond Gatt OP., nru.88, apr-ġun 2009.
12. Ara, *L'Osservatore Romano.*, Weekly Edition in English, 55th Year, number 1, Friday 7th January 2022, pp.4-5.
13. Huwa kkalkulat li jsiru medja ta' 66 elf qtil ta' nisa fis-sena fejn nofshom isiru fil-kontinent Latin Amerikan. L'El Salvador hu l-iktar pajjiż li fih isiru femiċidji. Skont Edward Attard f'artiklu li deher fit-Times of Malta 18-01-22 p.11, f'Malta inqatlu 142 mill-1800 sal-lum. Fl-Awstrija matul l-2021 inqatlu 31 mara (Denise Hruby., Times of Malta 19-01-22 p.11).
14. Ara għal aktar tagħrif fuq din it-tema: *Il-Mara.*, Knisja 2000, edit.Raymond Gatt OP., nru.36, jan-mar 1996 u *Il-Feminiżmu u l-Mara fis-Soċjetà.*, Knisja 2000, edit.Raymond Gatt OP., nru.98, ott-diċ 2011.
15. Ara għal aktar tagħrif, *Il-Problema tal-Faqar.*, Knisja 2000, edit.Raymond Gatt OP., nru.122, ott-diċ 2017.
16. Papa Franġisku kemm-il darba tkellem fuq il-baħar Mediterran bħala ċimiterju għal tant nies fosthom tfal li tilfu ħajjithom waqt li kienu qed jaqsmu mill-Afrika ta' Fuq għall-kontinent Ewropew.
17. Ara, għal aktar tagħrif, l-Enċiklika ta' Papa Franġisku., *Fratelli Tutti.*, it-2 u r-4 Kapitlu., 2020; u *Il-Fenomenu tal-Migrazzjoni.*, Knisja 2000, edit. Raymond Gatt OP., nru.96, apr-ġun 2011.
18. Ara, l-Ittra Appostolika ta' Papa Franġisku fuq San Ġużepp *Patris Corde.*, 2020, nru.6.
19. Ara għal aktar tagħrif fuq din it-tema *Il-Kultura Neo-Liberali.*, Knisja 2000, edit.Raymond Gatt OP., nru.120, apr-ġun 2017.
20. Ara, l-Enċiklika ta' Papa Franġisku., *Laudato Si'*, Kap.3.
21. Papa Franġisku għamel il-Vjaġġ Appostoliku tiegħu lejn il-Filippini mill-15 sad-19 ta' Jannar, 2015.
22. Ara Messaġġ *Urbi et Orbi* ta' Papa Franġisku, 12 t'April 2020.
23. Ara *Fratelli Tutti.*, Kap 3 nru.88.
24. Ara Lq 10:25-37.

# Stedina għal Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta

Bernard Cauchi u Michael Grech

L-għan ta' din il-kitba hu li nfakkru lil Fra Ġwann Xerri billi nagħmlu riflessjoni fuq it-Teoloġija tal-Liberazzjoni f'kuntest Malti. Ser infakkru lil Patri Ġwann b'dan il-mod għax, kif kien stqarr hu, nemmnu li 't-Teoloġija tal-Ħelsien għandu bżonnha kulħadd, kullimkien u dejjem'.[1] (Xerri, 2007, p. 47). Kien fil-kuntest ta' intervista fuq it-Teoloġija tal-Liberazzjoni, li wieħed minna (MG), iltaqa' ma' Fra Ġwann fid-dar t'ommu f'Tas-Sliema, biex jieħu l-opportunità li jintervistah waqt li kien żjara hawn mill-Brażil. Minn hemm, u b'waħda minn dawk li Patri Ġwann kien isejjaħ kumbinazzjonijiet li ma jseħħux b'kumbinazzjoni, nibtet ħbiberija, kollaborazzjoni u kompliċità li estendiet ma' numru ta' nies oħra (inkluż BC). Fil-paragrafi li ġejjin ser nagħtu tifsira ta' x'nifhmu b'Teoloġija tal-Liberazzjoni. Ser nagħtu ħarsa ħafifa dwar tħammim teoloġiku f'Malta, u dwar għalfejn hemm bżonn ta' Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta. Se ngħidu wkoll x'karatteristiċi jidhrilna li din it-teoloġija għandha jkollha, u x'inhuma wħud mill-perikli li jidhrilna għandha taħrab.

## L-għodda li ser naħdmu biha

B'Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta ser nifhmu riflessjoni teoloġika: 'jiġifieri tħammim fid-dawl tal-fidi', ankrat fl-istorja u fil-ħidmiet politiċi tal-bniedem (Gutierrez, 2001, p.47) u allura marbuta ma':

i) Prattiċi ta' ħelsien f'Malta u fid-dinja. B'dawn nifhmu ħidma ġenwina f'kuntesti partikolari biex jiġu rispettati d-drittijiet u d-dinjità ta' kategoriji differenti ta' bnedmin, speċjalment dawk oppressi. B'din il-ħidma, il-bnedmin inkwistjoni jkunu qed jiġu trattati ta' xbieha t'Alla kif fil-fatt huma.[2] (Anke jekk min ikun imdaħħal f'din il-ħidma, mhux bilfors jiddeskrivi x-xogħol tiegħu fuq dawn il-linji).

ii) Dnubiet strutturali globali u lokali li jċaħħdu lill-bnedmin f'kuntesti differenti milli jgħixu ta' xbieha t'Alla.[3] Din ir-riflessjoni hi mħeġġa biex mhux biss jiġu identifikati dawn id-dnubiet u murija bħala xi ħaġa li tmur kontra r-rieda t'Alla, imma wkoll jiġi mifhum il-kaġun ta' dawn id-dnubiet, u jintefa' dawl li jista' jsostni lil dawk li huma mjassra minn dawn id-dnubiet u/jew qed jeħduha kontrihom.

Għal Gustavo Gutierrez: 'meqjus bħala l-fundatur ewlieni ta' dan it-tip ta' ħsieb' (Xerri, 2007, p.40), dan it-tħammim jinvolvi meditazzjoni fuq il-Bibbja, mifhuma bħala eżerċizzju li jġib tkabbir spiritwali f'dak li jkun. Jitlob riflessjoni u elaborazzjoni razzjonali fuq il-fidi u l-preċetti tagħha. Jinvolvi ukoll riflessjoni – mnebbħa mill-imħabba Nisranija – fuq dak li jkun qed iseħħ fid-dinja u l-istorja. (Gutierrez, 2001, pp. 48-54) Din it-tip ta' riflessjoni teoloġika spiss issir minn:

iii) Individwi.

iv) Għaqdiet.

v) Komunitajiet tal-bażi.[4]

La hi riflessjoni fuq id-dinja u l-istorja, din it-teoloġija ma tistax ma tużax għodod sekulari li jgħinu lil dak li jkun jagħraf aħjar ir-realtà konkreta li fuqha jew fuq xi aspett tagħha ikun qed jirrifletti teoloġikament. Dawn l-għodod sekulari jistgħu/għandhom jinvolvu kemm dixxiplini bħall-ekonomija, storja, soċjoloġija, u filosofija, kif ukoll l-esperjenzi u l-għarfien ta' bosta nies tat-triq li r-realtà jgħixuha u jaħsbu dwarha b'mod konkret. Storikament, uħud minn dawn l-għodod kienu ġejjin minn għejjun Marxisti (Gutierrez, 2001, p. 55), għalkemm it-Teoloġija tal-Liberazzjoni ma xorbotx biss minn dawn l-għejjun Marxisti biex tifhem ir-realtà. (Xerri, 2007, p. 48-49).

Teoloġija tal-Liberazzjoni ma tistax ma jkollhiex għarfien tal-għeruq li għandha fil-kuntesti konkreti li fihom isseħħ. Dan l-għarfien mhux mażżra li timblokka u tagħlaq, imma ankra li tagħmel ir-riflessjoni konkreta u relevanti. Konsegwenza ta' dan hi li, waqt li hemm u jista' jkun hemm tendenzi komuni f'Teoloġiji tal-Liberazzjoni li jseħħu f'kuntesti differenti (li jinkludu żminijiet u soċjetajiet partikulari), kif ukoll tilqim li jagħti l-frott bejn dawn, ma jistax ikun hemm formula jew riċetta li tgħid pass pass x'għandu jsir, u li tgħodd għal kull kuntest u realtà fejn fihom issir din it-tip ta' teoloġija.

## Ir-Riflessjoni Teoloġika f'Malta

It-Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta, ma tistax tinjora: 'l-ħajja u r-riflessjoni tal-komunità Nisranija [f'Malta] tul is-snin tal-pellegrinaġġ storiku tagħha. Is-suċċessi, in-nuqqasijiet u l-iżbalji huma l-wirt tagħna.' (Gutierrez, 2001, p.84) F'Malta, bħal f'kull realtà oħra fejn ir-reliġjon għandha rwol fil-ħajja ta' bosta nies, tul is-snin kien hemm diversi forom ta' teoloġija, kemm formali u mirquma, u kemm fuq livell popolari u spontanju. Din tal-aħħar, spiss seħħet f'kuntesti personali, u mhux f'komunitajiet miġbura biex jgħinu jew jistimulaw din it-tip ta' riflessjoni. Riflessjoni teoloġika popolari u/jew spontanja li tmur lil hinn minn individwu jew tnejn aktarx li kienet tiġi soppressa mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi, bl-għajnuna ta' dawk governattivi.[5]

Ir-riflessjoni Teoloġika organizzata spiss kienet magħmula minn irġiel ordnati fis-saċerdozju. L-unika eċċezzjoni kienet l-għaqda tal-Museum, imwaqqfa mill-qaddis Dun Ġorg Preca, li fost l-innovazzjonijiet tagħha kien hemm li kienet i) magħmula minn lajċi; u ii) barra mill-irġiel tinvoli wkoll nisa. Żvilupp interessanti fl-aħħar snin hu n-numru ta' lajċi, inklużi bosta nisa, gradwati fl-ogħla livelli fit-Teoloġija, li wħud minnhom jaħdmu l-Università.

Apparti dan, ħafna riflessjoni teoloġika li saret tul is-snin ma kellhiex il-karatteristiċi tat-Teoloġija tal-Liberazzjoni. Ta' spiss, ir-riflessjoni teoloġika organizzata jew kellha dimensjoni politika ġerarkika (fis-sens li fittxet li tħares il-privileġġi tal-Knisja f'dik li hi morali pubblika, edukazzjoni, u r-rabta privileġġjata mal-istat u l-bqija tas-soċjetà) jew inkella, meta ddiskutiet temi politiċi, uriet bosta limiti u nuqqasijiet. Dun Emmanuel Agius jinnota kif għal bosta snin, għall-mexxejja tal-Knisja lokali: 'il-kisbiet tad-drittijiet tal-ħaddiema permezz tal-protesti u l-attakk fuq l-ordni stabbilit, kien impermissibbli'. (Agius, 1991, p.25) Tneħħi f'każi rari, il-Knisja lokali għamlet u ħeġġet ħafna l-karità, imma naqset li tkun kuxjenza kritika dwar il-bżonn ta' ġustizzja soċjali. Għal bosta snin, ftit sar tħammim dwar: 'il-bżonn li jiġu regolati l-ħinijiet tax-xogħol, il-ħlas ġust tal-ħaddiema u d-dmir tal-istat li jtejjeb il-qagħda soċjali permezz ta' leġiżlazzjoni dwar din.' (Agius, 1991, p.50) Hi indikattiva li r-*Rerum Novarum* damet 25 sena biex ġiet maqluba għall-Malti, il-lingwa li l-biċċa l-kbira tal-poplu kien jifhem. Spiss, l-attitudni li ħaddan il-kleru

kienet ta' paternaliżmu (Agius, 1991, p. 25) u ta' moraliżmu (Agius, 1991, p56): 'l-idea [kienet] li tibdil soċjali … seta' jseħħ sempliċiment billi tibdel l-individwi u mhux l-istrutturi, [ħaġa li] tappnet il-viżjoni soċjali tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi lokali.' (Agius, 1991, p. 56) Kien biss meta beda jqumu xrieki li ma kinux sempliċement jagħtu għajnuna f'każ ta' bżonn (mard, korriment u nuqqas ta' xogħol), imma li lesti jitqabdu għad-drittijiet tal-ħaddiema; xrieki li oriġinarjament il-Knisja riedet toħnoq[6] jew tittrasforma f'istituzzjonijet karitattivi minħabba l-biża' li dawn ikunu mdakkra b'tagħlim ħażin (Agius, 1991, p. 25), imma li biż-żmien aċċettat; kif ukoll meta twieled il-Partit tal-Ħaddiema, li donnu beda jkun hemm aġġornament min-naħa tal-Knisja uffiċjali, fis-sens ta' għarfien u rikonoxximent akbar dwar il-bżonn li l-istat jieħu ħsieb dawk fl-iskala t'isfel tas-soċjetà. Madankollu, anke meta l-Kurja bdiet taċċetta l-bżonn ta' liġijiet soċjali, normalment kien bit-tama ta' appelli morali u pjetistiċi, u talb li l-Mulej irattab il-qlub ta' min għandu s-setgħa, aktar milli bl-organizzazzjoni militanti tal-ħaddiema nfushom, li kien ittamat li dawn l-għanijiet jintlaħqu u li l-liġijiet inkwestjoni daħlu fis-seħħ.[7] (Agius, 1991, p.109-110). Affarijiet bħall-ġlieda tal-klassi kienu spiss meqjusa bħala xi ħaġa li titwieled jekk il-ħaddiema jew sezzjonijiet tal-klassi tagħhom iħaddnu xi tagħlim jew ieħor, aktar milli fatt li kien ġa jeżisti fis-soċjetà. Apparti minn hekk, meta l-Kurja bdiet taċċetta l-militanza politika u trejdjunjonistika tal-ħaddiema, kien hemm spiss enfasi fuq 'soluzzjonijiet żbaljati', u l-periklu li dawn is-soluzzjonijiet seta' jkollhom għall-fidi Nisranija, daqskemm kien hemm fuq il-problemi li dawk l-aktar l-isfel qed jiffaċċjaw u l-modi kif dawn għandhom jiġu mwieżna.[8] (Il-Ġiżwita Ingliż Charles Plater forsi kien eċċezzjoni f'dan, fis-sens li meta kien Malta għal raġunijiet ta' saħħa, l-aktar li ra kien mhux perikli ta' soluzzjonijiet żbaljati, imma bżonn li l-ħaddiema jingħaqdu u jissieltu għad-drittijiet tagħhom.) Il-possibbiltà, f'rabta ma' duttrini, ideoloġiji u filosofiji li janalizzaw id-dinja li mhux ta' Ispirazzjoni Nisranija, li n-nisrani jagħżel il-qamħ mis-sikrana kienet spiss tkun miċħuda *a priori*. Barra minn dan, ir-riflessjoni min-naħa tal-kleru fuq kwestjonijiet soċjali, spiss kellha bħala riegla t-tagħlim soċjali tal-Knisja, aktar milli mill-Iskrittura, kif min-naħa l-oħra tagħmel it-Teoloġija tal-Liberazzjoni, li fil-verità tinvolvi t-tieni.

B'mod ġenerali u ġeneralizzat (u allura mhux preċiż mija fil-mija), jgħodd għal Malta dak li kiteb Gutierrez: 'fi ċrieki Insara spiss kien hemm – u għad hemm – diffikultà li wieħed iħares sew u jifhem l-oriġinalità u l-ispeċifiċità tal-isfera politika. L-enfasi kienet fuq il-ħajja privata u t-trawwim tal-valuri privati; affarijiet ta' natura politika ġew relegati għall-qasam eluživ u inqas esiġenti tal-'ġid komuni'. L-aktar l-aktar, din l-attitudni wasslet għal: 'pastorali soċjali'… [mingħajr] l-għarfien strutturali u xjentifiku tal-mekkaniżmi soċjo-ekonomiċi u tad-dinamiċi tal-istorja'. (Gutierrez, 2001, p.82-83)

Anke għaqdiet magħmula minn membri li ġeneralment ġejjin mill-klassijiet t'isfel tas-soċjetà bħas-soċjetà tal-MUSEUM, ġeneralment qagħdu 'l bogħod milli jmissu temi politiċi. (L-eċċezzjoni forsi kienet il-parti prominenti li xi membri tas-soċjetà kellhom fil-kwistjoni tas-sittinijiet. Din l-esperjenza wkoll setgħet wasslet biex ix-xirka qagħdet lura fis-snin ta' wara.) L-aktar, l-aktar ikkumentaw b'mod indirett, permezz ta' pubblikazzjonijiet, fuq temi 'morali' bħall-abort u d- divorzju, u fuq affarijiet bħal jekk għandux ikun hemm kurċifissi f'bini tal-istat.

Apparti minn hekk, mis-sebgħinijiet 'l hawn, wara l-kwistjoni politiko-reliġjuża f'Malta u – ironikament – wara l-Konċilju Vatikan II, tferrxet l-idea li Knisja u reliġjon fuq naħa, u politika fuq oħra, huma bħaż-żejt u l-ilma; affarijiet li ma jitħalltux. Din l-idea donnha ġiet aċċettata anke fuq livell popolari, tant li meta jkollok xi qassis jitkellem fuq kwistjonijiet konkreti, ikun hemm bosta li jaraw dan bħala ndħil żejjed.

Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta trid tkun konxja ta' dan il-madmad storiku li jista' jxekkilha. Madankollu xi riflessjonijiet li għandhom il-karatteristiċi ta' Teoloġija tal-Liberazzjoni kif msemmija iktar 'l fuq – tħammim teoloġiku fuq dnubiet soċjali u/jew fuq prattiċi ta' ħelsien – kien hemm f'Malta tul is-snin. Ftit minn dawn kienu ta' xeħta akkademika. Fil-biċċa l-kbira kienu/huma ta' natura medjatika tal-massa; fomm, gazzetti, u mezzi ta' komunikazzoni moderni: ibda minn ċerti daħliet fil-kitba ta' Manwel Dimech,[9] għal numru ta' programmi mmexxija minn saċerdoti u anke lajċi, għal numru ta' artikli u pubblikazzjonijiet. F'dawn wieħed jista' jara – anke jekk mhux fuq livell profond u/jew akkademiku – individwi aktar milli gruppi li qraw u rriflettew fuq ir-realtà

soċjali fid-dawl tal-Vanġelu moqri minn isfel għal fuq. Sfortunatament, dawk l-isforzi rari kienu ko-ordinati, u spiss spiċċaw mietu – jew meta mietet il-persuna nfisha jew meta l-persuna ma riditx tibqa' tagħmilhom għal raġuni jew oħra. Waħda mill-affarijiet li għandha tagħmel Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta madankollu hi li, mingħajr romatiċiżmu u aġografiji, tfakkar prekursuri bħal dawn.

**Għalfejn Teoloġija tal-Liberazzjoni llum u hawn**

Illum f'Malta, u mhux biss, it-Teoloġija ta' Liberazzjoni hawn postha, forsi aktar minn qatt qabel. Hawn postha għax illum, bħal f'kull żmien, aħna msejħin ngħixu s-saltna t'Alla. Hawn bżonnha llum u f'pajjiżna għax anke issa hawn prattiċi ta' ħelsien li fihom qed isseħħ din is-saltna. Hawn ħidma favur id-drittijiet tal-immigranti, min jimmilita biex il-ħaddiema jitħallsu b'mod diċenti, min jaħdem favur nisa, tfal u minoranzi li bosta drabi kienu/għadhom trattati ta' xi ħaġa anqas minn xbieha t'Alla, u min jaħdem favur l-annimali u l-ambjent. Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta għandha tibda minn dawn ir-realtajiet, billi tberikhom (fis-sens li bih kien jifhem barka Fra Ġwann, jiġifieri titkellem tajjeb fuq xi ħadd), u tikkritikahom (jiġifieri fl-istess ħin tara x'inhuma l-limiti u l-possibiltajiet tagħhom).

Anke f'rabta mad-dnubiet soċjali, il-kuntest li ninsabu fih hu wieħed fejn Teoloġija tal-Liberazzjoni hawn bżonnha u tista' twarrad. Hemm bosta xkiel biex f'ċerti realtajiet u kuntesti f'pajjiżna, is-saltna t'Alla isseħħ. Kien profetiku Patri Ġwann meta fl-aħħar tas-snin disgħin stqarr li anke f'Malta: 'hawn soċjetà li miexja lejn il-Lemin... lejn valuri li m'humiex spiritwali …lejn valuri fejn dak li jidher hu importanti … lejn in-non-solidarjetà' (Xerri, 2007, p.47). Illum ninsabu f'kuntest fejn il-*unions* tal-ħaddiema effettivament mietu, u fejn il-partiti huma omoġenji f'sens *pro-business*, li ma jiffavorixxix lil dawk li għandhom bżonn ta' ħelsien. Ninsabu f'kuntest fejn hawn dommi ġodda, marbuta mas-sagralità tas-suq u l-profitt. Ninsabu f'pajjiż fejn ir-reliġjon, tajjeb jew ħażin, ma tistax taħrab minnha (anke jekk biss, biex toqgħod tħossok bravu għax mingħalik ħlist minnha), la l-politika u t-trejdunjoniżmu mhux qed joħduha kontra dawn id-dommi, diskors reliġjuż jista' jkollu valur politiku siewi.[10]

Ħaġa li wkoll tista' tgħin it-trawwim ta' Teoloġija tal-Liberazzjoni f'pajjiżna llum hu l-fatt li ninsabu f'kuntest fejn il-politika m'għadhiex tibża' mill-Knisja. Ir-referendum tad-divorzju u numru ta' miżuri meħuda mill-gvern Laburista ta' Joseph Muscat urew li l-Knisja tilfet sew missetgħa li kellha li tiddetta l-aġenda politika anke fuq kwistjonijiet ta' natura morali. Tajjeb jew ħażin, dan jista' joħloq spazju ta' libertà fejn teoloġi individwali u gruppi qrib il-Knisja huma iktar ħielsa jirriflettu b'inqas biża' paranojka li dan ser jaffettwa ħażin xi lazz li hemm jorbot it-tron u l-artal.

Hemm ukoll żiffa ħelwa minn Ruma ta' Papa Franġisku, li tella' fuq nett tal-aġenda temi bħall-immigrazzjoni, il-qagħda u l-vuċi tan-nies foqra, id-dommi foloz tas-suq, l-ekoloġija, u r-rabta bejn dawn. Dan kollu jista' jgħin aktar minn qatt qabel biex din it-teoloġija tingħata spazji f'imkejjen li forsi sa ftit ilu kienu mbarrija għaliha. Jidrilna madakollu, li biex Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta tkun effettiva trid taħrab ċerti tentazzjonijiet.

## X'għandha tevita Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta

Fis-sezzjonjiet l-oħra għedna x'nifhmu aħna b'Teoloġija tal-Liberazzjoni, tkellmina ftit fuq riflessjoni teoloġika f'Malta tul is-snin, u argumentajna li hawn skop f'pajjiżna għal din it-tip ta' teoloġija għar-raġunijiet globali u lokali msemmija. Fl-aħħar sezzjoni nixtieqU nitkellmu dwar perikli li din it-tip ta' teoloġija għandha tevita. Uħud minn dawn huma komuni għal inizjattivi u t-tħammim kritiku sekolari li jsir f'Malta, u li jwassal biex bosta minn dan ma jkunx effettiv. Oħrajn huma perikli marbuta ma' diskors teoloġiku lokali u mhux biss. B'perikli qed nifhmu affarijiet li jagħmlu t-tħammim teoloġiku li qed inħeġġu ħawli u politikament bla ebda effett.

Individwi, gruppi jew komuntajiet li joħolqu Teoloġija tal-Liberazzjoni għandhom jaraw li din ma tispiċċax klabb ta' kattedrati. Hu ovvju li bosta minn dawk li ser ikollhom f'idhom l-aktar strumenti mirquma teoloġiċi, filosofiċi, mix-xjenzi soċjali u l-ekonomija, mhux ser ikunu fqar jew nies li jappartjenu għall-klassijiet l-aktar l-isfel fis-soċjetà. Dan jgħodd l-aktar għal dik li aktar 'il fuq sejjaħna riflessjoni teoloġika organizzata. Patri Ġwann stess jistqarr dan meta jgħid li r-riflessjoni

fuq il-prattiċi ta' ħelsien u d-dnubiet soċjali, aktarx issir minn nies: 'li mhumiex il-fqar…li jirriflettu u jagħtu bażi teoloġika' (Xerri, 2007, p. 42) lil dawn. Mandakollu, hu essenzjali li Teoloġija tal-Liberazzjoni żżomm dejjem widna mat-triq. Fil-kuntest lokali hemm bżonn ta' Teologi tal-Liberazzjoni li jaħdmu: 'biex jinfluwenzaw il-kuxjenza u l-aġir ta' oħrajn fis-soċjetà… jgħinu biex dak li jkun jifforma idea u stampa ta' kif inhi s-soċjetà… ta' kif tista' jew ma tistax tinbidel… kif ukoll ta' x'hemm tajjeb u x'hemm ħażin…' (Mayo, 2013, p. XV) li hi konsistenti max-xenqa għad-diversi forom ta' ħelsien li t-Teoloġija tal-Liberazzjoni tinkoraġġixxi. Problema li naraw hi n-nuqqas ta' (u ta' rieda għal) spazji u 'pjazez' fejn jistgħu jiltaqgħu b'mod orizzontali ħassieba li għandhom taħriġ fit-Teoloġija u x-xjenzi l-oħra msemmija aktar 'il fuq ma' tipi differenti ta' nies tat-/fit-triq. Hi ħasra li ma jeżistux dawn il-pjazez, għax waqt li teorija utli dwar kif tista' seħħ laqgħa bħal din hawn (hawnhekk ma nistgħux ma nirreferux għal bosta xogħol minn numru ta' membri tal-Fakultà tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Malta bħal Carmel Borg, Colin Calleja, Mary Darmanin, Peter Mayo, Ronald Sultana u oħrajn), tħabbit bejn ir-realtà tat-triq u t-tħammim teoretiku rari jseħħ.

It-Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta trid taħrab ukoll iż-żewġ perikli kbar tal-fataliżmu (li quddiem realtà kerha sempliċement jemmen li ma tista' tagħmel xejn) u l-voluntariżmu bla sens (li bil-kontra, jaħseb li jekk ikollok rieda u l-formula tajba, tista' tagħmel kollox). Kif kien qal Marx, il-bniedem isensel il-ġrajjiet tiegħu, imma jagħmel dan f'ċirkustanzi li ma joħloqx hu, u li allura jpoġġu limitu fuq dak li jista' jew ma jistax jagħmel. Fir-realtà li ninsabu fiha, id-dnubiet soċjali donnhom serqu x-xena. Minkejja l-iżvilupp ekonomiku, f'pajjiżna (u mhux biss) d-diżugwaljanzi qed jikbru, għandna fenomeni bħall-*foodbanks* u s-*soup kitchens*, u hemm nies li qed jiġu mibżuqa mill-ekonomija u jispiċċaw fil-faqar jew f'riskju ta' dan. L-isfruttament tal-ħaddiema kiber u d-drittijiet ta' bosta minnhom spiċċaw biss fuq il-karta; hawn razziżmu rampanti u anke jekk formalment in-nisa (jew nisa ta' ċertu klassijiet u b'ċerti konnessjonijiet) donnu mxew 'il quddiem, għad fadal misoġinija f'bosta realtajiet konkreti. Hemm gruppi, bħal ngħidu aħna x-xjuħ, li qed jiġu emarġinalizzati bil-minuti. Agħar minn hekk, donnu hemm xettiċiżmu

dwar kemm il-qagħda tista' tinbidel. Kif kien qal Patri Ġwann madwar erbgħa u għoxrin sena ilu, rwol importanti tat-Teoloġija tal-Liberazzjoni hu li tkun: 'leħen jixbah lill-profeti fl-Antik Testment …[u lil] Ġwanni l-Battista, Anton Montesinos u Bartilmew De Las Casas…[li] ngħidu li s-sitwazzjoni ma tistax tibqa' hekk, li dan mhux skont ir-rieda t'Alla' (Xerri, 2007, pp. 46-47).

Madankollu biex dan l-eżerċizzju jkun effettiv u mhux masturbazzjoni ta' ħsus tajba (il-moraliżmi waħidhom, ma jwasslu mkien – ħaġa li tispjega l-ineffettività ta' bosta gruppi u individwi ngħidu aħna fil-moviment ambjentali f'pajjiżna). Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta għandha żżewweġ it-tħammim reliġjuż ma' teorija li tispjega għalfejn realtajiet partikolari – inkluż ir-realtà tad-dnub – u l-kaġunijiet materjali tagħhom, jeżistu. Importanti imma li dan iż-żwieġ ikun bilanċjat, ħaġa li Malta – u mhux biss – spiss ma ssirx. U dan mhux biss f'dik li hi teoloġija u/jew tħammim reliġjuż, imma anke f'bosta oqsma oħra tat-tħammim. Spiss tisma' soċjoloġi jew nies fil-filosofija, ngħidu aħna, jagħmlu stqarrijiet fuq ir-reliġjon jew l-istorja li jkunu popolari imma foloz, u li fuq dawn jibnu affermazzjonijiet, teoriji u konklużjonijet. Min-naħa l-oħra, xi nies qrib il-Knisja jew fi ċrieki reliġjużi, spiss jitkellmu fuq ir-realtà bħallikieku l-bnedmin huma biss ruħ u mhux ruħ u ġisem. It-Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta trid tagħmel analiżi soda u konkreta tar-realtajiet globali u lokali.

Bżonn kbir li naraw għal Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta hu l-qari – possibilment komunitarju – tal-Bibbja. Dan il-ktieb imqaddes, spiss kien mitfugħ fil-ġenb f'pajjiżna għal raġuni jew oħra. Mix-xettiċiżmu ta' bosta fil-Kurja dwar il-fejda li dawn il-kotba jkunu f'idejn il-fidili li kien għadu hemm sa wara t-Tieni Gwerra dinjija, għall-psewdo-umaniżmu vulgari komuni ta' bħalissa li jqis dawn il-kotba bħala ġrajja ta' ħrejjef u manwal ta' intolleranza, it-tħammim serju u ġenwin min-naħa tal-poplu fuq dawn it-testi kienu ħaġa rari. (Dun Ġorġ u s-soċjetà tiegħu kienu eċċezzjoni anke hawnhekk). Meta kien hemm attentat biex il-qari tal-Bibbja jiġi mħajjar fost il-familji, fis-snin 80 u 90, dan aktarx falla. Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta ma tistax ma tħabbatx moħħha u l-ħsus tagħha ma' dan it-test, fid-dawl tal-aqwa esiġeżi tiegħu, u wkoll tar-realtà li fiha sseħħ.

## Konklużjoni

Biex nagħlqu, flok nagħmlu *resumè* ta' dak li għedna, ser nissuġġerixxu qasam wieħed li fih tista' ssir Teoloġija tal-Liberazzjoni f'pajjiżna. Kategorija li hawn Malta spiċċat inviżibbli jew kważi hi dik tax-xjuħ. Dan minkejja li s-soċjetà tagħna – speċjalment jekk inqisu l-element indiġenu li spiss hu, sfortunatament, l-uniku li hu kkunsidrat mill-politiċi u l-*media* – hi soċjetà li qed tixjieħ. Din il-kategorija spiss tispiċċa moħbija wara *slogans* minnhom infushom tajba, imma meta applikati għal realtà kapaċi jkunu qarrieqa, bħal dawk ta' *active aging*. Mhux biss bosta f'din il-kategorija qed ibatu (ironikament) għax jgħixu aktar, u għax qrabathom – sforz fatturi bħall-individwaliżmu, il-bżonn li jaħdmu aktar, in-nuqqas ta' assistenza – jispiċċaw ma jdurux bihom. Anke bosta innovazzjonijiet teknoloġiċi spiss ifixkluhom, iħalluhom warajhom, u jġibuhom diżabbli għax dipendenti fuq ħaddieħor għal affarijiet li qabel kienu kapaċi jagħmlu waħedhom b'mod awtonomu. Ironikament, għomor twil, li fil-letteratura Biblika spiss kien meqjus bħala barka, spiċċa bħala kundanna. Barra, ġa teżisti Teoloġija tax-Xjuħ. Jidhrilna li hawn lok għal Teoloġija tal-Liberazzjoni tax-Xjuħ f'Malta. Għandha tkun Teoloġija li tkun profetika f'rabta ma' dan il-qasam, tanalizza għala qed isseħħ din l-emarġinazzjoni, tikkundannaha għax kontra r-rieda t'Alla, u tara x'jista' jseħħ biex il-qagħda tinbidel.

## Noti

1. Fil-kitba ser nirreferu għal seħibna kemm bħala Patri Ġwann kif kienu jafuh bosta, u kemm bħala Fra Ġwann, kif kien jippreferi hu li jkun imsejjaħ.
2. Fra Ġwann isemmi x-xogħol mal-ħabsin, mar-refuġjati, mal-imwarrbin, ma' min għandu l-AIDS, ma' min qed jirreżisti l-użura jew it-traffiku tad-droga (Xerri, 2007, p.47) bħala prattiċi ta' ħelsien f'Malta.
3. Fi kliem Patri Ġwann, sitwazzjonijiet ta' dnub fejn hemm bnedmin li: 'lanqas id-drittijiet tal-annimali m'għandhom' (Xerri, 2007, p. 41).
4. Dawn spiss huma: 'komunitajiet magħmulin mill-poplu li bdew jiltaqgħu … biex… ifittxu li jtejbu s-servizzi bħas-servizz tas-saħħa; soluzzjonijiet għal problemi ta' madwarhom, jitolbu lill-Istat id-drittijiet tagħhom u tal-oħrajn bħala ċittadini; u fl-istess ħin jitolbu, jkantaw u jaqraw l-Iskrittura flimkien…' (Xerri, 2007, p.41). Barra li kien qrib ta' komunitajiet fil-Brażil, meta kien Ruma, Patri Ġwann kien qrib il-Komunità tal-bażi ta' San Pawl li kien ħoloq

l-eks Abbati tal-Bażilika ta' 'San Paolo fuori le Mura', Giovanni Franzoni.

5. Interessanti li riflessjoni teoloġika mhux organizzata setgħet saret fuq skala ftit wiesgħa mis-snin sittin 'l hemm, minn nies qrib il-partit Laburista – *in primis* minn Mintoff innifsu - aspett li tajjeb li jiġi mistħarreġ. Spiss din kienet tinvolvi – fuq livell li ta' spiss ma kienx ikun mirqum – qari u interpretazzjoni tal-Vanġelu jew episodji minn dan b'taħlita ta' anti-klerikaliżmu, kritika lejn l-istituzzjoni, imma wkoll xewqa għal Kristjaneżmu aktar tat-'triq'. Din l-informazzjoni ksibnieha primarjmanet minn żewġ sorsi. Sorsi miktuba jew irrekordjati li jinkludu artikli ta' militanti 'tat-triq' kemm f'ġurnali u kemm f'kitbiet oħra, kif ukoll *recordings* ta' *meetings* ta' Mintoff. Dan apparti (it-tieni sors) minn informazzjoni miksuba oralment miż-żewġ kittieba minn attivisti Mintoffjani.
6. Minkejja li gazzetti miftuħa għal kwistjoni soċjali bħal *Is-Salib* u *Matteu Callus* kienu jgħidu li l-ħaddiema jridu jkunu magħquda, biex jiddefendu ruħhom, l-aċċettar ta' *unions* seħħ bil-mod. Meta s-*Società Operaia Cattolica* tal-Isla ippruvat toħloq *trade union*, u saħqet fuq il-bżonn li l-ħaddiema jkunu rappreżentati fil-Kunsill, sabet oppożizzjoni mill-Kurja.
7. Minkejja dan, rari kien hemm sanzjonijet spiritwali fuq, ngħidu aħna, sidien li ma ħallsux pagi deċenti.
8. Ara ngħidu aħna *Siltiet* tad-Dumnikan Pawlu Galea (Media Centre – mingħajr referenza għas-sena ta' pubblikazzjoni. Żgur, imma, mhux aktar lura mis-snin disgħin, minħabba li l-ktieb jinkludi anke artikli ta' dan il-perjodu. Uħud mill-eqdem siltiet imorru lura għal qabel it-Tieni Gwerra Dinjija). Galea jitkellem fuq is-sens soċjali tal-liturġija, *profit-sharing*, iġib argument favur id-djar għall-poplu (pp. 38-39) u hu ġeneralment favur il-foqra u l-ħaddiema. (pp.21-24). Madankollu, il-kitba hi mimlija daħliet kontra l-Komuniżmu u soluzzjonjiet żbaljati oħra. (pp.2- 5, 28-29, 34-35).
9. Maria u Michael Zammit jgħidu li: 'Dimech kien jispjega … il-ħidma tiegħu …bħala [xi ħaġa] li Alla ried minnu' (Zammit u Zammit, 2007, p. 30). Kif jgħid Dimech fis-*Sisien tax-Xirka tal-Imdawlin*: 'Ħieles ħalqek Alla, u ħieles fittex li tkun. Alla ma ħalqikx ilsir…' (Dimech ikkwotat f'Zammit u Zammit, 2007, p. 32). Sehem ewlieni f'dan kellu l-qari tal-Bibbja, li Dimech kien iħeġġeġ fost il-membri tax-Xirka, anke għax kien jemmen li: 'l-Kelma Mqaddsa … kellha s-setgħa li tibdel u tittrasforma' (Zammit u Zammit, 2007, p. 33).
10. Din is-silta ta' Gutierrez: 'Il-bnedmin t'issa m'għadhomx bħaħen dwar il-kaġunijiet ekonomiċi u soċjo-kulturali tal-qagħda tagħhom' (Gutierrez, 2001, p.81-82) tinstema' ottomista, u żgur ma tgħoddx għal pajjiżna (u mhux biss).

## Kotba użati

Emmanuel Agius. Social Consciousness of the Church in Malta.1891-1921: The Impact of Rerum Novarum. 1991.

Michael Grech (editur) Knisja tat-Triq. 2007. (Hawn tinsab is-silta minn fejn ġie kkwotat Patri Ġwann, kif ukoll l-artiklu ta' Maria u Michael Zammit dwar Manwel Dimech.)

Gustavo Gutierrez A Theology of Liberation. 2001.

Sammy Meilaq. Biċċiet Minni. 2013.

# Il-Promozzjoni Umana fil-ħsieb ta' San Duminku u fl-Ordni tal-Predikaturi

Fr Charles Tabone OP

Din il-ħarġa tar-rivista tagħna hi ddedikata lil P. Ġwann Xerri, persuna ta' qalb soċjali kbira. P. Ġwann kellu ħafna għal qalbu l-ġid tal-bniedem kollu u l-ġid tal-bnedmin kollha, kif jgħid il-Papa Pawlu VI fil-'Popolorum Progressio'. Għex ħajtu jistinka biex iġib 'il quddiem id-dinjità umana fil-ħarsien tad-drittijiet fundamentali ta' kull persuna. Ħadem kemm felaħ kull fejn kien; speċjalment fl-Amerika Latina, fejn qatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajtu, u fejn għad hemm ħafna faqar, inġustizzja u jasar.

Kien hu li introduċieni għall-figuri daqshekk importanti fl-istorja tal-Ordni tal-Predikaturi li fuqhom nikteb f'dan l-artiklu. P. Ġwann nissel fija l-entużjażmu għall-ħidma favur il-Ġustizzja u l-Paċi u l-promozzjoni umana. Bil-għajnuna tiegħu fhimt il-kliem ikoniku ta' Missierna San Duminku: "Ma nistax nistudja fuq ġilda mejta, meta hemm nies imutu bil-ġuħ." Ma tistax twassal il-Bxara t-Tajba ta' Kristu Salvatur u tħalli mqar persuna waħda biss fil-jasar. B'xorti ħażina hemm ħafna forom ta' jasar fiżiku u morali li fih għadhom jinsabu kotra kbira ta' bnedmin madwar id-dinja. L-Ordni tal-Verità, l-Ordni tal-Predikaturi, kien minn dejjem minn ta' quddiem fil-ħidma għall-ħelsien tal-bniedem minn kull jasar biex il-Bxara t-Tajba li jwassal bil-predikazzjoni tiegħu tkun awtentika. P. Ġwann Xerri jagħmel ġieħ lil dan l-Ordni li ħabb u għożż.

'Jien għalhekk twelidt u għalhekk ġejt fid-dinja biex nixhed għall-verità (Ġw 18, 37). Kull Dumnikan jista' umilment jgħid dan il-kliem, għax l-Ordni tal-Predikaturi hu l-Ordni tal-Verità. Imma kif ser jixhed għall-verità? San Duminku u l-istorja tal-Ordni juruna dan.

Fil-bidu tas-seklu 16 il-Komunità ta' Pedro de Cordoba (il-pirjol) fil-Gżira tal-Ispanjola, fid-'Dinja l-Ġdida' skoperta minn Cristoforo Colombo, bdiet turi tħassib serju fuq dak li kienu għaddejjin minnhom

l-indiġeni, in-nies tal-post. Dawn l-indiġeni kienu qed isofru oppressjoni u inġustizzji kbar, taħt il-pretest li ma kellhomx ruħ bħal dik tal-Ewropej. Id-dinjità umana tagħhom kienet qed tiġi mkażbra għall-aħħar (L. Hanke, 2018).

Wara ħafna studju u diskussjonijiet fil-komunità, l-aħwa predikaturi ddeċidew li jiddenunċjaw din l-inġustizzja. Flimkien kitbu prietka b'dan il-għan, u inkarigaw lil Antonio de Montesinos, l-aqwa oratur fil-komunità, biex ixandarha nhar il-21 ta' Diċembru 1511, r-Raba' Ħadd tal-Avvent, sena biss wara li kienu bdew il-ħidma missjunarja tagħhom fil-Gżira tal-Ispanjola (C. Minster, 2020). Dan sirna nafu bih permezz tal-Isqof Dumnikan, Bartolome de Las Casas, ġgant tad-difiża tad-drittijiet umani.

Nafu minn xiex kienu għaddejjin l-'indios' minn dak li kiteb aktar tard Las Casas: '***Brevísima relación de la destrucción de las Indias'*** miktub fl-1542 u ppubblikat fl-1552. Las Casas kiteb din ir-relazzjoni għall-interrogatorju li kien ordna r-Re Karlu V ta' Spanja u bagħtu lill-Prinċep Filippu II ta' Spanja. Aktar tard il-Kardinal Casineros sejjaħ lil Las Casas 'il-*Protettur tal-'indios"* (D. Castro, 2007).

L-'indios' saru l-iskjavi tal-Ispanjoli wara l-konkwista ta' arthom. Ma' għonqhom kellhom katina tal-ħadid li kienu jorqdu u jqumu biha. Kienu jaħdmu għal sidienhom fir-raba' jew fil-minjieri, bla waqfien u bla ħniena. Jekk ma tibqax kapaċi taħdem, kienu joqtluk, għax mhux ser iħalluk tiekol għalxejn. L-aktar li kienu jsofru kienu dawk li kienu jfittxu l-perli fil-baħar. Kien ikollhom jagħmlu ħinijiet twal ġol-ilma, ħafna drabi kiesaħ. U jekk ma jisfgħux vittma tal-klieb il-baħar, kienu jmutu minn emoraġija ċelebrali minħabba li jgħoddsu l-ħin kollu u jżommu in-nifs, jew minn 'pneumonia', għax jiksħu fl-ilma (H. Thomas, 2013).

Montesinos fil-prietka tiegħu beda bi kwotazzjoni mill-Vanġelu tal-ġurnata: 'Ego sum vox clamantis in deserto' (Mt 3, 3) u spjega li l-'indios' għandhom ruħ bħal tagħna, huma bnedmin bħalna u d-dinjità tagħhom għandha tiġi mħarsa. Din il-prietka qajmet għagħa kbir fost il-kolonizzaturi, għax id-Dumnikani kienu ibsin fi kliemhom, għax hekk kien hemm bżonn biex irattbu l-qlub iebsa ta' min kien qed jagħmel inġustizzja kbira mal-'indios'. Fost l-oħrajn qalu:

- Min jaħqar lill-'indios' ikun qed jgħix fid-dnub il-mejjet, u ma jistax isalva ruħu, għax din l-imġiba hi daqslikieku wieħed ċaħad lil Kristu.
- Kristu ġie biex jifdi lill-bniedem mill-jasar, għalhekk min lill-bniedem jagħmlu skjav ikun qed jiċħad lill Kristu.
- Jekk tiġu tqerru u ma twegħdux li teħilsu lill-iskjavi, ma nistgħux nagħtukom l-assoluzzjoni (C. Habermann, 1913; A.F. Bandelier, 1911).

Dan kien kliem iebes ferm li bilfors iqajjem reazzjoni kbira. Qisek qed tgħid illum: 'jekk tiġu tqerru u ma twegħdux li titrattaw sew lill-emigranti, ma nistgħux nagħtukom l-assoluzzjoni'. Imma dak li għamlu d-Dumnikani ħalla effett kbir favur il-promozzjoni umana f'dik in-naħa tad-dinja.

## Il-Promozzjoni Umana u l-Verità

Dan ir-rakkont dwar id-difiża tad-drittijiet umana tal-'indos' mid-Dumnikani, hu biżżejjed biex wieħed jibni l-idea ta' x'qed nifhmu bi Promozzjoni Umana, jiġifieri l-ħsieb filosofiku li jpoġġi fuq quddiem il-valur tal-bniedem. Il-bniedem hu maħluq liberu biex ikun jista' jaħdem għall-iżvilupp tiegħu u tal-bnedmin ħutu.

L-Ordni tal-Verità jfisser l-Ordni tal-predikaturi li għandu l-missjoni li jinkarna l-imħabba t'Alla fil-ħajja tal-bniedem. Il-'Verità tal-Evanġelju' hi li Alla hu mħabba u ħniena. Kristu ġie biex jixhed għall-Verità. Il-Griegi kellhom 'l Alla tal-Verità, 'aleteia'. It-terminu Grieg ifisser trasparenza, onestà. It-terminu Ruman, skont Martin Heidegger, ifisser is-sewwa u l-ġustizzja. Pilatu ma kellux għalfejn jistaqsih lil Kristu għax kien jaf tajjeb x'inhi l-verità, għalhekk ipprova jeħilsu (M. Heidegger, 1943).

Kristu kien it-***trasparenza*** t'Alla, irrivelalna lil Alla, mingħajr ma ħbielna xejn, 'Kulma smajt minn għand missieri jiena għarrafthulkom' (Ġw 15). Kristu wettaq is-***sewwa*** u l-***ġustizzja*** t'Alla, għall-ġid tal-bniedem. Għadda ħajtu jagħmel il-ġid u ħallas għall-fidwa tal-bniedem b'demmu stess fuq is-salib.

## Id-Dumnikani jibdew it-triq għat-tfassil tad-drittijiet umani

Il-moviment favur id-dinjità umana u d-drittijiet tal-bniedem, li bdew id-Dumnikani, issokta. Montesinos mar Salamanca biex jiddiskuti l-kawża tal-indios hemmhekk u jikseb l-appoġġ tat-teoloġi ta' żmienu.

Fost dawn it-teoloġi sab lil Francisco de Vitoria O.P., li aktar tard fassal l-ewwel 'Magna Carta' tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem (H.J. Schroeder, 1911). Din il-ħidma tad-Dumnikani li tinkorpora kemm il-ħidma konkreta favur il-bniedem, kif ukoll il-ħidma fuq livell akkademiku, li ssaħħaħ bl-istudju dak li kien qed isir fil-prattika, ġiet riflessa fil-Bolla tal-Papa Pawlu III, bl-isem ta' 'Sublimis Deus' (2 ta' Ġunju 1537), fejn jiddekreta u jispjega li l-indios huma maħluqa min Alla, salvati minn Kristu, għandhom ruħ bħal dik tal-bnedmin kollha, u għalhekk jixirqilhom kull rispett li jixraq lid-dinjità umana.

Ħafna jirrikonoxxu lid-Dumnikan Francisco de Vitoria O.P. bħala dak li ħejja l-pedament għad-dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-bniedem.

'The universal declaration of Human rigħts begins with an important and remarkable claim: "All human beings are born free and equal in dignity and rights, they are endowed with reason and conscience and should act towards one another in a spirit of brotherhood." Two questions immediately occur about the meaning of this passage. The first question deals with the term *dignity*; the second follows and pertains to the meaning of *rights*. … De Vitoria provided important groundwork for consideration of these two inextricably related matters that relate dignity and rights of the human person, God's beloved creation, which found their way in the Universal Declaration' (R. J. Aruajo 2012).

Bl-istess mod nistgħu ngħidu li l-Bolla tal-Papa 'Sublimis Deus' hi dikjarazzjoni bażata fuq ix-xogħol tad-Dumnikani.

'The enemy of the human race, who opposes all good deeds in order to bring men to destruction, beholding and envying this, invented a means never before heard of, by which he might hinder the preaching of God's word of Salvation to the people: he inspired his satellites who, to please him, have not hesitated to publish abroad that the Indians of the West and the South, and other people of whom We have recent knowledge, should be treated as dumb brutes created for our service, pretending that they are incapable of receiving the Catholic Faith.

We, who, though unworthy, exercise on earth the power of our Lord and seek with all our might to bring those sheep of His flock who are outside into the fold committed to our charge, consider, however, that the Indians are truly men and that they are not only capable of understanding

the Catholic Faith but, according to our information, they desire exceedingly to receive it. Desiring to provide ample remedy for these evils, We define and declare... the said Indians and all other people who may later be discovered by Christians, are by no means to be deprived of their liberty or the possession of their property, even though they be outside the faith of Jesus Christ; and that they may and should, freely and legitimately, enjoy their liberty and the possession of their property; nor should they be in any way enslaved; should the contrary happen, it shall be null and have no effect'. (Sublimis Deus, 1537)

**San Duminku**

Kull Dumnikan għandu stampat f'moħħu u f'qalbu dik is-sentenza ta' Missierna San Duminku: '***Ma nistax nistudja fuq ġilda mejta, meta hemm nies imutu bil-ġuħ***'. Din is-sentenza ħarġet minn fommu meta kien għadu student ġewwa Palencia u ra kemm nies kienu fil-bżonn. Imqanqal mill-ħniena ma setax jibqa' passiv għal dak li kien qed jara jiġri madwaru, għalhekk biegħ kulma kellu saħansitra l-kotba, li kienu tant għeżież għalih, biex jgħin lill-fqar.

Meta kien Ruma biex jiddiskuti mal-Papa it-twaqqif tal-Ordni, fis-sena 1217, kien imur iżur u jgħin kif jista' lill-emarġinati ta' din il-belt li kienu jgħixu f'faqar kbir taħt il-ħitan tal-belt. Iż-żelu li kellu għal Kristu nissel f'San Duminku żewġ xewqat kbar: li jikkonverti lill-Kumani u li jmut martri għal Kristu. Hu ma rnexxilux iwettaqhom, imma wettquhom uliedu.

Fl-ewwel Kapitlu Ġenerali tal-1221, San Duminku talab il-kapitlu biex jaħtar Majjistru Ġenerali tal-Ordni minfloku, ħalli hu jkun jista' jmur jippritka lill-Kumani, bil-possibbiltà li jmut martri. Majjistru ma baqax, imma l-patrijiet ma ħallewhx imur, għax qalu li għandhom bżonnu fosthom biex jixorbu mill-ispirtu tiegħu. Imma fl-istess kapitlu ġiet imwaqqfa l-Provinċja tal-Ungerija, li kienet qalb il-Kumani (W. A. Hinnebusch, 1973).

L-ewwel patrijiet, fosthom Fra Pawl, Fra Sadoc u Fra Berengarju, bdew il-missjoni diffiċli qalb il-Kumani. Ħadmu bis-sħiħ u mietu martri biex iwettqu x-xewqa ta' Missierhom San Duminku. Dawn il-Kumani kien jgħixu fin-naħa ta' fuq ta' dik li llum hi r-Rumanija, fil-Lvant tal-

Ungerija u partijiet mir-Russja li jmissu magħhom. Dawn kienu Nomadi u kienu jgħixu minn dak li kien jirnexxilhom jakkwistaw mill-gwerer tagħhom. Minn fejn kienu jgħaddu kienu jieħdu kulma kien jgħodd għalihom u joqtlu bla ħniena lil min kien jiqfilhom. Fil-mira tagħhom kellhom il-knejjes għax kienu jafu li fihom isibu r-rikezzi. Billi kellhom jiġri fil-vini tagħhom taħlita ta' demm orjentali, kienu jqisu lill-Insara għedewwa tagħhom, u kien sodisfazzjon għalihom li jeliminawhom. Kienu jifirħu meta joqtlu xi saċerdot nisrani.

L-ewwel laqgħa tad-Dumnikani magħhom swiet il-ħajja ta' żewġ patrijiet. Imma dawn ma qatgħux qalbhom u baqgħu jaħdmu għall-konverżjoni tagħhom. Bħal San Duminku xtaqu jaraw lil dawn in-nies jiġu ċivilizzati, jgħixu mix-xogħol tagħhom u jifhmu kemm hi kbira l-imħabba t'Alla għalihom.

Meta l-Kumani raw il-kuraġġ tad-Dumnikani li minkejja li qatlulhom lil sħabhom baqgħu jfittxu li jagħmlu kuntatt magħhom, bdew irattbu qalbhom u tawhom widen. Bil-ħidma tal-patrijiet kkonvertew żewġ kapijiet mit-tribujiet tal-Kumani, Borcis u Membrok, u minn dakinhar il-konverżjoni tal-Kumani bdiet issir bil-mijiet. Dan is-suċċess ta' wlied Missierna San Duminku fil-missjoni tal-Lvant, ġibed l-ammirazzjoni tal-Papa Girgor IX li kitbilhom hekk lill-patrijiet tagħna:

> *Nifirħu fil-Mulej li Alla ppremja l-ħidma siewja tagħkom b'dak li dejjem xtaqtu li jiġri; il-konverżjoni ta' numru mhux żgħir ta' Kumani.*

Is-suċċess ta' din il-missjoni tal-Lvant nistgħu nattribwuha lill-martirju tal-ewwel Dumnikani (H. Neal, 1934), għax kif jgħid Tertuljani: *id-demm tal-martri żerriegħa tal-Insara.*

Dak li xtaq San Duminku għalih seħħ f'uliedu, għax iż-żewġ patrijiet li mexxew il-missjoni fost il-Kumani, Fra Pawl u Fra Sadoc, mietu martri taħt il-persekuzzjoni tat-Tartari tal-Mongolja fl-1241. F'din il-persekuzzjoni mietu martri aktar minn 120 Dumnikan. Ma' Fra Sadoc mietu 48 oħra u kien hemm aktar minn 70 oħra dixxipli ta' San Ġjaċint tal-Polonja li ssieħbu f'din il-missjoni. Din hija waħda mill-glorji tal-Martiroloġju tal-Ordni tal-Predikaturi (W.A. Hinnebusch, 1973).

Kienet din il-kultura Dumnikana, il-Kultura tal-Verità, li ispirat lill-aħwa li marru fost il-Kumani u dawk tal-Ispanjola biex jaġixxu u jiddefendu lill-'indios' b'dak iż-żelu ta' Missierhom San Duminku, li jimbuttahom biex ma jibżgħu minn xejn, lanqas mill-martirju.

## Il-Kariżma

*Bernardus valles, montes Benedictus amabat, Oppida Franciscus,*
*celebres Dominicus urbes* (P. Mandonet, 1921).
*(Bernard ħabb il-widien, Benedittu l-muntanji, Franġisku l-ibliet fortifikati, Duminku l-ibliet popolati).*

San Duminku ried il-patrijiet tiegħu qrib in-nies, anzi qalb in-nies, biex iħossu dak li jħossu huma; l-aktar it-tbatijiet li jkunu għaddejjin minnhom, għax kellu qalb kbira u ħanina.

L-istorja turina li l-Knisja fi żmien San Duminku kienet għaddejja minn żmien li ma kien sabiħ xejn. Barra l-ereżiji tal-Albiġiżi u l-Katari li kienu qed idawru għal warajhom ħafna Nsara, il-Knisja kienet qed titnawwar minn ġewwa għaliex il-kleru ta' dak iż-żmien kien kollox barra eżemplari. Ħafna minnu kien nieqes mill-formazzjoni teoloġika u spiritwali. Il-Ġerarkija tal-Knisja ppruvat tagħmel li tista' biex issolvi din il-problema. Il-Papa Innoċenz III intervjena billi inkariga lill-monaċi Ċisterċensi biex jieħdu f'idejhom il-missjoni tal-predikazzjoni ħalli jerġgħu jiġbdu l-erwieħ lejn Alla u lejn il-Knisja. L-istess Papa bagħat lil San Duminku u lill-isqof tiegħu Diego biex jissieħbu maċ-Ċisterċensi. Imma dawn indunaw li l-missjoni taċ-Ċisterċensi kienet falliment totali għax kienu maqtugħin mir-realtà. Filwaqt li l-Albiġiżi kienu qed jgħixu ħajja awstera u ta' faqar, iċ-Ċisterċensi kienu qed jippreżentaw ruħhom bil-pompa kollha ekkleżjastika ta' dak iż-żmien u qed jidhru bħala nies mill-aktar sinjuri.

Kien hawn li San Duminku, imqanqal mill-Ispirtu s-Santu, induna bil-bżonn ta' Evanġelizzazzjoni Ġdida li tirrispondi għas-sinjali taż-żminijiet; fehem li hemm bżonn mod ta' predikazzjoni differenti minn dak li ppreżentaw ruħhom bih iċ-Ċisterċensi. Għalhekk ried li l-patrijiet tiegħu jkunu fil-qalba tal-ħajja soċjali ta' dak iż-żmien. Lill-patrijiet

predikaturi riedhom jgħixu qalb in-nies ħalli jkunu jafu u jħossu dak li għaddejjin minnu n-nies, għax qed jgħixu magħhom u bħalhom u hekk meta jippritkaw ikunu jistgħu jinkarnaw il-kelma t'Alla fir-realtà soċjali, biex żgur ma jiġrilhomx bħaċ-Ċisterċensi u jkunu maqtugħin mir-realtà. Dan ifakkarni fi kliem il-Papa Franġisku li r-ragħaj tassew ikollu fuqu r-riħa tal-merħla għax jorqod u jqum man-nagħaġ tiegħu.

Għalhekk San Duminku ried li l-kunventi jinbnew fil-qalba tal-ibliet, għax huwa fl-ibliet li jinħass il-polz tal-ħajja soċjali. It-tieni ried li l-patrijiet tiegħu jkunu mħarrġin sewwa fil-formazzjoni teoloġika u spiritwali. Riedhom li jiffrekwentaw l-universitajiet l-aktar magħrufin ta' żmienu, bħalma kienu ta' Palenzja (fejn studja hu stess), Ruma, Bolonja, Pariġi u aktar tard Oxford, u li jgħixu ħajja komunitarja, mibnija fuq il-kunsilji evanġeliċi tal-faqar, il-kastità u l-ubbidjenza, medhijin fit-talb u l-istudju (P. Mandonet, 1921).

Għal dan il-għan bagħat l-ewwel patrijiet tiegħu fl-ibliet li semmejna u tahom istruzzjonijiet biex jibnu kunvent kemm jista' jkun qrib l-università. B'hekk ikunu qed jilħqu l-għanijiet li jkunu qalb in-nies u fl-istess ħin jitħarrġu sewwa fl-istudju filwaqt li jinbnew spiritwalment permezz tal-ħajja komunitarja u t-talb. Dan il-metodu tal-Qaddis Missierna ħalla frott kbir u sewa biex ħafna Nsara jerġgħu lura lejn Alla u jersqu mill-ġdid lejn il-Knisja. L-istoriċi kollha jaffermaw li l-Kariżma ta' San Duminku, flimkien ma' dik ta' San Franġisk, refgħet lill-Knisja mid-dekadenza gravi li kienet tinsab fiha f'dawk iż-żminijiet tan-nofs. Dan jidher mill-mod mgħaġġel li bih żviluppa l-Ordni l-ġdid li waqqaf San Dumniku: l-Ordni tal-Predikaturi. Sal-mewt ta' San Duminku, jiġifieri 7 snin biss mit-twaqqif tal-Ordni, kien hemm diġà 60 kunvent fi 8 provinċji. Sal-1277, 63 sena mit-twaqqif tiegħu, l-Ordni tal-predikaturi kellu 15,000 patri f'404 kunventi, inkluż il-kunvent tal-Art Imqaddsa u dak tal-Iskandinavja (W. A. Hinnebusch, 1973).

L-istorja tal-Provinċja tagħna, San Piju V, turina li l-patrijiet tagħna kienu fidili għall-Kariżma ta' San Duminku li jibnu l-kunventi fil-qalba tal-ibliet. Meta ġew Malta riedu li jkunu qrib l-Imdina u xtaqu jibnu l-ewwel kunvent tagħna qrib il-Knisja ta' San Mark ir-Rabat. Meta żviluppat il-Belt Vittoriosa bil-wasla tal-Kavallieri, marru minnufih il-Birgu, u kienu minn tal-ewwel li marru l-Belt Valletta meta kienet

għadha qed tinbena u għexu mal-ħaddiema tal-istess belt ġdida. Il-kunvent tas-Sliema hu fil-qalba ta' waħda mill-ibliet kummerċjali u popolari tal-Gżira, u l-Kunvent ta' Gwardamanġa mhuwiex 'il bogħod minn dawn iż-żewġt ibliet ewlenin.

### Il-Knisja Universali tirrikonoxxi din il-Kariżma

Dak li kien imnebbaħ bih San Duminku u dak li għexu l-patrijiet tagħna sa mit-twaqqif tal-Ordni, maż-żmien beda jiġi adottat mil-Knisja Universali. F'dawn l-aħħar 150 sena ġie issiġillat fit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja, li beda ftit qabel il-pubblikazzjoni tal-Enċiklika 'Rerum Novarum' tal-Papa Iljun XIII fl-1891. Il-Papa Pawlu VI, saħansitra jirrikonoxxi l-promozzjoni umana bħala 'żvilupp'.

Nikkwota mill-istess Enċiklika:

> *L-iżvilupp, li fuqu qegħdin nitkellmu, mhuwiex biss il-kobor tal-ġid materjali. Għaliex biex jista' jissejjaħ żvilupp tassew għandu jkun sħiħ, jiġifieri għandu jaħseb għall-ġid ta' kull bniedem u tal-bniedem kollu. Wieħed għaref u mħarreġ f'dawn il-ħwejjeġ iżomm dan: "Aħna ma napprovawx li l-idea tal-ekonomija għandha tinfired mill-idea ta' bniedem, jew li tkun konsiderata mifruda miċ-ċiviltà li għaliha tappartjeni. Skont kif naħsbuha aħna, għandu jkun stmat ħafna l-bniedem, kull bniedem, anzi l-għaqda tal-bnedmin kollha".*
>
> (Paul VI, 1967, *Populorum Progressio*, n.14)

Ma nistax hawn nibqa' għaddej mingħajr ma ninnota b'unur kbir għall-Ordni tal-Predikaturi li dan l-għaref li għalih qed jirreferi l-Papa Pawlu VI fil-*Populorum Progressio* hu d-Dumnikan P. Louis Joseph Lebret O.P. li kien il-moħħ wara din l-enċiklika li ffissat il-fundament kunċettwali tal-Iżvilupp tal-bniedem. Spiss il-Papa jikkwota l-kitbiet tiegħu, fosthom: *Dynamique concrète du développement*, 1961.

Il-Papa Franġisku jfakkar ukoll li din hija l-missjoni tal-Knisja, u jagħmel riferenza għat-tagħlim soċjali tal-Knisja li jsostni dan. Fil-Bolla tat-Tnedija tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena jgħid:

> *Hu assolutament essenzjali għall-Knisja u għall-kredibbiltà tal-messaġġ tagħha li hi stess tgħix u tkun l-ewwel li tagħti xhieda tal-ħniena. Il-lingwaġġ u l-ġesti tagħha jridu jittrażmettu l-ħniena biex din tinfed il-qalb tal-popli kollha u tqanqalhom ħa jerġgħu jsibu t-triq li twassalhom lura għal għand il-Missier.* ***L-ewwel verità tal-Knisja hi l-imħabba ta' Kristu****. B'din l-imħabba, li tasal sal-punt tal-maħfra u l-għotja tagħha nnfisha, il-Knisja ssir qaddejja u medjatriċi tal-popli kollha. Għalhekk, fejn hemm il-Knisja, hemm għandha tidher ċara l-ħniena tal-Missier. Fil-parroċċi tagħna, fil-komunitajiet tagħna, fl-għaqdiet u fil-movimenti, insomma, kull fejn hemm l-Insara, kulħadd għandu jsib oasi ta' ħniena.*
>
> (Franġisku, 2015, *Misericordiae Vultus*, n.12)

It-teoloġija tal-Knisja mingħajr is-soċjoloġija ssir ideoloġija aljenata u aljenanti li tikkontribwixxi għal din l-globalizzazzjoni tal-indifferenza. Dan bħal dik l-ekonomija li jinteressaha biss mit-tkabbir ekonomiku, imma mbagħad tiġi taqa' u tqum minn x'qed isir b'dan il-ġid u min qed igawdi minnu. Ifisser dan il-Papa Franġisku meta jikkwota lil Benedittu XVI li qal: "Il-Glorifikazzjoni t'Alla u l-Paċi tal-bniedem huma f'rabta sħiħa' (Benedittu XVI, 2013). U ma ninsewx li ma jistax ikun hemm Paċi mingħajr Ġustizzja. Jekk xi ħadd jgħid: "Jiena nħobb 'l Alla, u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb. Għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla li hu qatt ma rah?" (1 Ġw, 4, 20).

## Il-promozzjoni umana l-Ordni fl-era kontemporanja

**Henrie Dominique Lacordaire** (1802-1861) li rrestawra l-Ordni tal-Predikaturi fi Franza, wara r-ripressjoni tar-Rivoluzjoni Franċiża, *fil-Memoires por le retablissment en France de l'Ordre de Precheurs*, jgħid espressament illi li tkun Nisrani jfisser essenzjalment li tfittex l-ordni u l-ġustizzja, u li tissielet għal-libertà ta' kull persuna umana. Bħal San Pawl kien jemmen fil-libertà ta' wlied Alla, dik il-verità li teħles, li tiggarantixxi l-libertà ta' dawk li jemmnu fi Kristu, jisimgħu kelmtu u jsiru dixxipli tiegħu (Ġw, 8, 31-32).

## Dumnikani fir-reżistenza kontra n-Nazi

Fi żmien in-Nazi 26 reliġjuż Dumnikan (22 saċerdot, 2 studenti u fratell) inħatfu min-Nazi waqt il-persekuzzjoni tal-Knisja Kattolika fl-1930 u wara. Il-patrijiet tagħna kienu l-ħin kollu jitkellmu mingħajr biża' kontra l-moviment Nazista li kien qed jagħmel inġustizzja mal-Lhud. Aurelius Arkenau, pirjol ta' Leipzig, ta kenn lil għadd kbir ta' Lhud, b'periklu kbir għal ħajtu, bejn l-1942-1945, hekk li l-Istat ta' Iżrael tah it-Titlu ta' 'Righteous Among the Nations'.

L-istess ngħidu għall-patri Taljan Giuseppe Girotti li bil-ħidma tiegħu salva għadd kbir ta' Lhud. Qabduh in-Nazi waqt li kien qed idewwi Lhudi ferut u bagħtuh fil-kamp tal-konċentrament ta' Dachau fejn miet fl-1 ta' April 1945. Illum beatu. Għall-istess raġuni ġie beatifikat ukoll il-patri Pollakk Ian Franciszek Czartotyski. Ma' dan insemmu wkoll lil Alexandre Morelli li kien jassisti lill-Franċiżi miżmumin fil-ħabs min-Nazi (M, Paldiel, 2017).

## Id-Dumnikani fil-Brażil

Fiż-żmien tad-dittatura l-patrijiet tagħna fil-Brażil sofrew il-ħabs, it-torturi u l-martirju biex jiddefendu l-ġustizzja u d-drittijiet umani. F'Novembru tal-1969, 7 reliġjużi dumnikani ġew arrestati, għax kien hemm suspett li qed jgħinu lir-ribelli ta' Carlos Marighella u l-moviment 'Ação Libertadora Nacional' kontra d-dittatura militari. Fosthom kien hemm Frei Beto li għamel 4 snin il-ħabs, u Frei Tito li tant sofra torturi, li għalkemm inħeles, bil-biża' li baqgħet fuqu għamel suwiċidju fi Franza fejn kien qed jingħata kura. L-istorja ta' dawn il-patrijiet li ssieltu bil-kuraġġ għall-ġustizzja wieħed jista' jaqraha fil-ktieb 'Batismo de Sangue' (1987) ta' Frei Beto. Dan il-ktieb sar film ukoll. Insemmu wkoll lil P. Tomas Balduino (1922-2014) li sar isqof ta' Goias, li ħadem bis-sħiħ biex jiddefendi d-drittijiet tal-indiġeni li l-*latifunfiarios* (Kapitalisti tal-art) kienu qed jisirqulhom l-art fejn jaħdmu biex jgħixu u kienu jirrenduhom kważi skjavi biex ikunu jistgħu jgħixu (Frei Beto, 1987).

## Id-Dumnikani kontra l-Apartheid

Id-diskriminazzjoni razzjali li minn dejjem kienet teżisti fl-Afrika t'Isfel, iggravat fl-1948, meta tela' fil-gvern il-'Partit Nazzjonali'. Fil-

programm nieda l-imsejjaħ 'Apartheid', biex tissaħħaħ is-segregazzjoni razzjali. Kien hemm liġijiet tal-mistħija u tassew inumani. Għall-ewwel anke l-Knisja Kattolika kellha skejjel għall-bojod, differenti minn dawk għas-suwed, u xi drabi knejjes ukoll. Id-Dumnikani Olandiżi li kellhom il-missjoni hemm, qamu fuq riġlejhom biex jiddenunzjaw din l-inġustizzja. Fosthom Oliver Clark li kien jaħdem fost il-ħaddiema tal-minjieri li kienu kollha suwed. Finbar Synnott kiteb ktieb bit-titlu *Catholics and the Colour Problem*, fl-1953, li fih jiddiskuti dak li kien qed jiġri minħabba l-Apartheid.

Fl-1976 is-sorijiet Dumnikani fetħu fi Springfield ħdejn Cape Town, żewġ skejjel biex jilqgħu fihom studenti ta' kull razza, bojod u suwed. Din il-mossa aktar tard kellha l-appoġġ tal-Konferenza Episkopali. Wara dak li għamlu d-Dumnikani, sorijiet ta' Ordnijiet oħra bdew jagħmlu l-istess, hekk li dan il-moviment ħadd ma seta' jwaqqfu (F. Synnott, 1953).

Ma nistgħux ma nsemmux lil Albert Nolan, li ħadem bis-sħiħ fost l-istudenti universitarji biex ixettel fihom sens ta' ġustizzja u difiża tad-drittijiet umani kontra d-diskriminazzjoni razzjali. Baqa' magħruf għall-ktieb tiegħu *Jesus before Christianity*.

### Id-Dumnikani fir-Rwanda u l-Burundi

Fl-1990 fir-Rwanda u l-Burundi bdiet mewġa ta' vjolenza etnika, li rriżultat f'ġenoċidju kiefer fl-1994, li fih inqatlu 800,000 ruħ fi 3 xhur. Il-patrijiet u s-sorijiet tagħna ntlaqtu minn dan il-massakru u ħafna kienu dawk li tilfu xi għeżież tagħhom. Id-Dumnikani baqgħu jaħdmu bla heda fost in-nies li kienu għaddejjin minn din it-tbatija kbira, ħafna drabi b'sogru għal ħajjithom. Bħala rikonoxximent u appoġġ għax-xogħol li kienu qed iwettqu, f'Jannar tal-1993, il-Ġeneral tal-Ordni P. Timothy Radcliffe kien mar iżurhom flimkien ma' żewġ patrijiet oħra, b'sogru għal ħajjithom ukoll (www.opjusticeandpeace).

### Delegazzjoni fil-Ġnus Magħquda

L-aħħar żvilupp importanti tal-ħidma tal-Ordni għall-promozzjoni umana, hu l-preżenza tal-Ordni fil-Ġnus Magħquda. L-Ordni llum għandu delegazzjoni permanenti fil-Ġnus Magħquda għall-promozzjoni

umana, bl-isem 'Dumnikani għall-Ġustizzja u l-Paċi'. Din id-delegazzjoni ħadet il-forma ta' NGO, għax b'hekk biss setgħet tagħmel parti minn din l-istituzzjoni dinjija.

Din id-delegazzjoni twaqqfet fl-Ordni fl-1998, mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ġustizzja u l-Paċi tal-istess Ordni, u ġiet ikkonfermata mill-Kapitlu Ġenerali tal-2021. Ġiet rikonoxxuta mill-Ġnus Magħquda sena wara (2020) u mogħtija status kunsultattiv fl-'Economic and Social Council' (ECOSOC). Is-sede tagħha qiegħda Ġinevra fl-Iżvizzera, b'rappreżentanza fi Vjenna u Nairobi.

Il-missjoni ta' dan l-istrument tal-Ordni hu l-promozzjoni umana, bħala l-Bxara t-Tajba tal-Ġustizzja u l-Paċi fid-dinja, kif imxandra minn Ġesù Kristu u mfissra mit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. Il-Kelma ta' Alla trid tiġi inkarnata fil-ħajja tal-bniedem fil-bżonnijiet tiegħu biex tkun relevanti (www.op.org/unitednations).

## Konklużjoni

Id-Dumnikani bil-preżenza tagħhom f'120 pajjiż, huma d-driegħ ta' din il-missjoni tal-Ordni li hi parti integrali fil-missjoni tiegħu. L-aħwa fid-dinja, irġiel u nisa, reliġjużi u lajċi, huma impenjati biex jiddefendu d-drittijiet umani u l-ġustizzja, bħal li l-bdiewa tingħatalhom lura l-art li l-kapitalisti jkunu serqulhom, il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema u tal-indiġeni, id-difiża mill-abbużi tat-Transnazzjonali, il-ħarsien tat-tfal li jsibu ruħhom fit-triq u jipprovdulhom għajnuna, il-ġlieda kontra kull forma ta' korruzzjoni, it-traffikar tal-persuni umani, l-isfruttament tal-prostituti u ta' ħafna nies vulnerabbli ta' kull xorta, id-difiża tad-drittijiet tan-nisa, il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent.

## Referenzi

Araujo, Robert John S.J., 2012, *Our Debt to de Vitoria: A Catholic Foundation of Human Rights*, 10 Ave Maria L. Rev., 313.

Bandelier, A. F, 1911, "Pedro de Cordoba", The Catholic Encyclopedia, Vol.11, retrieved September 2020.

Bartolome de Las Casas, 1552, *Brevísima relación de la destrucción de las Indias*, Madrid.

Benedict XVI, 2013, 'Message for the World Day of Peace'.

Beto, Frei, 1987, *Batismo de Sangue*, Sao Paolo.
Castro, D., 2007, *Another Face of Empire: Bartolome de Las Casas, Indegenous Rights and Ecclesiastical Imperialism*, Durham.
Francis, 2015, 'Misericordiae Vultus'.
Hanke, L., 2018 (1949), *The Spanish Struggle for Justice in the Conquest of America*, New York.
Heidegger, M., 1943, On The Essence of Truth, translated by John Sallis, 1961, adelphus.net, retreived September 2020.
Herbermann, C., ed., 1913, 'Antonio Motesinos', Catholic Encyclopedia, New York: Robert Appleton Company. Retrieved September 2020.
Hinnebusch, W. A. O.P., 1973, *The History of the Dominican Order,* New York.
Lacordaire, H. D., 1839, *Mémoire pour le Rétablissement en France de l'Ordre des Frères Prêcheurs*, Paris.
Lebret, L. J. 1961, Dynamique concrète de Développement Economie-Humanisme, Paris.
Mandonet, P., O.P., 1921, *Saint Dominique, l'idée, l'homme et l'oeuvre*, Paris.
Minster, C., 2020, "Biography of Antonio de Montesinos, Defender of Indigenous Rights", ThoughtCo, Oct. 2, 2020, thoughtco.com/antonio-de-montesinos-2136370, retrieved November 2020.
Neal, H., O.P., 1934, 'St Dominic and the Cumans', Dominicana Vol. 19, No.2, dominicanajournal.org, retrieved September 2020.
Paldiel, M., 2017, Saving One's Own: Jewish Rescuers During the Holocaust, New Jersey, Wikipedia.org/rescueofjews, retrieved September 2020.
Paul III, 1537, 'Sublimis Deus'.
Paul VI, 1967, 'Popolorum Progressio'.
Schroeder, H. J., 1911, 'Antonio Montesinos', The Catholic Encyclpoedia, Vol. 10. Robert Appelton Company, New York, retrieved September 2020).
Synnott, F., 1953, Catholics and the Colour Problem, Pretoria.
Thomas, H., *2013, Rivers of Gold: The Rise of the Spanish Empire, from Columbus to Magellan*, New York.
www.op.org/unitednations, retrieved October 2020.
www.opjusticeandpeace, retrieved October 2020.

# L-ispiritwalità tal-Ġustizzja u Paċi fl-Ordni Dumnikan

Fr Ivan Attard OP

Ma nistax nikteb dan l-artiklu mingħajr ma nsemmi lil ħuna Patri Ġwann Xerri O.P. li għadda għall-ħajja ta' dejjem fl-aħħar ta' Mejju 2021. P. Ġwann kien wieħed mill-aktar persuni fl-Ordni li nissel fija mħabba u żelu għall-ħidma fil-qasam tal-ġustizzja u paċi. Meta kien jiġi Malta (mill-Brażil jew minn Ruma), sikwit konna niltaqgħu u niddiskutu diversi temi ta' natura soċjo-ekonomika. Kien hu wieħed minn dawk l-aħwa li nisslu fija x-xewqa li mmur il-missjoni l-Albanija u nistudja x-xjenzi soċjali. Patri Ġwann kien jgħinni nħares lejn ir-realtà minn lenti u minn perspettivi differenti li ħafna drabi lanqas biss kien jaqali f'moħħi nikkunsidrahom. Kien bniedem li kapaċi jistimola l-ħsieb u għalkemm konna ngħaddu siegħat sħaħ niddiskutu, il-ħin ma kontx narah. Il-ħeġġa tiegħu biss ukoll kienet tqanqal fija mħabba għas-sewwa u l-ġustizzja. Ma ninsa qatt iż-żmien sabiħ li għexna flimkien ġewwa Ruma, meta jien kont qed nistudja x-xjenzi soċjali. Mill-esperjenzi u ż-żelu tiegħu lejn il-persuni l-aktar imkażbra u oppressi fis-soċjetajiet tagħna tgħallimt ħafna. Sikwit kien jgħidli li rridu nitgħallmu naqraw il-Vanġelu mil-lenti tal-fqar u l-persuni li jsofru inġustizzji. Il-Vanġelu biex ikun tassew aħbar tajba jrid jeħles lill-imjassrin minn kull xorta ta' ħażen u jasar, inkella jispiċċa biss kliem sabiħ imma maqtugħ mir-realtà u li għal ħafna jsir aħbar irrelevanti.

## Introduzzjoni

L-ispiritwalità, ħafna drabi, hija assoċjata ma' dak li hu immaterjali u sopranaturali, mifrud u maqtugħ mid-dinja materjali. Il-ħajja spiritwali sikwit tiġi mifhuma bħala forma ta' kenn mill-ġenn tad-dinja u minn kull problema soċjali, politika u ekonomika. Is-sekulariżmu kompla

jimbotta din il-firda. Fil-fatt, is-sekolariżmu bħala ideoloġija, jemmen u jesiġi li r-reliġjonijiet m'għandhomx jindaħlu fi kwistjonijiet soċjali, b'mod partikolari f'dawk ta' natura politika, ekonomika u finanzjarja. Ir-reliġjonijiet għandhom joqogħdu fil-knejjes jew tempji tagħhom u jiddedikaw ruħhom biss għal dak li għandu x'jaqsam mal-ispiritwali. Huwa xogħol il-politiċi, in-nies tan-negozju u esperti oħra li għandhom jieħdu ħsieb kwistjonijiet ta' natura soċjali. Din it-tensjoni hija r-riżultat ta' kif seħħet is-separazzjoni bejn Stat u Knisja f'ċerti pajjiżi, fejn ir-reliġjon kienet wisq strumentalizzata u sfruttata mis-sinjuri u minn dawk li kienu jgawdu ċerta setgħa ħalli jħarsu l-interessi tagħhom.

L-Inkarnazzjoni tal-Λόγος 'logos' (il-Verb – il-Kelma) tkisser it-tensjoni bejn dak li hu tad-dinja u dak li hu spiritwali, ladarba d-divin sar uman (mingħajr ma tilef xejn mid-divinità tiegħu) biex jagħmel lill-bniedem divin (θέωσις). Dan hu l-qofol u l-essenza tal-fidi Kattolika. Min jiċħad dan, ikun qed jiċħad l-istess fidi Kattolika mgħoddija lilna sa minn żmien l-Appostli. Meta nilqgħu lil Ġesù f'qalbna, huwa jagħtina l-grazzja li nieħdu sehem fil-ħajja tiegħu ta' Alla, aħna u niddedikaw ruħna biex inxerrdu u naqsmu mal-oħrajn il-ħajja u l-imħabba tiegħu fid-dinja.[1]

## 1. L-impenn soċjali huwa parti integrali tal-ħajja Nisranija

Alla jħobb il-ħolqien kollu u konsegwentement lill-bnedmin kollha, mingħajr ebda distinzjoni. Il-ħlejjaq kollha huma frott l-imħabba ħallieqa t'Alla, inkluż kull bniedem. Ilkoll kemm aħna msejħin biex nilqgħu l-imħabba u l-ħajja t'Alla u nieħdu sehem fiha.

Fl-Iskrittura, Alla huwa ppreżentat bħala Dak li jingħata. Il-manifestazzjoni konkreta ta' din l-għotja, tal-imħabba u l-ħajja divina huwa l-Λόγος, li sar laħam.[2] Sidna Ġesù Kristu wera fid-dieher il-ħajja t'Alla li ma jidhirx.[3] Bil-kliem u bl-għemil, Ġesù wriena l-imħabba tal-Missier għalina l-bnedmin.[4] Il-milja ta' mħabbtu wrihielna fis-sagrifiċċju tas-salib, fejn l-Iben offra lilu nnifsu totalment lill-Missier għas-salvazzjoni tagħna.[5]

Barra minn hekk, kif Ġesù ddedika ħajtu biex jieħu ħsieb dawk li qed ibatu (il-morda, il-vittmi ta' inġustizzji varji, l-emarġinati, il-midinbin u l-barranin) hekk ukoll aħna l-Insara ma nistgħux nibqgħu indifferenti

quddiem id-diversi forom li l-inġustizzja qed tieħu fir-realtà soċjali tagħna llum. L-istess impenn jgħodd għall-Ordni Dumnikan, ladarba l-ħajja Dumnikana hija mod ta' kif wieħed jgħix il-ħajja Nisranija.[6]

### 1.1 Alla huwa mal-magħkus

Fil-popli tal-imgħoddi mbiegħed, kważi l-allat kollha kienu ppreżentati qrib is-setgħanin, biex jiġġustifikaw l-aġir u l-qligħ li jagħmlu u fuq kollox is-setgħa tagħhom fuq l-oħrajn u t-territorji li jaħkmu. Il-ktieb tal-Eżodu jurina Alla totalment differenti.[7] Alla ta' Iżrael għażel li joqgħod fuq in-naħa tal-ilsiera u l-magħkusin. Ħa fuqu nnifsu l-kawża tal-fqir, ta' dawk li jbatu u huma vittmi ta' inġustizzji. Mhux biss wera simpatija magħhom, imma daħal għalihom biex jeħlishom.[8]

Bil-miġja ta' Kristu fostna, Alla daħal għalina Hu personalment (u mhux permezz ta' ħaddieħor) biex jifdina minn kull jasar. Fil-fatt, bl-Inkarnazzjoni tiegħu f'Ġesù Kristu, Alla mhux biss wera solidarjetà magħna l-bnedmin, imma saħansitra sar wieħed minna, bħalna f'kollox minbarra d-dnub.[9] Sidna Ġesù, imqanqal mill-imħabba divina, għażel b'rieda ħielsa li jxejjen u jċekken lilu nnifsu biex jieħu sehem fil-ħajja tagħna l-bnedmin, bħala veru Alla u veru bniedem.[10] Mhux biss huwa mal-fqir u l-magħkus, ma' min qed ibati u huwa meqjus xejn fis-soċjetà tagħna, imma saħansitra jidentifika lilu nnifsu magħhom.[11]

### 1.2 Li tkun Nisrani

L-Insara huma dawk li jilqgħu f'qalbhom l-imħabba u l-ħajja ta' Alla, hekk kif ġiet muriha lilna f'Sidna Ġesù Kristu, u jagħżlu li jagħmlu ħilithom biex ifasslu ħajjithom skont din il-grazzja li jirċievu.[12] Bil-magħmudija, l-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja, jagħtina l-grazzja li nieħdu sehem fil-ħajja divina (li tqaddisna) biex hekk Hu jgħix fina[13] (jagħmilna bħalu) u jkompli permezz tagħna[14] il-missjoni salvifika tiegħu li tqaddes id-dinja. Għalhekk, aħna msejħa li noffru ħajjitna kollha kemm hi lil Alla l-Missier (bħall-Iben u mal-Iben) biex inkomplu l-missjoni ta' Sidna Ġesù Kristu (bħala membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu)[15] f'kull mument ta' ħajjitna, kull fejn inkunu. Is-salvazzjoni mill-ħażen, mid-dnub u minn kull inġustizzja u oppressjoni ma sseħħx biss wara l-mewt, imma tibda minn dil-ħajja stess u tilħaq il-milja tagħha fil-ħajja eterna.

Fil-fatt, fit-talba tal-Missierna, aħna ngħidu, "Tiġi Saltnatek, ikun dak li trid Int, kif fis-sema hekkda fl-art." (Mt 6, 10) Għaldaqstant, l-impenn fil-qasam tal-ġustizzja u paċi,[16] kif ukoll il-ħarsien tal-ħolqien huwa parti integrali tal-ħajja Nisranija u mhux xi għażla soċjo-politika, imma esperjenza u espressjoni tal-imħabba t'Alla li taħdem fina u permezz tagħna. L-ispiritwalità Nisranija titlob minn kull Nisrani li jaqsam mal-oħrajn l-imħabba divina, msejsa fuq il-ġustizzja,[17] f'kull qasam tal-ħajja. Tajjeb li nagħrfu li l-imħabba Nisranija tinbena fuq il-ġustizzja, u titlob minna li nagħtu lill-oħrajn *minn dak li hu tagħna bi dritt* biex inħarsu l-ġid (u mhux il-kapriċċi) tagħhom. Fejn ma tasalx il-ġustizzja, tasal l-imħabba. L-imħabba mhijiex f'tensjoni mal-ġustizzja, imma twassalha għall-milja tagħha. L-imħabba Nisranija mhijiex: ikkuntenta lil dak li jkun għax inkella jdendel il-geddum. Għaldaqstant, biex inkunu nistgħu nagħtu lill-oħrajn minn dak li hu tagħna bi dritt ħalli nħarsu l-ġid tagħhom, l-ewwel irridu nkunu lesti li nagħtuhom dak li hu tagħhom bi dritt. Jekk m'aħniex lesti li nagħtuhom dak li hu tagħhom bi dritt, kif se naslu nagħtuhom minn dak li hu tagħna bi dritt?

## 2. L-għan tal-ħajja Dumnikana

L-għan li għalih twaqqaf l-Ordni tal-Predikaturi huwa s-salvazzjoni tal-erwieħ permezz tal-predikazzjoni tal-Kelma (Λόγος) inkarnata.[18] L-ispiritwalità Dumnikana hija komtemplattiva kif ukoll appostolika. Il-ħajja kontemplattiva ssostni dik appostolika u fl-istess waqt l-appostolat inissel fina għatx u ġuħ għal Alla. Il-bilanċ bejn it-tnejn huwa fundamentali biex ngħixu ħajja Dumnikana awtentika.[19] Il-predikazzjoni tagħna hija l-frott ta' ħajja bbażata primarjament fuq erba' kolonni:

a) *Il-ħajja fraterna, il-ħajja komunitarja u l-ħajja regolari.* Il-komunità hija l-iskola, fejn id-Dumnikani jeżerċitaw ruħhom fil-virtujiet, speċjalment fl-umiltà, is-smigħ, il-kompassjoni, il-ħniena, il-ġustizzja u l-imħabba. Il-ħajja fraterna tgħinna nkunu qalb waħda u ruħ waħda bħall-ewwel komunitajiet Insara (LCO 2-16; 39-55);[20]

b) *Il-kunsilli evanġeliċi,*[21] huma l-ubbidjenza (ħelsien mill-interessi tagħna), il-kastità (safa tal-qalb, ħelsien minn kull rabta u minn kull idolatrija) u l-faqar (ħelsien mill-affarijiet materjali).[22] Il-kunsilli evanġeliċi jagħtuna ħelsien sħiħ biex noffru lilna nfusna totalment lil

Alla għall-ġid u s-salvazzjoni tal-bnedmin kollha biex inħobbuhom b'mod sħiħ għall-glorja t'Alla (LCO 17-38);

c) *It-talb u l-liturġija* jagħtuna nifs divin biex l-appostolat tagħna jkun tassew frott l-imħabba t'Alla li jgħammar fina u jkompli l-ħidma tiegħu permezz tagħna. Għalhekk, jeħtieġ li nsostnu ruħna sew bit-talb u l-liturġija biex dak li nwettqu nagħmluh għall-glorja t'Alla u mhux għall-glorja tagħna nfusna (LCO 56-75);

d) *L-istudju* jagħtina l-possibbiltà ħalli nagħrfu aħjar il-fidi vera li twassalna biex nilqgħu lil Ġesù u nagħmlu esperjenza awtentika t'Alla, tal-imħabba u tal-ħajja tiegħu. Barra minn hekk, l-istudju jgħinna wkoll nagħrfu aħjar ir-realtà tagħna l-bnedmin u dik ta' madwarna (jiġifieri kemm l-ambjent naturali kif ukoll dak soċjali) fejn il-fidi għandha tigi inkulturata u mgħejxa u fejn il-Λόγος, li jsalva u jqaddes, jinkarna ruħu permezz tal-predikazzjoni. (LCO 76-97)

## 2.1 Il-predikazzjoni tal-Aħbar it-Tajba

L-Aħbar it-Tajba għal min qed ibati,[23] għall-fqir u għal min hu mkażbar tikkonsisti fil-ħelsien tassew mit-tbatija u l-inġustizzji.[24] Għaldaqstant, l-Aħbar it-Tajba mhijiex xi ħaġa astratta, imma tintwera ruħha f'Ġesù, li għadu jeħles mill-jasar, li jagħti l-paċi u li joffrilna t-tama għall-ħajja u dinja aħjar.[25] Konsegwentement, il-predikazzjoni tal-Evanġelju ssir konkreta u tilħaq il-milja tagħha fl-impenn soċjali, għax huwa il-kontinwazzjoni fiż-żmien ta' dak li għamel Ġesù u li jkompli jagħmel permezz tal-Knisja, il-Ġisem Mistiku tiegħu.[26] Il-predikazzjoni tal-Kelma (Λόγος) t'Alla hija effettiva u tagħti l-ħajja lil dawk li jilqgħuha u jgħożżuha f'qalbhom u twassalna biex nesperjenzaw il-paċi vera ta' Dak li qam rebbieħ fuq id-dnub u l-mewt u li tana sehem fir-rebħa tiegħu. Din il-paċi awtentika hija l-konsegwenza tas-salvazzjoni mid-dnub u minn kull forma ta' inġustizzja preżenti f'qalbna u fil-ħajja tagħna fuq din l-art.[27]

## 2.2 Il-predikazzjoni u l-impenn tagħna fil-qasam tal-ġustizzja, il-paċi u l-ħarsien tal-ħolqien

Fit-tradizzjoni sekolari tiegħu, l-Ordni tal-Predikaturi dejjem niseġ il-predikazzjoni tal-Kelma mal-ministeru profetiku biex jikkundanna d-dnub u d-diversi inġustizzji soċjali li jitnisslu minnu u jħabbar l-konverżjoni,

il-fidi, it-tama, il-ġustizzja, il-ħniena u l-imħabba, li jiddisponu ’l qlubna biex nilqgħu lil Ġesù, l-uniku Salvatur tagħna. L-ispiritwalità Dumnikana toffrilna l-mezzi neċessarji biex nippritkaw il-ġustizzja. Viktor Hofstetter jelenka erbgħa minnhom: a) il-predikazzjoni profetika; b) il-predikazzjoni u l-faqar; c) il-predikazzjoni u l-kompassjoni, u fl-aħħar u mhux l-inqas d) il-predikazzjoni u r-riflessjoni teoloġika.[28]

**2.2.1 Il-predikazzjoni profetika** titlob minna li nżommu għajnejna miftuħa biex naraw l-inġustizzji u widnejna attenti biex nisimgħu l-karba ta’ min qed ibati. Il-profeta jara l-isfruttament, il-jasar u t-tbatijiet tal-foqra u l-persuni vulnerabbli u esklużi soċjalment u ma jibqax indifferenti. Għandu qalbu miftuħa għal dawk li qed ibatu u jisma’ l-għajta tagħhom. Barra milli jikkundanna l-istrutturi soċjo-ekonomiċi inġusti, il-profeta jħabbar l-Aħbar t-Tajba, li tagħti tama u twassal lill-bniedem biex jikkollabora ma’ Alla ħalli joħloq dinja u soċjetà aktar ġusta, meħlusa minn kull ħażen u oppressjoni.

**2.2.2 Il-predikazzjoni u l-faqar**.[29] Sa mill-bidu, il-predikazzjoni Dumnikana kienet marbuta intimament mal-faqar, bħala għażla ta’ ħajja. Aħna qed ngħixu f’dinja ddominata minn sistema ekonomika ibbażata fuq il-konsumiżmu u tkabbir ekonomiku.[30] Dis-sistema ekonomika tinjora għalkollox il-ġustizzja u l-ġid komuni. It-tkabbir ekonomiku jinbena fuq konsumiżmu bla rażan u jqis kollox *disposable*, uża u armi. Aktar ma narmu affarijiet, aktar tinħoloq il-ħtieġa li nixtru u nikkunsmaw affarijiet ġodda. Żieda fil-konsum titlob żieda fil-produzzjoni, li tagħmel possibbli li l-ekonomija u n-negozji jikbru.[31] Dal-mudell ekonomiku mhux sostenibbli, minħabba l-fatt li r-rata tat-tkabbir ekonomiku qed iġġib magħha ħela ta’ riżorsi mhux rinnovabbli, kif ukoll ħafna tniġġis, li l-effetti tagħhom qed jolqot kull naħa tad-dinja. Dan qed iwassal għall-qerda tal-istess bniedem (b’ħafna mard u miżerji), kif ukoll l-ambjent naturali tagħna qed isir inqas abitabbli kemm għalina, kif ukoll għall-ħlejjaq oħra.[32] Illum, aktar minn qatt qabel, rridu nagħtu xhieda ta’ ħajja ħielsa minn dan it-tip ta’ ħela u konsumiżmu bla rażan. Jekk aħna l-predikaturi rridu nippritkaw lis-sinjuri biex jagħtu ġidhom għall-foqra u jassiguraw distribuzzjoni ġusta tal-ġid prodott, biex inkunu kredibbli jeħtieġ li nkunu aħna l-ewwel li ma nkunux qalbna marbuta mal-ġid

materjali u l-kumditajiet ta' did-dinja. Min-naħa l-oħra, il-predikazzjoni tagħna, kif tista' tkun relevanti għall-fqir jekk aħna nħaddnu l-istil ta' ħajja tas-sinjuri? Il-faqar evanġeliku mhuwiex sempliċement xi għażla strateġika, imma għażla ta' ħajja li tħares s-saħħa tagħna u ta' kulħadd.[33]

**2.2.3 Il-predikazzjoni u l-kompassjoni**. Il-kompassjoni hija fundamentali għall-ħajja Dumnikana, għax tgħinna biex noħorġu minna nfusna u torjentana lejn l-oħrajn. Imqanqla mill-ġustizzja, il-ħniena u l-imħabba, il-kompassjoni twassalna biex tassew inħossuna-ma'. Dan is-sentiment iqajjem fina xewqa li nagħmlu xi ħaġa biex inwieġbu għat-tbatijiet tal-oħrajn. Biex inkunu kompassjonevoli jeħtieġ li nkunu umli. L-umiltà tħejjina biex nisimgħu u nifhmu lil min hu vittma ta' inġustizzji. Il-kompassjoni twassalna biex inpoġġu lilna nfusna fil-pożizzjoni tagħhom ħalli nifhmuhom aħjar. Aħna u neżerċitaw ruħna fl-umiltà, fil-kompassjoni u fis-smigħ se nħejju qlubna biex nilqgħu l-grazzja t'Alla li tagħmilna aktar bħal Ġesù, li għandu għal qalbu dawk il-persuni l-aktar mistmerra u meqjusa xejn fis-soċjetà tagħna.

**2.2.4 Il-predikazzjoni u r-riflessjoni teoloġika.** Il-komplessità tal-ħajja soċjali, politika, ekonomika u finanzjarja li lkoll kemm aħna qed nesperjenzaw f'dawn l-aħħar żminijiet, titlob minna riflessjoni teoloġika urġenti biex issostni l-predikazzjoni tagħna tal-Kelma inkarnata fir-realtà tal-lum. L-ideoloġiji kontemporaneji (speċjalment in-neoliberaliżmu) qed isawru l-ħajja soċjali tagħna u qed joħolqu diversi idolatriji, li jsostnu ċertu tip ta' kulturi u strutturi soċjali inġusti li jaqdu tajjeb l-interessi tas-setgħanin u s-sinjuri, biex ikomplu jissaħħu u jistagħnu minn fuq dahar id-dgħajjef u l-fqir, huma u jfaqqru u jisfruttaw lil min hu vulnerabbli u jagħmlu ħerba mir-riżorsi naturali. Aktar m'għandhom, aktar iridu u qatt ma jissodisfaw ruħhom. L-individwu ħafna drabi jaqta' qalbu quddiem dawn il-qawwiet soċjo-ekonomiċi u jintelaq mal-kurrent. Ir-riflessjoni teoloġika, bl-għajnuna tax-xjenzi soċjali, tgħinna nanalizzaw il-kawżi ta' dawn l-istrutturi soċjali tad-dnub[34] u bil-għajnuna tad-dawl tal-fidi turina triqat oħra li jagħtuna tama għax iħarsu u jassiguraw tassew l-iżvilupp sħiħ u integrali ta' kull persuna, aħna u nħarsu wkoll il-ħolqien u l-ambjent naturali li ngħixu fih.

## Konklużjoni

L-ispiritwalità Dumnikana hija espressjoni tal-ħajja Nisranija u mhux xi ħaġa differenti minnha. Barra minn hekk, l-ispiritwalità tal-ġustizzja, il-paċi u l-ħarsien tal-ħolqien mhix separata mill-ispiritwalità Nisranija. Kif rajna, l-impenn soċjali huwa tassew parti integrali tal-ħajja Nisranija. M'għandniex xi ngħidu, kull wieħed minna se jaqdi din il-missjoni skont id-doni, li Alla jagħtina u skont is-sejħa li jagħmlilna. Il-ħajja Dumnikana toffrilna l-mezzi biex inqaddsu d-dinja mingħajr ma nkunu tad-dinja, kif jitlob minna Sidna Ġesù Kristu.[35] L-umiltà, il-kompassjoni, is-smigħ, ir-rażan, il-qies, il-ħajja fraterna, komunitarja u regolari, il-kunsilli evanġeliċi, it-talb u l-liturġija, l-istudju u r-riflessjoni teoloġika jgħinuna biex ngħixu l-impenn tagħna li nxandru l-Kelma, li teħles u ssalva minn kull forma ta' ħażen u inġustizzji lil kull min jilqagħha huwa u jieħu sehem fil-ħajja divina bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu.

## Noti

1. Intom il-melħ tal-art. Imma jekk il-melħ jaqta', biex jerġa' jieħu t-togħma? Ma jibqa' tajjeb għal xejn iżjed ħlief biex jintrema barra u jintrifes minnies. Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba. Lanqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt is-siegħ, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet (Mt 5, 13-16).
   Qalilhom parabbola oħra: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil ftit ħmira li waħda mara tkun qabdet u ħalltet ma' tliet sigħan dqiq sa ma tkun għoliet l-għaġna kollha" (Mt 13, 33).
2. Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma' Alla, u l-Verb kien Alla. U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità (Ġw 1, 1.14).
3. Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier (Ġw 1, 18).
   Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx (Kol 1, 15).
4. Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi (Ġw 15, 9).

5. Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu (Ġw 15, 13).
6. Kapitlu Ġenerali tal-Ordni tal-Predikaturi (ACG), Quezon City 1977, 19, 3.
7. U l-Mulej qallu: "Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu. U jien smajt il-karba tagħhom minħabba fl-argużini tagħhom u għaraft l-uġigħ tagħhom. Issa nżilt biex neħlishom minn idejn l-Eġizzjani u biex intellagħhom minn dik l-art u neħodhom f'art tajba u wiesgħa, f'art tnixxi ħalib u għasel, art il-Kangħanin u l-Ħittin, l-Amurrin u l-Periżżin, il-Ħiwwin u l-Ġebusin. U issa, ara, il-karba ta' wlied Iżrael waslet sa għandi, u rajt ukoll it-tgħakkis li bih qegħdin jgħakksuhom l-Eġizzjani. Ejja, mela, ħa nibagħtek għand il-Fargħun biex toħroġ lil ulied Iżrael, il-poplu tiegħi, mill-Eġittu" (Eż 3, 7-10).
8. ACG Krakow 2004, 57.
9. ACG, Bogota 2007, 64.
10. Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù: hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib (Fil 2, 5-8).
11. Imbagħad is-Sultan jgħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja. Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni' (Mt 25, 34-36).
12. Għandkom tkunu qaddisin, għax qaddis jien, il-Mulej Alla tagħkom (Lev 19, 2).
    Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet (Mt 5, 48).
    Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom (Lq 6, 36).
13. Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu. (Ġw 14, 23).
14. Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu (Gal 2, 20).
15. Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom membru tiegħu (1Kor 12,27).
16. Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin.
    Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla (Mt 5, 6.9).

17. Il-ġustizzja hi dik il-virtù morali li biha b'rieda soda u kostanti, nagħtu 'l Alla u lil għajrna dak li jistħoqqilhom (KKK 1807).
Justice is the habit in accord with which someone, by a steadfast and perpetual will, gives to each individual what is the right for him (*Summa Theologica,* 2a, 2a, q. 58, a.1).
18. The Order of Friars Preachers, founded by St Dominic, is known to have been established, from the beginning, for preaching and the salvation of souls, specifically (*Liber Constitutionum et Ordinationum* (LCO )1 § II).
19. The life of the Order comprises a synthesis of these elements, inseparably interconnected, harmoniously balanced and mutually enriching. It is an apostolic life in the full sense of the word, from which preaching and teaching ought to issue from an abundance of contemplation (LCO 1 § IV).
20. L-ewwel ħaġa, li minħabba fiha intom inġbartu flimkien, hi li tgħixu għalenija fid-dar ħalli jkollkom ruħ waħda u qalb waħda f'Alla (*Regola ta' Santu Wistin*, 1.2).
21. ACG, Rome 2010, 69.
22. ACG, Oakland 1989, 171, IV.
23. ACG, Trogir 2013, 48.
24. L-ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi, għax il-Mulej ikkonsagrani, biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, bagħatni ndewwi l-qalb miksura; biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs…biex infarraġ lill-imnikktin (Iż 61, 1-2).
25. Episcopal Synod, 1971, *Justice in the World*, 5.
26. Gustavo Guttierez, 'Preface in *Preaching Justice*, ed. Francesco Compagnoni & Helen Alford (Dublin: Dominican Publications, 2007), 13.
27. Episcopal Synod, 1971, *Justice in the World*, 6.
28. Viktor Hofstetter, 'Teaching by Recent General Chapters and Masters' in *Justice Peace & Dominicans*, ed. John Orme Mills (Dublin: Dominican Publications, 2001), 207-210.
29. ACG, Oakland 1989, 97; Bologna 2016, 91-93.
30. Is-sistema ekonomika neo-liberali biex tassigura t-tkabbir ekonomiku ssegwi dan il-prinċipju: l-ogħla qligħ, b'kull mezz u akkost ta' kollox, bl-inqas spejjeż possibbli.
31. Il-fatt li jkun hemm prodotti fuq is-suq li malajr jispiċċaw se joffri aktar opportunità lin-negozji biex jipproduċu dejjem iżjed u jbigħu dejjem aktar, biex hekk ir-rota ekonomika tkompli ddur.
32. ACG, Providence 2001, 30-59.

33. If, in this kind of world, we appear to be more aligned with the rich than with the poor, our preaching is not credible. How can we free the rich from the domination of money and other material goods if we do not live simply and soberly (LCO 31 §1)? And how can we hope that the poor accept our preaching seriously if we are not close to their way of life (LCO 31 §2)? (Viktor Hofstetter, 'Teaching by Recent General Chapters and Masters' in *Justice Peace & Dominicans*, ed. John Orme Mills (Dublin: Dominican Publications, 2001), 208).
34. If the present situation can be attributed to difficulties of various kinds, it is not out of place to speak of "structures of sin", which, as I stated in my Apostolic Exhortation *Reconciliatio et Paenitentia*, are rooted in personal sin, and thus always linked to the concrete acts of individuals who introduce these structures, consolidate them and make them difficult to remove. (*Reconciliatio et Paenitentia*, 16) And thus they grow stronger, spread, and become the source of other sins, and so influence people's behavior (*Sollicitudo Rei Socialis*, 36).
35. Jiena tajthom il-kelma tiegħek, u d-dinja bagħdithom, għaliex huma mhumiex tad-dinja, kif jiena m'iniex tad-dinja. Ma nitolbokx li twarrabhom mid-dinja, imma li tħarishom mill-Ħażin. Huma mhumiex tad-dinja bħalma jiena m'iniex tad-dinja. Qaddishom permezz tal-verità; il-kelma tiegħek hi l-verità. Kif inti bgħatt lili fid-dinja, hekk jiena bgħatt lilhom fid-dinja (Ġw 17, 14-18).

# KONTRIBUTURI KNISJA 2000

## *Ħarġa Numru 139*

***Fr Ivan Attard OP*** twieled f'Ħaż-Żebbuġ fl-1 ta' Marzu 1977. Ipprofessa fl-Ordni Dumnikan fl-1997 u ġie ordnat saċerdot fl-2003. Huwa studja l-Filosofija fl-Università ta' Malta (1997-2000) u t-Teoloġija f'Bolonja l-Italja (2000-03). Imbagħad kompla l-istudji tiegħu fl-*Università San Tommaso d'Aquino* (Angelicum) f'Ruma fejn kiseb il-Baċċelerat u l-Liċenzjat fl-Istudji tax-Xjenzi Soċjali. Huwa ħadem fil-missjoni tad-Dumnikani fl-Albanija u bħalissa qiegħed iwettaq il-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa tal-Madonna ta' Fatima fi Gwardamanġa. Huwa l-Promutur tal-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi tal-Provinċja Dumnikana Maltija.

***Prof. Carmel Borg*** huwa Kap tad-Dipartiment tal-Arti, il-Komunitajiet Miftuħa u l-Edukazzjoni tal-Adulti fi ħdan il-Fakultà tal-Edukazzjoni, fl-Università ta' Malta. Huwa jgħallem f'diversi Univeritajiet Ewropej, jirriċerka u jikteb fl-oqsma tas-Soċjoloġija tal-Edukazzjoni, il-Pedagoġija Kritika, l-Edukazzjoni tal-Adulti, it-Teorija, it-Tfassil u l-Iżvilupp tal-Kurrikulu, u l-Edukazzjoni u l-Ġustizzja Soċjali. Prof. Borg huwa l-editur tal-*Malta Review of Educational Research* (MRER) u tal-*Education Research Monograph Series* (ERMS).

***Andrè Callus*** huwa attivist mal-Moviment tal-Graffitti, għaqda xellugija li taħdem kontra l-oppressjoni tan-nies, tal-ambjent u tal-annimali. Huwa għandu Masters fl-Antropoloġija mill-Università ta' Malta.

***Bernard Cauchi*** huwa minn Birżebbuġa u jgħix il-Qrendi. Ilu jaħdem bħala edukatur għal dawn l-aħħar wieħed u għoxrin sena, ħmistax-il sena minnhom bħala għalliem fil-Kulleġġ San Albert il-Kbir fil-Belt Valletta. Bernard studja l-Istorja u l-Edukazzjoni. L-interessi ewlenin tiegħu jinsabu fl-edukazzjoni, il-politika u s-soċjetà u dak li hemm bejniethom. Huwa miżżewweġ u għandu żewġt itfal.

***Fr Raymond Gatt OP*** twieled il-Belt Valletta fit-13 ta' Diċembru 1966. Fl-1983 ingħaqad mal-Patrijiet Dumnikani u ġie ordnat presbiteru fl-1993. Huwa studja l-Filosofija, is-Soċjoloġija u l-Psikoloġija (1986-89) u t-Teoloġija (1989-92) fl-Università ta' Malta. Wara huwa kompla l-istudju tiegħu fl-*Institut Catholique de Toulouse* fi Franza fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija fl-1994.

Huwa qeda diversi uffiċċji fl-Ordni Dumnikan kemm f'Malta u anki għal xi żmien fl-Albanija. Ilu editur tar-rivista *Knisja 2000* sa mill-1994. Bħalissa huwa qiegħed iwettaq il-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Porto Salvo fil-Belt Valletta.

***Martin Gauci*** twieled Ħal Għargħur. Studja l-Kulleġġ San Alwiġi. Ħa x-xogħol ta' missieru ta' bejjiegħ tal-ħwejjeġ fejn hu jqis li trawwem fl-università tal-ħajja. Martin bħala pensjonant daħal l-Università ta' Malta fejn iggradwa fl-Istudji Teatrali. Huwa ilu involut mal-Għaqda Teatrali 'Dwal Ġodda' ta' Ħal Għargħur sa mit-twaqqif tagħha fl-1970.

***Mario Gerada*** huwa *social worker* li ħadem fl-oqsma tal-iżvilupp u l-immigrazzjoni tul il-ħajja professjonali tiegħu. Għal iktar minn għoxrin sena huwa iffoka fuq *issues* li għandhom x'jaqsmu mad-diskriminazzjoni, l-emarġinazzjoni u l-vjolenza li jgħaddu minnhom gruppi minoritarji. Mario ħadem ukoll fuq sitwazzjonijiet fejn jiltaqgħu l-emarġinazzjoni u l-għajxien ta' ċerti nies. Huwa ħoloq proġett bl-isem 'Ħwawar u Fjuri' fejn introduċa l-etnobotanika bħala metodoloġija biex tinvolvi komunitajiet ta' immigranti f'Malta biex jidħlu f'konversazzjoni rigward l-integrazzjoni. Preżentement huwa qiegħed jaħdem mal-Kummissjoni Immigranti.

***Michael Grech*** hu għalliem minn Ħal Għargħur. Ilu jaħdem f'dan il-qasam għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Michael ħadem ukoll f'komunitajiet terapewtiċi u korrettivi. Għal xi żmien kien jikteb b'mod regolari f'xi gazzetti u jieħu sehem f'forom oħra ta' media.

***Nathalie Grima*** studjat is-Soċjoloġija u l-Istudji dwar il-Ġeneru. Fir-riċerka tagħha ħadmet ma' nisa Musulmani, ma' Għarab li għexu f'Malta waqt u wara r-'Rebbiegħa Għarbija', ma' nisa Bormliżi, ma' Maltin li emigraw l-Awstralja fis-sittinijiet mill-Pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq, u ma' Maltin li jgħixu l-Palestina. Tinteressaha wkoll ir-riċerka fuq il-faqar relattiv f'Malta u l-mod kif il-familji joħolqu kuntatti ta' sapport soċjali biex jirnexxilhom jibnu reżiljenza.

***Fr Constantine Mamo OP*** twieled Birkirkara fl-1 ta' Settembru 1940. Studja fil-Lyceum, il-Ħamrun, u wara ġie aċċettat fl-Ordni Dumnikan fejn fil-31 ta' Ottubru 1959 għamel l-ewwel professjoni. Studja l-Filosofija u t-Teoloġija fil-Kulleġġ ta' San Tumas t'Akwinu fir-Rabat u ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' April 1965. Fl-1967 ġie assenjat fil-Brażil fejn ħadem fil-ħames parroċċi miżmuma

mill-Vigarjat tal-Provinċja Dumnikana Maltija. Għal diversi snin kien Vigarju tal-Provinċjal għall-missjoni fil-Brażil. Fl-1992 irritorna Malta fejn qeda l-uffiċċju ta' direttur spiritwali tal-Kulleġġ San Albert il-Kbir u l-Kulleġġ Stella Maris. Fl-2002 ġie assenjat fil-Kurja Ġenerali tal-Ordni Dumnikan ġewwa Santa Sabina f'Ruma fejn kien direttur tal-Bullettin IDI – *International Dominican Information*. Fl-2012 ġie assenjat fil-missjoni tal-Provinċja Dumnikana Maltija f'Durres, l-Albanija, fejn ġie maħtur superjur tal-komunità Dumnikana.

***Sammy Meilaq*** hu minn Bormla. Daħal jaħdem fit-Tarzna ta' Malta ta' età żgħira, fejn għal xi snin okkupa l-kariga ta' Chairman (waqt li baqa' ħaddiem) meta din kienet immexxija mill-ħaddiema nfushom. Meilaq immilita għal bosta snin fil-qasam politiku u trejdunjonistiku kemm mit-triq u kemm f'numru ta' karigi. Fl-2013 ippubblika l-bijografija politika tiegħu bl-isem 'Biċċiet Minni'.

***Maria Sant Fournier*** hija l-iżgħar fost seba' aħwa tal-familja ta' Patri Ġwann Xerri OP. Hija omm ta' żewġt itfal u hi għalliema. Maria hija gradwata fl-Istudji Reliġjużi. Flimkien ma' żewġha Alfred tat kontribut bħala koppja mexxejja fit-tħejjija tal-għarajjes għaż-żwieġ u hi parti mill-grupp Dr Klown għal dawn l-aħħar seba' snin. Minkejja li hi ż-żgħira fil-familja, hija segwiet lil ħuha Patri Ġwann ħafna mill-qrib tant li marret il-Brażil darbtejn, fl-1984 u fl-2002 meta ħuha ingħata ċ-ċittadinanza ta' Sao Paolo. Hija rrappreżentat lil ħuha Patri Ġwann fl-għoti tal-ordni nazzjonali tal-mertu f'ġieħ ir-Repubblika ta' Malta fit-13 ta' Diċembru 2021.

***Fr Charles Tabone OP*** twieled fil-Belt Valletta fid-9 ta' Settembru 1957. Ingħaqad mal-Ordni Dumnikan fl-1974 u ordna saċerdot fl-1981. Huwa kompla bl-istudji tiegħu fil-*Pontificia Università San Tommaso d'Aquino* (Angelicum) f'Ruma fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija Morali u d-Dottorat fix-Xjenzi Soċjali. Huwa għamel żmien ta' riċerka f'Oxford u ħidma missjunarja fil-Brażil. Qeda diversi uffiċċji fl-Ordni Dumnikan u fl-Arċidjoċesi ta' Malta. Kien preżentatur f'diversi programmi fuq it-televiżjoni u r-radju f'Malta. Kien *senior lecturer* fil-Public Policy fil-Fakultà tal-Economics, Management & Accountancy tal-Università ta' Malta. Ħa sehem f'għadd ta' seminars u konferenzi barra minn Malta u ppubblika diversi artikli f'rivisti internazzjonali. Fis-sena 2019 huwa rċieva l-grad tal-Maġisteru fit-Teoloġija mill-Ordni Dumnikan bħala rikonoxximent għall-ħidma akkademika tiegħu. Bħalissa huwa l-Promutur Provinċjali tal-Predikazzjoni u jwettaq il-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' Ġesù Nazzarenu f'Tas-Sliema.

# Knisja elfejn – Il-Volumi ppubblikati s'issa

1 L-Evanġelizzazzjoni (eżawrit)
2 Marija
3 Iż-Żwieġ u l-Familja (eżawrit)
4 Bioġenetika
5 L-Ewkaristija (eżawrit)
6 Iż-Żgħażagħ
7 It-Teoloġija tal-Liberazzjoni
8 Il-Lajċi
9 Reliġjon u Kultura
10 Ir-Reliġjużi
11 Is-Setet
12 Il-Papa jkellem lil Malta (eżawrit)
13 Il-Magħmudija
14 Il-Paċi
15 Il-Konfirmazzjoni
16 L-Adozzjoni
17 Il-Liturġija
18 Lejn Soċjetà Umana
19 Lejn Soċjetà Mġedda
20 Is-Sens Reliġjuż
21 Valuri Umani
22 Spiritwalità Nisranija
23 Soċjetà u Kristjaneżmu
24 L-Ordni Sagri
25 Iż-Żwieġ
26 Il-Qrar
27 Twemmin – Xandir – Xhieda
28 Fidi u Politika
29 Il-Familja
30 Knisja u Kultura
31 Id-Dilka tal-Morda
32 Is-Sesswalità Umana
33 Is-Sataniżmu (eżawrit)
34 Il-Bibbja
35 Il-Mewt
36 Il-Mara
37 Il-Festi
38 It-Tfulija
39 Il-Movimenti Ġodda fil-Knisja
40 Min hu Ġesù Kristu?
41 Il-Valur tax-Xogħol
42 Iż-Żgħożija
43 Ir-Reliġjonijiet
44 L-Ispirtu s-Santu fil-Ħajja tan-Nisrani
45 It-Talb: Ilbieraħ u Llum
46 Il-Missjoni Dumnikana fl-Albanija
47 L-Anzjani fis-Soċjetà
48 Min hu Alla l-Missier?
49 L-Ispiritwalità Dumnikana
50 Kelmet Alla f'Ħajjet il-Bniedem
51 Il-Ħarsien tal-Ambjent
52 Il-Knisja: Oriġini u Żvilupp
53 Il-Bniedem u l-Isport
54 L-Eskatoloġija: Il-Ħajja Futura
55 L-Anġli: Simboli jew Realtà
56 L-Abort: il-Qtil tal-Innoċenti
57 It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja
58 L-Ekumeniżmu
59 L-Ewtanasja
60 Il-Parroċċa: Il-Komunità li Temmen
61 San Tumas ta' Akwinu: Ilbieraħ u Llum
62 Il-Globalizzazzjoni: Vantaġġi u Żvantaġġi
63 Sejħa – Dixxerniment – Missjoni
64 New Age u Movimenti oħra
65 Il-Konċilju Vat. II: Fejn Wasalna?
66 Il-Kloning: il-Qerda tal-Bniedem
67 L-Annimali fuq l-Aġenda Nisranija
68 Saħħa – Mard – Fejqan
69 Id-Droga: il-Pjaga ta' Żmienna
70 L-Islam: Fidi u Għajxien
71 L-Omosesswalità mil-Lenti Kristjana
72 Santu Wistin: Ħajtu u Ħidmietu

# Knisja elfejn – Il-Volumi ppubblikati s'issa

73 Alkoħoliżmu u Logħob tal-Azzard
74 Knisja u Edukazzjoni
75 It-Tifsira taż-Żmien
76 San Pawl: l-Appostlu tal-Ġnus
77 Dnubiet Soċjali
78 Il-Prietka tal-Muntanja (Mt 5-7)
79 L-Istudju tat-Teoloġija
80 Il-Kruha tar-Razziżmu
81 Nistaqsi, Nemmen, Ngħix
82 Ġwanni Pawlu II, il-Kbir
83 It-Teżor tal-Ħbiberija
84 Reliġjon u Letteratura
85 Is-Sagramenti f'Ħajjitna
86 Theddid u Sfidi Dinjija
87 "Hu… li Ħalaq is-Sema u l-Art"
88 Insaħħu l-Familji Tagħna
89 Bioetika: l-Aħħar Żviluppi
90 Ir-Relazzjoni Fidi u Raġuni
91 Is-Saċerdozju Taħt il-Lenti
92 It-Tmexxija Demokratika Llum
93 Okkult u Sataniżmu: Fejn jiltaqgħu?
94 Marija ta' Nazaret: Ikona għal Ħajjitna
95 L-Ordni Dumnikan: Ilbieraħ u Llum
96 Il-Fenomenu tal-Migrazzjoni
97 San Ġorġ Preca: l-Ewwel Qaddis Malti
98 Il-Feminiżmu u l-Mara fis-Soċjetà
99 Il-Mużika Sagra fil-Mixja Nisranija
100 Lejn Evanġelizzazzjoni Ġdida
101 Il-Memorja tal-Olokawst (1939-45)
102 Ġurnaliżmu: Verità tal-Aħbar?
103 Id-Don u l-Pedagoġija tal-Fidi
104 Post il-Persuni b'Diżabilità fis-Soċjetà
105 Il-bżonn tal-mistrieħ u l-ħin liberu
106 Il-Quddiesa: storja, tifsira, għajxien
107 L-Evanġelju ta' Papa Franġisku
108 Noti fuq il-Poeżija Reliġjuża Maltija
109 Nemmen fil-Ħajja Eterna
110 Indiċi (Mejju 1988 – Diċ. 2014)
111 L-Isqof: Sejħa u Missjoni
112 Oscar Romero
113 Bibbja u Ċinema
114 Il-Ħidma tal-Iskular Bibliku fil-Knisja
115 Il-Ħniena t'Alla fil-Ħajja Nisranija
116 Id-Dumnikani: għas-servizz tal-bniedem
117 Vjolenza u Terroriżmu: Fejn sejrin?
118 L-Għerf tal-Papiet fl-Enċikliki
119 Madre Tereża
120 Il-Kultura Neo-Liberali
121 Il-Parabboli: Mir-Rakkont għall-Azzjoni
122 Il-Problema tal-Faqar
123 Luteru u r-Riforma
124 L-Isfida tal-Multikulturaliżmu
125 Ħarsa lejn Missirijiet il-Knisja
126 L-Etika fil-Politika
127 Wirt Pawlu VI
128 Ħsibijiet fuq id-*Divina Commedia*
129 Ħarsa lejn id-Dutturi tal-Knisja
130 Fuq l-Era Diġitali
131 L-Għajta ta' Ommna l-Art
132 Il-Knisja u s-Sette Giugno
133 Mistiċi Nisa
134 John Henry Newman
135 Favur il-Ħajja fil-Ġuf
136 Is-Sena Liturġika tal-Knisja
137 Nipproteġu lit-tfal tagħna
138 Perspettivi fuq Mosè

# Inkomplu nibnu Knisja elfejn

Il-Provinċja Dumnikana Maltija fl-1988 bdiet inizjattiva ta' tagħlim nisrani għas-soċjetà Maltija permezz tal-volumi **Knisja 2000**. Il-Provinċja ta' dak iż-żmien, taħt it-tmexxija ta' Patri Pawl Cremona OP, illum Arċisqof Emeritu, kienet tenniet li dan għandu jkun strument biex jgħin fil-formazzjoni prattika u attwali tal-persuni kollha bil-għatx li jiskopru aktar kif jistgħu jgħixu l-kelma ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum quddiem sfidi li jitfaċċaw.

**Knisja 2000** żammet dan l-appuntament u llum qed nipproponu lilek biex inti tabbona f'din l-enċiklopedija ta' tagħlim nisrani magħmula minn volumi li kull darba jittrattaw suġġett ta' morali, teoloġija, fidi u issues soċjali li jfeġġu fis-soċjetà Maltija.

aqta' hawn ✂

## Applikazzjoni Abbonamenti

KOMUNIKAZZJONI DUMNIKANA

- ☐ Nixtieq nabbona fi Knisja 2000 **għal sena** bil-prezz ta' €20
- ☐ Nixtieq nabbona **għal tliet snin** bil-prezz ta' €40
- ☐ Nixtieq li tibgħatli dawn il-**back numbers** bil-prezz ta' €5 għal kull volum

Isem

Indirizz

Kodiċi Postali

Telefon

E-mail

Back numbers li tixtieq:

**Ibgħat ċekk lil: FR RAYMOND GATT OP**
**Kunvent Patrijiet Dumnikani, Triq San Duminku, Valletta VLT 1603**